IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.9.2023
COM(2023) 570 final

ANNEX

**ANNESS**

***tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni***

**Rapport dwar l-istat tad-Deċennju Diġitali 2023**

{SWD(2023) 570 final} - {SWD(2023) 571 final} - {SWD(2023) 572 final} - {SWD(2023) 573 final} - {SWD(2023) 574 final}

# Werrej

Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: L-Awstrija ..... 2
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Belġju ..... 4
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Bulgarija ..... 6
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Ċipru ..... 8
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Kroazja ..... 10
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Iċ-Ċekja ..... 13
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Id-Danimarka ..... 16
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: L-Estonja ..... 18
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Finlandja ..... 20
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Franza ..... 23
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Ġermanja ..... 26
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Greċja ..... 29
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: L-Ungerija ..... 32
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: L-Irlanda ..... 35
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: L-Italja ..... 38
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Latvja ..... 41
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Litwanja ..... 44
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: il-Lussemburgu ..... 46
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Malta ..... 49
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: In-Netherlands ..... 52
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Polonja ..... 55
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Portugall ..... 58
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Ir-Rumanija ..... 61
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Is-Slovakkja ..... 63
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Is-Slovenja ..... 66
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Spanja ..... 69
Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: l-Iżvezja ..... 72

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: L-Awstrija

**L-Awstrija hija mistennija tagħmel kontribut pożittiv għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. L-Awstrija għandha prestazzjoni tajba fuq il-punti kardinali dwar il-ħiliet diġitali, l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali u s-servizzi pubbliċi diġitali. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi fl-infrastrutturi diġitali. Il-viżjoni tal-Awstrija "Awstrija Diġitali fl-2040-2050" hija l-punt tat-tluq għall-istrateġija ġenerali tad-diġitalizzazzjoni tal-Awstrija (Pjan ta' Azzjoni Diġitali tal-Awstrija) li hija allinjata mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.

L-Awstrija qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi stabbilit **Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar l-istabbiliment tal-Akkademja Ewropea tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Anke jekk l-Awstrija, bi 63 % li għandhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi, taqbeż b'mod sinifikanti l-medja tal-UE ta' 54 % f'dan l-indikatur, hemm lok għal titjib lejn il-mira tal-2030 li mill-anqas 80 % tal-popolazzjoni tilħaq il-livell bażiku ta' ħiliet diġitali. It-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol f'termini ta' ħiliet diġitali jikkontribwixxi wkoll biex jiġi indirizzat in-nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema tas-sengħa ("*Fachkräftemangel")* li qed tiffaċċa l-Awstrija. Il-litteriżmu diġitali huwa essenzjali biex jippermetti lin-nies jipparteċipaw fil-ħajja moderna u biex ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

L-Awstrija jonqosha speċjalisti tal-ICT. Skont l-aħħar "Rapport dwar l-Infrastruttura Awstrijaka", tnejn minn tliet maniġers ilmentaw dwar nuqqas ta' speċjalisti tal-IT fil-kumpanija tagħhom. Id-*data* disponibbli tappoġġa din il-perċezzjoni. Anke jekk is-sehem tal-Awstrija ta' speċjalisti tal-ICT fil-forza tax-xogħol (5 %) jaqbeż il-medja tal-UE (4,6 %), dan huwa baxx meta wieħed iqis il-kompożizzjoni tal-ekonomija Awstrijaka. Is-sehem ta' speċjalisti nisa tal-ICT, ta' 19,3 %, huwa wkoll kemxejn ogħla mill-medja tal-UE ta' 18,9 %.

***L-Awstrija għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali**, b'mod partikolari fit-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħha, speċjalment in-nisa, u, b'mod partikolari, fit-teknoloġiji avvanzati u emerġenti.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Għall-miri tad-Deċennju Diġitali relatati mal-konnettività, l-Awstrija turi stampa varjata: il-pajjiż qed joqrob malajr lejn il-kopertura tal-5G għaż-żoni popolati kollha (92 % fl-2022) iżda għadu 'l bogħod milli jilħaq konnettività fissa f'Gigabit għal kulħadd (55 % fl-2022).

L-Awstrija hija impenjata b'mod attiv fl-oqsma tal-mikroelettronika u tal-computing kwantistiku, u b'hekk tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-miri relatati. B'mod partikolari, l-Awstrija qed tipparteċipa fil-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni, b'sitt parteċipanti diretti li jiffokaw fuq l-effiċjenza enerġetika, il-karozzi u l-imballaġġ.

***L-Awstrija għandha taċċellera l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività**, speċjalment għall-introduzzjoni tal-fibra sal-binjiet fiż-żoni rurali. Dan jirrikjedi ż-żamma tal-livell ġenerali ta' ambizzjoni fil-pjan tal-broadband tal-Awstrija filwaqt li jiġi aġġornat il-pjan biex jiġi żgurat investiment immirat u effiċjenti mingħajr ma jfixkel is-suq u jittejbu l-kundizzjonijiet għall-investiment privat fiż-żoni rurali. Barra minn hekk, l-ostakli eżistenti għall-varar għandhom jitnaqqsu fil-kuntest tal-"Pjattaforma tal-Infrastruttura tal-Internet tal-Awstrija 2030" ("Plattform für Infrastrukturbau" PIA 2030).*

*Il-miżuri meħuda mill-Awstrija fil-qasam tas-semikondutturi u tal-computing kwantistiku għandhom ikomplu sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

B'żewġ terzi biss ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) li jilħqu tal-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali, l-Awstrija għadha 'l bogħod mill-mira tad-Deċennju Diġitali ta' 90 %. L-Awstrija għandha prestazzjoni ftit anqas mill-medja tal-UE f'dan l-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni. Hemm potenzjal mhux sfruttat fl-Awstrija biex ittejjeb il-produttività f'setturi speċifiċi billi żżid l-intensità diġitali. Fl-istess ħin, l-Awstrija tappoġġa lill-SMEs permezz ta' Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali nazzjonali u Ewropej u finanzjament. L-Awstrija wriet sitwazzjoni mħallta fl-adozzjoni tal-intelliġenza artifiċjali (IA), tas-servizzi tal-cloud u tal-big data. L-użu ta' servizzi ta' big data u cloud f'intrapriżi Awstrijaċi kien taħt il-medja tal-UE fl-2020 u fl-2021 rispettivament, għalkemm il-prestazzjoni tal-pajjiż kienet ogħla mill-medja tal-UE fl-IA fl-2021. L-Awstrija qed tippromwovi dawn it-teknoloġiji l-ġodda b'mod attiv, iżda dan jidher li għad irid jirriżulta f'avvanzi li jistgħu jitkejlu.

***L-Awstrija għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji.*** *Għandha tingħata attenzjoni lill-appoġġ tal-iżvilupp u l-varar ta' teknoloġiji avvanzati, inkluż il-big data, l-IA u l-cloud computing, b'mod partikolari, fl-SMEs, inkluż permezz tal-bini tal-kapaċitajiet u tal-għarfien.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Fir-rigward tad-disponibbiltà online tas-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini u għan-negozji, l-Awstrija għandha prestazzjoni tajba fis-servizzi nazzjonali, f'konformità mal-medja tal-UE. L-Awstrija stabbiliet strateġija speċifika tal-Gvern elettroniku u ħadet diversi azzjonijiet oħrajn. B'mod ġenerali, l-Awstrija qed tagħmel progress tajjeb fl-għoti ta' soluzzjonijiet tal-eID liċ-ċittadini tagħha. Barra minn hekk, il-pajjiż huwa minn ta' quddiem nett fis-saħħa elettronika, b'punteġġ ferm ogħla mill-medja tal-UE u jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali relatata mas-saħħa elettronika.

***L-Awstrija għandha taċċellera l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi.*** *B'mod partikolari, għandha timmonitorja l-użu effettiv tas-servizzi pubbliċi diġitali kif ukoll id-distakki possibbli.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Awstrija** |
|---|
| Aktar minn nofs il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tal-Awstrija (52,8 % li jikkorrispondi għal EUR 1,8 biljun), hija ddedikata għat-trasformazzjoni diġitali[1]. Fil-kuntest tal-ewwel pagament żborżat f'April 2023, l-Awstrija ssodisfat aktar minn 12-il stadju importanti u mira għall-miżuri diġitali, inklużi:<br>- il-konsenja ta' apparati diġitali għall-ħames u s-sitt klassi (l-ewwel u t-tieni sena tas-sekondarja tal-ewwel livell) tas-sena skolastika 2021/2022;<br>- it-twittija tal-bażi għall-miżura "KMU.E-Commerce", li tgħin lill-SMEs iżidu l-kapaċità tagħhom li jbigħu oġġetti u servizzi online, u l-miżura "KMU.DIGITAL", li tgħin lill-SMEs jiddiġitalizzaw;<br>- passi preparatorji għall-finanzjament tal-infrastrutturi u l-kollaborazzjonijiet tar-riċerka, bil-għan li tiġi estiża l-bażi tal-għarfien għall-iżvilupp ulterjuri tal-computing u x-xjenzi kwantistiċi;<br>- passi preparatorji għall-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni. |

[1] Abbażi tal-Anness VII tar-Regolament RRF. Barra minn hekk, saret valutazzjoni kwalitattiva tad-*data* biex tkun tista' ssir stima tal-kontribut possibbli tal-miżuri tal-RRF għall-miri tad-Deċennju Diġitali u l-parti li jifdal qed tappoġġa wkoll l-objettivi ġenerali tad-Deċennju Diġitali. Dan japplika għad-deskrizzjonijiet kollha tal-RRPs inklużi f'dan l-Anness.
L-informazzjoni pprovduta tirreferi għall-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif adottat mill-Kunsill qabel l-1 ta' Settembru 2023, mingħajr preġudizzju għar-reviżjonijiet potenzjali li għaddejjin tal-pjan.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Belġju

**Il-Belġju huwa mistenni jagħti kontribut pożittiv għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE.** Il-pajjiż tejjeb il-prestazzjoni tiegħu b'mod partikolari fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, iżda għadu lura fl-infrastruttura diġitali, għalkemm sar progress fl-introduzzjoni u fil-kopertura ġenerali tal-5G. Il-Belġju għandu prestazzjoni tajba fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, u qed javvanza sew fuq l-adozzjoni ta' għodod diġitali min-negozji. L-istrateġiji diġitali differenti fil-pajjiż, ikkoordinati fil-livell federali permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Deċennju Diġitali, huma allinjati mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.

Il-Belġju qed jikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar il-Ġenoma, biex ikun jista' jkun hemm aċċess transfruntier effettiv u sigur għar-repożitorji ta' settijiet ta' *data* ġenomiċi personali. Il-Belġju huwa wieħed mill-Istati Membri li ppreżentaw b'mod konġunt applikazzjoni formali biex jistabbilixxu s-Sħubija Ewropea tal-Blockchain u l-EDIC dwar l-Infrastruttura Ewropea tal-Blockchain, b'appoġġ għas-servizzi pubbliċi transfruntieri fl-UE kollha.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Kważi nofs il-popolazzjoni tal-Belġju ma għandhiex ħiliet diġitali bażiċi. Il-livell ta' ħiliet diġitali bażiċi fil-Belġju huwa fil-medja tal-UE ta' 54 %, iżda ferm taħt il-mira tad-Deċennju Diġitali ta' 80 %.

Is-sehem ta' speċjalisti tal-ICT fil-forza tax-xogħol Belġjana huwa ta' 5,6 %, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 4,6 %, minkejja għadd aktar baxx mill-medja ta' gradwati tal-ICT (2,8 % meta mqabbla ma' 4,2 %). Madankollu, bi 18,7 %, is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT huwa ftit anqas mill-medja tal-UE ta' 18,9 %.

***Il-Belġju għandu jaċċellera l-isforzi tiegħu fil-qasam tal-ħiliet diġitali**, b'mod partikolari l-ħiliet diġitali bażiċi. Għandha tingħata attenzjoni lit-titjib tal-koordinazzjoni tal-politika tal-edukazzjoni diġitali u lit-tishiħ tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-pajjiż kollu.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Il-Belġju żied l-għadd ta' unitajiet domestiċi koperti b'networks fissi b'kapaċità għolja ħafna għal 78 %, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 73 %. Minkejja t-titjib meta mqabbel mas-snin preċedenti, xorta għadu lura b'mod sinifikanti fil-kopertura tal-fibra sal-binjiet (17 % meta mqabbla ma' 56 %). Fir-rigward tal-kopertura ġenerali tal-5G u l-mira li tintlaħaq kopertura ta' 100 % sal-2030, il-Belġju għamel progress notevoli fejn mar minn 4 % fl-2021 għal 30 % fl-2022 fil-kopertura taż-żoni popolati. Madankollu, dan għadu ferm taħt il-medja Ewropea ta' 81 %. Dan huwa dovut l-aktar għall-finalizzazzjoni tard tal-irkant tal-ispettru tal-5G (għall-baned ta' bejn 700 MHz u 3.6 GHz), li rriżulta wkoll f'parteċipant ġdid fis-suq.

Il-Belġju kompla wkoll isaħħaħ ir-rwol ewlieni tiegħu fl-Ewropa fis-semikondutturi permezz tar-riċerka u l-iżvilupp billi jiffinanzja r-riċerka fil-qasam bl-IMEC, istitut ewlieni tar-riċerka dwar is-semikondutturi. Il-Belġju qed jikkontribwixxi għall-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni ma' parteċipanti assoċjati (li jirċievu għajnuna taħt il-limitu tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER)). Il-Belġju qed jipparteċipa wkoll bħala parti mill-Programm Ewropa Diġitali biex jistabbilixxi l-proġett Belgian-QCI, l-ewwel network "Quantum Key Distribution" fil-Belġju.

***Il-Belġju għandu jżid l-isforzi tiegħu b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività.** Għandu jiżgura koordinazzjoni aħjar biex tiġi appoġġata introduzzjoni aktar effiċjenti tal-fibra, b'mod partikolari bis-saħħa ta' uffiċċju ta' kompetenza tal-Broadband li jiffunzjona tajjeb. Il-Belġju għandu jkompli jnaqqas l-ostakli għall-varar, b'mod partikolari billi jissimplifika aktar il-proċeduri amministrattivi (inkluż l-għoti ta' permessi) u l-miżuri biex jingħata aċċess għall-infrastruttura tan-network, u jistimula l-użu mill-ġdid tal-infrastruttura eżistenti u l-varar kondiviż filwaqt li jsaħħaħ il-kompetizzjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-*

*kopertura tal-5G tkun adegwata għad-domandi tas-suq, huwa essenzjali li l-Belġju jivvaluta regolarment id-domanda tas-suq emerġenti għall-ispettru mhux assenjat li jifdal fil-banda ta' 26 GHz u jassenjaha meta jkun hemm id-domanda. Inizjattivi bħas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu koperti ż-żoni bojod huma importanti f'dan ir-rigward.*

*Il-miżuri meħuda mill-Belġju fil-qasam tas-semikondutturi u l-kwantistika għandhom jitkomplew sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Il-Belġju għandu prestazzjoni partikolarment tajba fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji. Għandu prestazzjoni qawwija f'dak li hu l-għadd ta' SMEs b'tal-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali (77 % meta mqabbla ma' 69 % fil-livell tal-UE). Il-Belġju kellu prestazzjoni 'l fuq mill-medja tal-UE b'rabta mal-użu tal-cloud computing, l-IA u l-big data u jinsab f'pożizzjoni tajba li jkompli jikkontribwixxi għall-miri tad-Deċennju Diġitali. B'mod partikolari, il-Belġju huwa ogħla mill-medja tal-UE kemm għall-big data kif ukoll għall-cloud, bi 23 % u 47 % tal-intraprizi li diġà adottawhom fl-2020 u fl-2021 rispettivament, meta mqabbel ma' 14 % u 34 % bħala medja tal-UE.

***Il-Belġju għandu jkompli jimplimenta l-politiki tiegħu fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**, b'mod partikolari biex irawwem l-isfruttament ta' soluzzjonijiet avvanzati ġodda tal-cloud min-negozji u b'mod partikolari mill-SMEs permezz ta' inizjattivi aktar imfassla apposta. Il-Belġju għandu jiżgura koordinazzjoni aħjar tal-miżuri fil-pajjiż biex jitnaqqsu l-frammentazzjoni u l-kostijiet għan-negozji.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Il-Belġju qed jagħmel progress relattivament tajjeb fis-servizzi pubbliċi diġitali. Il-pajjiż ikompli jitjieb fid-diġitalizzazzjoni ta' servizzi pubbliċi ewlenin online. Il-Belġju għandu prestazzjoni ogħla mill-medja Ewropea fis-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini (punteġġ ta' 81 meta mqabbel ma' 77) u għan-negozji (punteġġ ta' 88 meta mqabbel ma' 84). Fir-rekords tas-saħħa elettronika, il-Belġju għandu wkoll prestazzjoni konsiderevolment ogħla mill-medja tal-UE (punteġġ ta' 85 meta mqabbel ma' 72). Parti kbira mill-popolazzjoni tuża mill-anqas waħda mit-tliet skemi tal-eID disponibbli, bi tnejn mill-iskemi nnotifikati skont ir-Regolament eIDAS.

***Il-Belġju għandu jaċċellera l-isforzi tiegħu biex jiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, il-Belġju għandu jtejjeb il-firxa ta' data li tkun aċċessibbli biex jiġi żgurat li jiġi pprovdut aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa b'sett minimu aġġornat f'waqtu ta' data relatata mas-saħħa, maħżuna f'sistemi elettroniċi pubbliċi u privati tar-rekords tas-saħħa. Għandu jkompli jsaħħaħ il-kollaborazzjoni u l-allinjament tal-gvernijiet amministrattivi differenti involuti, biex ikompli jtejjeb l-interoperabbiltà, l-effettività u d-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi online.*

**Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Belġju**

L-RRP tal-Belġju jalloka EUR 1,6 biljun (27 %) tal-allokazzjoni finanzjarja totali tiegħu għall-aspett diġitali, li minnhom EUR 1,4 biljun huma mistennija jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[2]. Il-pjan jinkludi miżuri li jiffokaw fuq il-ħiliet Diġitali, l-infrastruttura Diġitali u l-konnettività, iċ-ċibersigurtà, u d-Diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. B'mod partikolari, il-miżuri se jappoġġaw l-aġġornament tal-infrastruttura tal-ICT fl-iskejjel u/jew fl-istituzzjonijiet edukattivi, fil-korsijiet ta' taħriġ diġitali, fl-introduzzjoni tal-5G u fl-irkant tal-5G. Il-Belġju għadu ma ppreżentax talba għal pagament.

[2] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Bulgarija

**Il-Bulgarija għandha ambitu biex ittejjeb il-prestazzjoni tagħha fit-tranżizzjoni diġitali u biex tikkontribwixxi għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. Filwaqt li l-Bulgarija tkompli tikseb prestazzjoni tajba fil-konnettività kemm fin-networks b'kapaċità għolja ħafna (VHCN) kif ukoll fil-fibra sal-binjiet (FTTP), id-distribuzzjoni mhux uniformi tal-infrastruttura diġitali fiż-żoni rurali tirrikjedi aktar attenzjoni. Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' servizzi pubbliċi diġitali għadu baxx u huma meħtieġa miżuri mmirati, b'mod partikolari biex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv li jitqiegħed fuq il-kumpaniji. Għandhom isiru sforzi sinifikanti fil-promozzjoni tal-ħiliet diġitali.

Il-Bulgarija qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi stabbilit **Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar il-Ġenoma, biex ikun jista' jkun hemm aċċess transfruntier effettiv u sigur għar-repożitorji ta' settijiet ta' *data* ġenomiċi personali.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Madwar terz biss tal-popolazzjoni tal-Bulgarija ta' bejn is-16 u l-74 sena għandha mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi. 8 % biss tal-popolazzjoni tal-Bulgarija għandha ħiliet diġitali ogħla mill-ħiliet diġitali bażiċi.

Il-Bulgarija hija mistennija tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-mira tad-Deċennju Diġitali rigward l-ispeċjalisti tal-ICT. Għalkemm il-Bulgarija għandha sehem baxx ta' speċjalisti tal-ICT (3,8 % meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 4,6 %), hija l-pajjiż tal-UE bl-ogħla sehem ta' nisa li jaħdmu bħala speċjalisti tal-ICT (28,9 % meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 18,9 %). Is-sehem tal-gradwati tal-ICT fil-pajjiż huwa ta' 4,9 %, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 4,2 %.

***Il-Bulgarija għandha żżid b'mod sinifikanti l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *B'mod partikolari, il-Bulgarija għandha tiżgura approċċ ta' gvern sħiħ biex tikkoordina b'mod aktar effettiv u effiċjenti l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika tal-edukazzjoni diġitali u ssaħħaħ l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Għandha żżid it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, inkluż billi timmobilizza l-fondi tal-UE jew billi tuża l-Istrument Ewropew ta' Appoġġ Tekniku biex tiżviluppa, twettaq u tevalwa programmi li jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi ta' apprendiment tal-adulti.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Il-Bulgarija għamlet progress tajjeb ħafna fil-konnettività tal-broadband fiss. Il-konnessjonijiet tal-fibra sal-binjiet tjiebu b'mod sinifikanti anke meta mqabbla mal-prestazzjoni tas-sena l-oħra (minn 81 % għal 86 %), li kienet diġà ogħla mill-medja tal-UE ta' 56 %. Madankollu, l-adozzjoni tal-konnettività f'Gigabit għadha baxxa ħafna b'0,8 %. L-introduzzjoni tal-5G mobbli bdiet miexja u l-kopertura żdiedet għal 67 % fl-2022. Fir-rigward tal-baned tal-ispettru pijunieri tal-5G li jippermettu prestazzjoni mtejba, l-assenjament tal-ispettru tlesta f'Diċembru 2022 għall-baned ta' 700 MHz u 800 MHz, li jikkomplementaw il-liċenzji tal-baned ta' 3.6 GHz u 26 GHz li kienu nħarġu qabel lill-operaturi tan-networks mobbli. Il-Bulgarija tipparteċipa wkoll fi proġetti multinazzjonali, b'mod partikolari fir-Roaming bla Xkiel 5G għall-Kuritur Transfruntier bejn il-Greċja u l-Bulgarija (5G SEAGUL).

Fir-rigward ta' infrastruttura diġitali oħra, il-Bulgarija diġà ħolqot grupp ta' ħidma ta' esperti dwar is-semikondutturi biex jiskambjaw prattiki tajbin u jaqsmu l-għarfien espert għat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-politika pubblika fil-qasam tal-mikroelettronika. Il-Bulgarija qed tipparteċipa b'mod attiv fi proġett għat-tfassil ta' pjan nazzjonali fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni kwantistika (QCI) fil-kuntest tal-EuroQCI.

***Il-Bulgarija għandha taċċellera l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività,*** *b'mod partikolari billi tieħu miżuri biex tinċentiva l-adozzjoni tal-konnettività f'Gigabit u taċċellera l-introduzzjoni tal-5G.*

*Il-miżuri meħuda mill-Bulgarija fil-qasam tas-semikondutturi u tal-computing kwantistiku għandhom ikomplu sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

It-trasformazzjoni diġitali tan-negozji fil-Bulgarija għadha lura b'mod sinifikanti meta mqabbla ma' pajjiżi oħrajn tal-UE u għalhekk il-pajjiż jeħtieġ sforzi sostanzjali biex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-mira tad-Deċennju Diġitali. Is-sehem tal-intrapriżi li jużaw is-servizzi tal-cloud computing kien wieħed mill-aktar baxxi fost il-pajjiżi tal-UE, iżda l-adozzjoni tal-IA u tal-big data dan l-aħħar żdiedet. Il-Programm "Kompetittività u Innovazzjoni fl-Intrapriżi 2021–2027" stabbilixxa għanijiet strateġiċi biex jiġi pprovdut finanzjament għall-innovazzjoni lin-negozji u jingħata appoġġ lill-innovazzjoni, lill-kompetittività u lit-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika. Il-programm huwa mibni madwar tliet prijoritajiet: (i) l-innovazzjoni u t-tkabbir, (ii) l-ekonomija ċirkolari, u (iii) il-konnettività diġitali. Fl-2022, il-Bulgarija implimentat miżuri strateġiċi biex tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-SMEs bil-programm nazzjonali ta' Trasformazzjoni Ekonomika.

***Il-Bulgarija għandha żżid b'mod sinifikanti l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**, u b'mod partikolari, għandha tieħu azzjoni ulterjuri biex iżżid l-intensità diġitali ġenerali fl-SMEs u l-adozzjoni ta' servizzi tal-cloud* computing*, tal-big data u tal-intelliġenza artifiċjali*.

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Il-Bulgarija għandha prestazzjoni taħt il-medja tal-UE għall-biċċa l-kbira tal-miri fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. Il-progress fis-servizzi pubbliċi diġitali kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji għadu baxx. Il-perċentwal tal-utenti tal-Gvern elettroniku huwa aktar baxx mill-medja tal-UE. Iżda l-aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika huwa ogħla mill-medja tal-UE (77 meta mqabbel ma' 72). F'Jannar 2023, tlesta l-aġġornament tal-portal Uniku għall-aċċess għas-servizzi amministrattivi elettroniċi. Il-funzjonalitajiet ewlenin tal-portal il-ġdid se jiżguraw li s-servizzi pubbliċi jkunu allinjati mal-qafas ta' interoperabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea. Ġie konkluż kuntratt biex tinħareġ skema nazzjonali tal-eID f'konformità mar-Regolament eIDAS, li se tissostitwixxi l-iskema l-antika. Il-Bulgarija tipparteċipa wkoll fi proġett transfruntier, iffinanzjat mill-programm Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, biex tistabbilixxi servizz transfruntier ġeneriku għall-kura tas-saħħa elettronika.

***Il-Bulgarija għandha taċċellera l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, għandha toħloq sensibilizzazzjoni dwar is-*servizzi *pubbliċi li huma disponibbli online għall-utenti kollha tal-internet.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Bulgarija** |
|---|
| L-RRP Bulgaru jammonta għal EUR 6,27 biljun. 25,8 % minnu (EUR 1,6 biljun) huma ddedikati għat-trasformazzjoni diġitali, li minnhom EUR 1,01 biljun huma mistennija jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[3]. Fil-kuntest tal-ewwel talba għal pagament, il-Bulgarija laħqet 11-il stadju importanti u mira. Ħafna minnhom kienu relatati ma' miżuri fil-qasam diġitali, bħat-tnaqqis tat-tariffi tal-ispettru, bidliet leġiżlattivi li jimplimentaw rakkomandazzjonijiet skont is-Sett ta' Għodod għall-Konnettività, u l-għoti ta' kuntratti għall-iżvilupp tas-sistema TETRA u tan-network tar-rilej tar-radju. Fir-rigward tat-tieni talba għal pagament, il-Bulgarija hija mistennija tilħaq is-66 stadju importanti u mira mit-total tat-346 fil-pjan Bulgaru. |

[3] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Ċipru

**Ċipru għandu potenzjal diġitali mhux sfruttat biex jikkontribwixxi aktar għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. Il-pajjiż ħa għadd ta' passi lejn it-titjib tal-prestazzjoni diġitali tiegħu u reċentement stabbilixxa l-Viċi Ministeru tar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Politika Diġitali (DMRID) bi rwol ċentrali ta' koordinazzjoni għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Diġitali għal Ċipru 2020-2025, li hija allinjata b'mod wiesa' mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali. Il-progress ma huwiex distribwit b'mod ugwali fid-dimensjonijiet differenti tad-Deċennju Diġitali. Ċipru qed jagħmel progress tajjeb fil-ħiliet diġitali, iżda huma meħtieġa aktar sforzi fid-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u b'rabta mal-konnettività.

Ċipru qed jikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar l-istabbiliment tal-Akkademja Ewropea tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà.

### *ĦILIET DIĠITALI*

50 % biss tal-popolazzjoni f'Ċipru għandhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi, li huwa 4 punti perċentwali taħt il-medja tal-UE. Madankollu, fl-2022, diversi inizjattivi biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u jsaħħu l-idoneità u l-kapaċità diġitali tan-nies kienu għaddejjin taħt il-kappa tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Ħiliet Diġitali 2021-2025**.** L-objettiv ta' Ċipru, bl-appoġġ tal-RRF, huwa li jtejjeb il-ħiliet diġitali fil-gruppi kollha tal-popolazzjoni, inkluż it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol.

Ċipru juri impenn li jikkontribwixxi għall-isforz kollettiv biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali għall-ispeċjalisti tal-ICT. Fil-fatt, fl-2022, Ċipru laħaq il-medja tal-UE ta' speċjalisti tal-ICT fl-impjieg (4,6 %). Barra minn hekk, bi 21,6 %, is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 18,9 %.

***Ċipru għandu jaċċellera l-isforzi tiegħu fil-qasam tal-ħiliet diġitali**, billi jpoġġi enfasi speċjali fuq it-taħriġ ta' persuni li għandhom aktar minn 55 sena* u *persuni vulnerabbli oħrajn u dan għandu jikkontribwixxi għat-titjib tal-livell ġenerali tal-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni. Filwaqt li jibnu fuq is-Sena tal-Ħiliet, huma meħtieġa azzjonijiet immirati għas-sensibilizzazzjoni dwar il-korsijiet ta' taħriġ disponibbli għall-popolazzjoni biex jintlaħqu l-objettivi u l-miri tad-Deċennju Diġitali.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Fil-qasam tal-konnettività, il-pjanijiet għal introduzzjoni komprensiva ta' networks fissi u mobbli, flimkien ma' pjanijiet għall-promozzjoni tal-adozzjoni tal-fibra, bdew juru l-ewwel riżultati. Iż-żieda fil-kopertura b'networks fissi b'kapaċità għolja ħafna (VHCN) hija sostanzjali, b'Ċipru jilħaq 60 % fl-2022 (minn 41 % fl-2021). Dan naqqas id-diskrepanza għall-medja tal-UE għal 13-il punt perċentwali biss. Il-5G issa jkopri 100 % taż-żoni popolati f'Ċipru, u dan huwa ogħla, b'mod sinifikanti, mill-medja tal-UE ta' 81 %. Madankollu, il-banda ta' 26 GHz għadha ma ġietx assenjata.

Rigward is-semikondutturi avvanzati, Ċipru huwa fost l-Istati Membri li ffirmaw id-dikjarazzjoni konġunta dwar il-ġenerazzjoni li jmiss ta' proċessuri u teknoloġiji tas-semikondutturi. Madankollu, il-kontribut tal-pajjiż għall-valur tal-produzzjoni fis-semikondutturi huwa limitat. Ċipru huwa attiv fil-qasam tal-computing kwantistiku u jipparteċipa fil-Computing Ewropew ta' Prestazzjoni Għolja (EuroHPC JU).

***Ċipru għandu jaċċellera l-isforzi tiegħu dwar l-infrastruttura tal-konnettività**,* b'mod partikolari b'rabta man-*networks fissi b'kapaċità għolja ħafna*. *Barra minn hekk, Ċipru għandu jivvaluta regolarment id-domanda emerġenti tas-suq għall-ispettru mhux assenjat li jifdal fil-banda ta' 26 GHz sabiex jassenjah meta tinqala' d-domanda, f'*kundizzjonijiet *li jwasslu għall-investiment.*

*Il-miżuri meħuda minn Ċipru fil-qasam tal-infrastrutturi diġitali, b'mod partikolari fis-semikondutturi u fil-computing kwantistiku, għandhom jitkomplew sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Is-sehem tal-SMEs f'Ċipru b'tal-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali huwa ta' 70 %, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 69 %. Dwar l-użu ta' teknoloġiji diġitali avvanzati, is-sitwazzjoni hija mħallta. 42 % tal-intrapriżi użaw is-servizzi tal-cloud fl-2021. Dan huwa tmien punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE ta' 34 %, iżda xorta għadu taħt il-mira tal-UE ta' 75 % għall-2030. 6 % biss tal-intrapriżi użaw analiżi tal-big data fl-2020, li huwa inqas mill-medja tal-UE ta' 14 %, u 3 % biss użaw l-IA fl-2021, għal darb'oħra inqas mill-medja tal-UE ta' 8 %. Fl-2022, il-Ministeru tal-Enerġija, il-Kummerċ u l-Industrija (MECI) nieda diversi programmi ta' finanzjament biex jiffaċilita t-tranżizzjoni diġitali tal-intrapriżi. Bħala parti minn wieħed minn dawn il-programmi, tnieda l-"Aġġornament Diġitali tal-Intrapriżi", l-ewwel sejħa għal proposti li għandha l-għan li tħeġġeġ l-investimenti fl-intraprenditorija diġitali u ssaħħaħ l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fl-intrapriżi. Ċipru u l-Fondazzjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (RIF) nedew ukoll l-Inizjattiva għat-Trasferiment tal-Għarfien u l-Innovazzjoni.

***Ċipru għandu jaċċellera l-isforzi tiegħu fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. B'mod partikolari, l-implimentazzjoni rapida tal-azzjonijiet tal-RRP u l-introduzzjoni ta' diversi skemi ta' appoġġ se jikkontribwixxu biex itejbu l-perċentwal ta' intrapriżi, li jistgħu jibbenefikaw mill-adozzjoni ta' teknoloġiji emerġenti b'mod partikolari l-big data u l-IA.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Ċipru kien konsistenti fit-teħid tal-miżuri meħtieġa biex jittejjeb il-forniment ta' servizzi pubbliċi diġitali. Is-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini għamlu progress iżda l-prestazzjoni għadha 13-il punt taħt il-punteġġ medju tal-UE ta' 77. Madankollu, fir-rigward tas-servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji, Ċipru għandu punt ogħla mill-punteġġ medju tal-UE ta' 84. Fl-2022, Ċipru żviluppa l-Fabbrika tas-Servizzi Diġitali (DSF), li hija l-inizjattiva strateġika ewlenija biex tittejjeb it-trasformazzjoni diġitali tal-gvern. Il-pajjiż żviluppa wkoll skema tal-eID li se żżid l-iżvilupp u d-distribuzzjoni tal-eIDs għal kulħadd f'Ċipru. Il-punteġġ ta' Ċipru għall-aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika huwa ta' 70, li huwa biss ftit taħt il-medja tal-UE ta' 72. Fl-2023, il-Ministeru tas-Saħħa ħareġ digriet li jobbliga lill-forniturі kollha jirreġistraw id-*data* dwar is-saħħa b'mod elettroniku.

***Ċipru għandu jaċċellera l-isforzi tiegħu biex jiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, għandu jieħu miżuri li jkomplu jtejbu l-interoperabbiltà, l-effettività u d-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi online.*

#### Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) ta' Ċipru

L-RRP ta' Ċipru jiddedika EUR 282,2 miljun (23 %) għat-tranżizzjoni diġitali, u EUR 261,9 miljun minnhom huma mistennija jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[4]. Fil-25 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni Ewropea approvat valutazzjoni pożittiva tal-ewwel talba għal pagament ta' Ċipru għal EUR 85 miljun (EUR 97 miljun jekk jiġi inkluż prefinanzjament) f'għotjiet. F'din it-talba ġew inklużi xi stadji importanti diġitali: pereżempju, id-diġitalizzazzjoni fil-gvern ċentrali u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-ħiliet elettroniċi. Stadji importanti u miri oħrajn huma mistennija wkoll jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali fis-snin li ġejjin: pereżempju, miżuri biex jespandu network b'kapaċità għolja ħafna, joħolqu ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja li jippermetti l-fintech u jimplimentaw politika tal-cloud ġdida għas-sistemi u s-servizzi tal-IT tal-gvern rilevanti għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi.

[4] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Kroazja

**Il-Kroazja għandha potenzjal diġitali mhux sfruttat biex tikkontribwixxi aktar għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE.** It-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà tal-Kroazja qed tavvanza b'mod sinifikanti u l-biċċa l-kbira tal-kontribut tagħha għall-ilħuq tal-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE huwa mistenni jsir fl-oqsma tal-kopertura tal-fibra u fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji. Għad hemm bżonn ta' aktar sforzi fil-ħiliet diġitali, għalkemm kien hemm titjib. Il-progress fis-servizzi pubbliċi online u fl-adozzjoni ta' servizzi tal-gigabits huwa aktar limitat. Il-Kroazja stabbiliet inizjattivi diġitali ġodda bħall-Istrateġija tal-Kroazja Diġitali lejn l-2032, l-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp sal-2030 u l-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (NPOO), li huma allinjati mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.

Il-Kroazja qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar: (i) Il-Ġenoma, sabiex ikun permess l-aċċess transfruntier effettiv u sigur għar-repożitorji tas-settijiet tad-*data* ġenomiċi personali; (ii) Servizzi ta' Trasformazzjoni Interkonnessi Innovattivi tal-Amministrazzjoni Pubblika Massiva, biex tiġi żviluppata ġenerazzjoni ġdida ta' servizzi transfruntieri avvanzati; u (iii) l-istabbiliment ta' Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, biex tiġi żviluppata infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali u mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi. Il-Kroazja hija wieħed mill-Istati Membri li ppreżentaw b'mod konġunt applikazzjoni formali biex jistabbilixxu s-Sħubija Ewropea tal-Blockchain u l-EDIC dwar l-Infrastruttura Ewropea tal-Blockchain, b'appoġġ għas-servizzi pubbliċi transfruntieri madwar l-UE.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Filwaqt li l-Kroazja qed tagħmel progress fil-ħiliet diġitali, b'madwar 63 % tan-nies għandhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi u prestazzjoni ogħla mill-medja tal-UE ta' 54 %, huma meħtieġa aktar sforzi b'mod partikolari biex jiżdied l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT. Is-sehem ta' speċjalisti tal-ICT mill-impjiegi totali huwa taħt il-medja tal-UE (3,7 % meta mqabbel ma' 4,6 %). Barra minn hekk, is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT ta' 14,5 %, huwa fost l-aktar baxxi fl-UE, u ħafna anqas mill-medja tal-UE ta' 18,9 %. Din is-sitwazzjoni jeħtieġ li titjieb fid-dawl tal-mira tad-Deċennju Diġitali**.**

***Il-Kroazja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *B'mod partikolari, il-Kroazja għandha żżid il-kapaċità tas-sistema edukattiva tagħha biex tħarreġ aktar speċjalisti tal-ICT u tieħu azzjoni biex iżżomm dawn il-professjonisti fis-suq tax-xogħol filwaqt li tattira t-talent. Il-Kroazja għandha tħeġġeġ aktar studenti jispeċjalizzaw fl-ICT billi timplimenta azzjonijiet speċifiċi, marbuta biż-żmien u li jistgħu jitkejlu, filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali biex jiżdied l-għadd ta' professjonisti taċ-ċibersigurtà.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Mill-2018 il-Kroazja għamlet xi progress fl-introduzzjoni ta' infrastrutturi diġitali ta' linja fissa , b'mod partikolari bi skjerament sinifikanti tan-network tal-fibra tagħha, minn 39 % għal 54 %, fil-perjodu ta' rapportar kurrenti. Madankollu, it-titjib fl-adozzjoni tas-servizzi tal-broadband huwa limitat. L-adozzjoni tas-servizz tan-network mobbli tal-Kroazja għadha baxxa minkejja titjib sostanzjali fil-kopertura tal-5G, minn 34 % għal 82 %. Il-Kroazja għamlet progress fil-liċenzjar fil-livell nazzjonali u reġjonali ta' tliet baned pijunieri tal-5G u l-kopertura tal-5G fuq il-banda tal-ispettru ta' 3.4-3.8 GHz laħqet 37 % (medja tal-UE - 41 %). Fir-rigward ta' infrastruttura diġitali oħra, il-Kroazja tikkollabora b'mod intensiv ma' Stati Membri oħrajn tal-UE fil-kuntest tal-Impriża Konġunta tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni kwantistika.

***Il-Kroazja għandha taċċellera l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività,*** *b'mod partikolari billi tieħu* azzjoni addizzjonali biex tappoġġa d-domanda u l-adozzjoni ta' servizzi tal-*gigabits*

*u tkompli żżid l-isforzi tagħha b'rabta mal-introduzzjoni tal-konnettività f'Gigabit, speċjalment l-introduzzjoni tal-fibra sal-binjiet fiż-żoni rurali. L-implimentazzjoni rapida tal-miżuri ffinanzjati mill-RRF u mill-FEŻR hija importanti ħafna.*

*Il-miżuri meħuda mill-Kroazja fil-qasam tal-computing kwantistiku għandhom jitkomplew sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Fl-2022 il-Kroazja kellha prestazzjoni ftit ogħla mill-medja tal-UE f'termini tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, inkluż fir-rigward tal-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, iżda għad hemm potenzjal mhux sfruttat għat-titjib tal-intensità diġitali tal-SMEs. Il-Kroazja, fejn hemm żewġ unicorns, trawwem inizjattivi ta' riċerka u innovazzjoni fid-diġitalizzazzjoni biex tikkontribwixxi għall-għan tal-UE li jiżdied it-tkabbir u jiġi rduppjat l-għadd ta' unicorns tal-UE. Il-Kroazja qed tiffinanzja wkoll miżuri li jappoġġaw iċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali (DIHs) bħal CROBOHUBplusplus (Spinta lill-Industrija u lis-Soċjetà Kroata), AI4HEALTH.Cro (Intelliġenza Artifiċjali għall-Kura tas-Saħħa u l-Mediċina Intelliġenti) u JURK EDIH (Trasformazzjoni Diġitali tal-Kroazja Ċentrali u tal-Adrijatiku tat-Tramuntana).

***Il-Kroazja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. B'mod partikolari, għandha toħloq sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, tipprovdi appoġġ pubbliku għal workshops u taħriġ, iżżid il-parteċipazzjoni fi skemi (ta' finanzjament) eżistenti, speċjalment fost l-SMEs. Il-Kroazja għandha tintensifika l-isforzi tagħha biex tappoġġa l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet avvanzati affidabbli, siguri u sovrani, speċjalment għall-IA, il-cloud, il-big data, inkluż permezz tad-disponibbiltà ta' appoġġ legali u tekniku u proċeduri ta' akkwist.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Il-Kroazja għadha lura fis-servizzi pubbliċi diġitali, b'mod partikolari f'termini ta' servizzi għan-negozji (67 meta mqabbel ma' 84 bħala medja tal-UE) u f'termini ta' modernizzazzjoni ġenerali tas-servizzi pubbliċi tagħha b'soluzzjonijiet diġitali innovattivi. Madankollu, il-Kroazja għandha prestazzjoni tajba f'termini ta' aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa, b'punteġġ ta' 86 meta mqabbel ma' 72 fil-livell tal-UE. Sal-aħħar tal-2022, il-Kroazja implimentat il-proġett "Popolarizzazzjoni tal-EHR (Rekords Elettroniċi tas-Saħħa)", u b'hekk ippermettiet l-interoperabbiltà mas-Sistema Ċentrali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa (CEZIH). Il-Kroazja għandha karta tal-identità elettronika (eID) waħda nnotifikata skont ir-regolament eIDAS.

***Il-Kroazja għandha żżid l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, għandha tieħu passi ulterjuri biex ittejjeb il-faċilità tal-użu tas-servizzi pubbliċi online, inkluż it-titjib tal-appoġġ għall-utenti. Il-Kroazja għandha żżid l-isforzi biex iżżid l-investimenti fl-akkwist pubbliku fl-iżvilupp, fl-ittestjar u fl-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi u biex tnaqqas id-distakk bejn il-gvernijiet lokali u reġjonali u l-gvernijiet ċentrali.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Kroazja** |
|---|
| Il-Pjan Kroat għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiddedika EUR 1,3 biljun għat-trasformazzjoni diġitali u EUR 841 miljun huma mistennija jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[5]. Fl-ewwel talba għal pagament, il-Kroazja laħqet 34 stadju importanti u mira inkluż b'rabta mat-trasformazzjoni diġitali tal-agrikoltura u l-proċess tar-rinnovazzjoni tal-enerġija. Għat-tieni talba għal pagament, il-Kroazja laħqet 25 stadju importanti u mira, relatati ma' pjattaforma diġitali ġdida għall-pagamenti online, l-adozzjoni ta' atti legali biex jiġu aċċellerati n-networks tal-broadband, inkluża s-simplifikazzjoni tal-proċess ta' liċenzjar/awtorizzazzjoni, l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-informazzjoni għall-forniment ta' servizzi pubbliċi online. L-istadji importanti u l-miri li mistennija jiġu ssodisfati fl-2023 jinkludu d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi |

[5] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

pubbliċi (punt uniku ta’ servizz għas-servizzi tal-helpdesk pubbliku elettroniku u l-proġett tal-introduzzjoni tal-karti tal-identità diġitali).

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Iċ-Ċekja

**Iċ-Ċekja għandha potenzjal diġitali mhux sfruttat biex tikkontribwixxi aktar għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE.** Iċ-Ċekja tipparteċipa f'ħafna proġetti multinazzjonali u għandha l-ambizzjoni li ssir attur ewlieni f'teknoloġiji tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku bħall-kwantistika u l-mikroċipep. Hemm ukoll enfasi qawwija fuq it-tisħiħ tal-ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati u ċ-Ċeki qed ikollhom dejjem aktar ħiliet u qed ikunu dejjem aktar involuti fis-soċjetà bis-saħħa ta' servizzi pubbliċi online ġodda. Madankollu, f'termini ta' diġitalizzazzjoni tan-negozji u tal-konnettività, iċ-Ċekja għadha lura. L-intrapriżi Ċeki għadhom qed ibatu biex jimpjegaw esperti tal-ICT u jibbenefikaw bis-sħiħ mid-diġitalizzazzjoni. Il-kopertura limitata ta' networks fissi b'kapaċità għolja ħafna tkompli tfixkel il-progress, speċjalment fiż-żoni rurali. L-istrateġija taċ-Ċekja Diġitali kienet għaddejja minn reviżjoni gradwali biex tiġi allinjata mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.

Iċ-Ċekja qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** fuq: (i) Il-Ġenoma, sabiex ikun permess l-aċċess transfruntier effettiv u sigur għar-repożitorji tas-settijiet tad-*data* ġenomiċi personali; u (ii) il-proġett "Tewmin Diġitali Lokali f'Network Lejn CitiVerse", bl-użu ta' teknoloġiji ta' tfixkil u immersivi għal proġetti futuri relatati mal-bliet.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Fiċ-Ċekja, 60 % tal-popolazzjoni għandha ħiliet diġitali bażiċi, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 54 %. Madankollu, iċ-Ċekja hija nieqsa minn speċjalisti tal-ICT. L-ispeċjalisti tal-ICT fiċ-Ċekja jirrappreżentaw biss 4,5 % taċ-ċifri totali tal-impjiegi, kemxejn taħt il-medja tal-UE. Barra minn hekk, 10,9 %, is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT huwa l-aktar baxx fl-UE, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 18,9 %. L-intrapriżi għadhom ibatu min-nuqqas ta' din il-forza tax-xogħol speċjalizzata. Biex jgħin biex titħaffef l-adozzjoni tal-ħiliet diġitali u biex jiżdied l-għadd ta' persuni li jfittxu karrieri fl-ICT, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport introduċa programm ġdid biex jappoġġa l-edukazzjoni diġitali fl-iskejjel Ċeki kollha.

***Iċ-Ċekja għandha tkompli bl-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali**, u b'mod partikolari **taċċellera dawk meħtieġa biex tintlaħaq il-mira tal-ispeċjalisti tal-ICT**, billi tibda tagħmel l-aħjar użu mill-finanzjament immobilizzat bħala parti mill-RRF, b'mod partikolari għall-edukazzjoni u t-taħriġ STEM. Iċ-Ċekja għandha tagħti attenzjoni wkoll biex iżżid l-għadd ta' esperti taċ-ċibersigurtà. Iċ-Ċekja għandha wkoll tagħti spinta lit-titjib u lit-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari f'teknoloġiji avvanzati u emerġenti.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

B'mod ġenerali, il-progress taċ-Ċekja fil-konnettività fissa kien limitat (kopertura ta' 53 % meta mqabbla ma' 52 % fl-2021), u l-kopertura tibqa' ferm taħt il-medja tal-UE ta' 73 %. Parti kbira mill-popolazzjoni taċ-Ċekja ma għandhiex aċċess għal konnessjoni tal-fibra (63 % meta mqabbla ma' 44 % bħala medja fl-UE). Min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-servizzi mobbli, iċ-Ċekja rnexxielha tilħaq kopertura tal-5G ogħla mill-medja tal-UE. Iċ-Ċekja tipparteċipa f'diversi inizjattivi pan-Ewropej dwar teknoloġiji ewlenin, inkluż il-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni, b'erba' parteċipanti diretti li jiffokaw fuq il-cores minn sors miftuħ, l-edge AI u l-karozzi. Din tappoġġa wkoll ir-riċerka u l-innovazzjoni u qed tospita l-ewwel Kompjuters Ewropej ta' Prestazzjoni Għolja bħala parti mill-inizjattiva tal-Impriża Konġunta Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja filwaqt li hija parti min-network tal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni Kwantistika Ewropea.

***Iċ-Ċekja għandha taċċellera l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività**, speċjalment l-introduzzjoni tal-fibra sal-binjiet fiż-żoni rurali. L-implimentazzjoni rapida tal-miżuri bħala parti mill-RRF u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali hija rilevanti ħafna. Iċ-Ċekja għandha tkompli tintroduċi l-5G inkluż billi tlesti l-assenjar, li suppost diġà sar, tal-ispettru tar-radju fil-baned pijunieri tal-5G. Iċ-*

*Ċekja għandha tivvaluta regolarment id-domanda emerġenti tas-suq għall-ispettru mhux assenjat li jifdal fil-banda ta' 26 GHz (biex tinċentiva u tiffaċilita l-introduzzjoni ta' servizzi 5G għal applikazzjonijiet avvanzati) u tassenjah meta tinqala' d-domanda. Il-miżuri meħuda miċ-Ċekja fil-qasam tas-semikondutturi u tal-computing kwantistiku għandhom jitkomplew sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Iċ-Ċekja għadha 'l bogħod mill-mira tad-Deċennju Diġitali ta' użu tal-cloud computing, tal-big data jew tal-IA minn mill-anqas 75 % tal-intrapriżi. Fl-2022, il-proporzjon ta' SMEs b'tal-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali kien ta' 68 %, kemxejn taħt il-medja tal-UE ta' 69 %. Ħlief għall-użu tal-cloud computing, il-valur tal-indikaturi rilevanti s'issa kien ukoll taħt il-medja tal-UE. Fl-2020, 9 % biss tal-intrapriżi Ċeki użaw teknoloġiji ta' big data (UE 14 %), filwaqt li fl-2021 40 % tal-intrapriżi użaw servizzi ta' cloud u 5 % tal-intrapriżi użaw teknoloġiji tal-IA. Madankollu, hemm ħafna inizjattivi pubbliċi li qed jgħinu l-għadd dejjem jikber ta' negozji ġodda Ċeki. L-aġenzija tal-istat għandha l-għan li tappoġġa sa 250 negozju ġdid innovattiv b'CZK 850 miljun (EUR 36,2 miljun) matul il-5 snin li ġejjin. Iċ-Ċekja diġà għandha erba' unicorns.

***Iċ-Ċekja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. B'mod partikolari, għandha tiffaċilita l-aċċess għal teknoloġiji avvanzati u ssaħħaħ il-politiki u l-inċentivi biex tiġi mħeġġa d-diġitalizzazzjoni tan-negozji, speċjalment l-SMEs, permezz ta' miżuri sostnuti u komplementari, inkluż l-aċċess għat-taħriġ, filwaqt li toħloq sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tat-trasformazzjoni diġitali.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Porzjon sostanzjali tal-utenti tal-internet Ċeki jaċċessaw is-servizzi pubbliċi online (86 % meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 74 %). Madankollu, il-punteġġi għat-trasparenza, għall-aċċessibbiltà fuq apparati mobbli u għall-appoġġ għall-utent huma taħt il-medja tal-UE. Il-gvern Ċek fassal u implimenta b'suċċess sistema ta' identifikazzjoni elettronika li tippermetti liċ-ċittadini jaċċessaw is-servizzi pubbliċi online billi jużaw il-karti tal-identità elettroniċi tagħhom, mingħajr ma jkollhom għalfejn iżuru l-uffiċċji tal-gvern personalment. Fl-2023, aktar minn 60 % tan-nies li jgħixu fiċ-Ċekja għandhom mill-anqas mezz wieħed ta' eID minn 13 biex jaċċessaw is-servizzi tal-Gvern elettroniku (żieda ta' miljun meta mqabbla mal-2022). It-trasformazzjoni diġitali tas-servizzi pubbliċi hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-gvern il-ġdid u b'riżultat ta' dan saru sforzi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali. Inħolqot aġenzija ġdida biex tgħin biex is-servizzi pubbliċi jiġu ddiġitalizzati sal-2025. Fir-rigward tas-saħħa elettronika, iċ-Ċekja għandha punteġġ ta' 47 fl-aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika, li huwa ferm anqas mill-medja tal-UE ta' 72.

***Iċ-Ċekja għandha taċċellera l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, għandha tieħu passi ulterjuri lejn it-titjib tal-faċilità tal-użu tas-servizzi pubbliċi online, inkluż l-iżvilupp ta' interfaċċi faċli għall-utent, it-tisħiħ tal-appoġġ għall-utenti barra mill-pajjiż u/jew għall-utenti li għandhom diffikultajiet bl-aċċess għas-servizzi pubbliċi diġitali, il-ħolqien ta' mekkaniżmu faċli għaċ-ċittadini biex jipprovdu feedback (pereżempju stħarriġ tas-sodisfazzjon tal-utenti).*

## Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) taċ-Ċekja

Is-sehem tal-RRP taċ-Ċekja allokat għall-prijoritajiet diġitali huwa ta' 22 %, (li jammonta għal EUR 1,56 biljun) li minnhom EUR 1,475 biljun huma mistennija li jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[6]. L-investimenti ewlenin jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-ħiliet diġitali u l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi. S'issa, iċ-Ċekja nediet kurrikuli ġodda b'aktar klassijiet tal-IT, investiet f'tagħmir diġitali ġdid għall-iskejjel, u ddefiniet standards ta' interoperabbiltà għas-sistemi tal-kura tas-saħħa . Iċ-Ċekja nediet Osservatorju tal-Media Diġitali tal-Ewropa Ċentrali, biex tidentifika u tinvestiga d-diżinformazzjoni fl-Ewropa Ċentrali. L-istadji importanti u l-miri li huma

[6] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

maħsuba li jintlaħqu fl-2023 jinkludu miżuri biex tiġi ddiġitalizzata s-sistema tal-ġustizzja u tiġi implimentata pjattaforma komuni għall-komunikazzjoni mal-amministrazzjoni tal-istat.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Id-Danimarka

**Id-Danimarka hija mistennija tagħti kontribut qawwi ħafna għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. Id-Danimarka qed tagħmel aktar sforzi biex ittejjeb l-aċċess għad-*data* miftuħa u tipprovdi aktar servizzi diġitali pubbliċi għaċ-ċittadini u n-negozji kollha tagħha. Id-Danimarka dan l-aħħar ħolqot ministeru responsabbli għad-diġitalizzazzjoni u l-gvern ippropona ħafna inizjattivi ġodda fl-Istrateġija Diġitali ppreżentata f'Mejju 2022.

Id-Danimarka qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi stabbilit **Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea** (EDIC) dwar il-Ġenoma, biex ikun jista' jkun hemm aċċess transfruntier effettiv u sigur għar-repożitorji ta' settijiet ta' *data* ġenomiċi personali.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Id-Danimarka tinsab 'il fuq sew mill-medja tal-UE fir-rigward tal-ħiliet diġitali bażiċi. 69 % tal-persuni li għandhom bejn is-16 u l-74 sena għandhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi (UE: 54 %). Madankollu, id-Danimarka għadha 11-il punt perċentwali taħt il-mira tad-Deċennju Diġitali ta' 80 % għall-2030.

Barra minn hekk, id-Danimarka għandha prestazzjoni li hija biss ftit aħjar mill-medja tal-UE f'termini tal-għadd ta' speċjalisti tal-ICT fl-impjieg (5,7 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 4,6 %), b'dan il-perċentwal jiżdied biss bi ftit mill-2019. B'sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT ta' 22 %, dan huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 18,9 %. Jekk id-Danimarka għandha tgħin biex jintlaħaq l-objettiv tal-UE f'dan il-qasam, sal-2030 għandu jkun hemm 200 000 speċjalist addizzjonali tal-ICT minbarra l-madwar 160 000 impjegati llum. It-tkomplija tat-trasformazzjoni diġitali b'suċċess tad-Danimarka tiddependi fuq disponibbiltà akbar ta' speċjalisti tal-ICT fis-suq tax-xogħol.

***Id-Danimarka għandha tkompli timplimenta l-politiki u l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali**. B'mod partikolari, għandha tiffoka fuq it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari, f'teknoloġiji avvanzati u emerġenti kif ukoll fuq iż-żieda tal-kapaċità tas-sistema edukattiva biex jiġu mħarrġa aktar speċjalisti tal-ICT.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Id-Danimarka għadha f'pożizzjoni b'saħħitha biex tilħaq il-miri tal-konnettività, bil-kopertura għal networks b'kapaċità għolja ħafna li bħalissa jinsabu f'livell ta' 96 % u 98 % għall-kopertura tal-5G f'żoni popolati. Madankollu, għad hemm lok għal titjib, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni ta' broadband b'veloċità għolja ħafna min-nies u mill-kumpaniji tagħha. Il-kopertura taż-żoni remoti hija ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE, iżda xi persuni u kumpaniji għadhom ma humiex koperti minn konnettività rapida.

Id-Danimarka hija involuta f'diversi inizjattivi dwar teknoloġiji ewlenin. Qed tipparteċipa fil-konsorzju li ħareġ bl-inizjattiva tal-computing kwantistiku LUMI-Q u ntgħażlet bħala l-post għaċ-ċentru l-ġdid tan-NATO għat-teknoloġiji kwantistiċi. Barra minn hekk, id-Danimarka issa qed tuża l-edge computing f'għadd dejjem akbar tal-muniċipalitajiet tagħha (13 % qed jużawh fl-operazzjonijiet tagħhom, 6 % ttestjaw it-teknoloġija u 16 % ikkunsidraw li jużawh) biex tinġabar id-*data* dwar it-traffiku fit-toroq.

***Id-Danimarka għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha dwar l-infrastrutturi diġitali**. B'mod partikolari, fir-rigward tal-konnettività, għandha tesplora sorsi disponibbli ta' finanzjament biex iġġorr l-investiment privat f'dawk l-oqsma li ma humiex kummerċjalment vijabbli. L-awtoritajiet Daniżi huma mħeġġa wkoll jagħtu spinta lill-investimenti fl-iżvilupp ta' infrastrutturi diġitali proprji Ewropej f'oqsma bħall-cloud, il-computing kwantistiku u l-edge computing u jħeġġu lin-negozji u lill-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-UE biex jadottaw għodod u soluzzjonijiet diġitali, inkluż permezz ta' sforzi konġunti u proġetti multinazzjonali.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Id-Danimarka għandha fost l-aqwa prestazzjonijiet fl-UE fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji iżda għandha l-potenzjal li titjieb fir-rigward tal-miri stabbiliti għall-adozzjoni ta' ICT aktar avvanzata min-negozji, avolja ċ-ċifri jaqbżu l-medja tal-UE. Fl-2021, l-użu tal-IA (24 %) kien tliet darbiet aktar mill-medja tal-UE. L-użu tat-teknoloġiji cloud (62 % fl-2021) u tal-big data (27 % fl-2020) kien kważi d-doppju tal-medja tal-UE. Id-Danimarka għandha prestazzjoni tajba ħafna fir-rigward tal-livell bażiku ta' intensità diġitali: fl-2022, 89 % tal-SMEs kienu laħqu mill-anqas dak il-livell, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 69 %. Id-Danimarka tibbenefika minn ekosistema vivaċi ta' negozji ġodda bi 17-il unicorn potenzjali b'valur ta' bejn EUR 100 miljun u EUR 1 biljun, u bi 8 unicorns. Fil-qasam tan-negozji ġodda, iċ-Ċentru Diġitali tad-Danimarka kien qed iqabbel b'mod attiv investituri barranin potenzjali ma' negozji ġodda tat-teknoloġija Daniżi.

***Id-Danimarka għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji****. B'mod partikolari, id-Danimarka għandha tiżviluppa u tkompli ssaħħaħ l-inċentivi biex trawwem id-diġitalizzazzjoni tan-negozji, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Id-Danimarka ffokat b'mod konsistenti fuq l-iżvilupp ta' servizzi pubbliċi diġitali aktar effettivi u affidabbli u tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali ta' disponibbiltà ta' 100 %. B'mod partikolari, hemm enfasi kontinwa fuq l-iżvilupp ta' servizzi pubbliċi aħjar, imsaħħa minn, fost affarijiet oħrajn, użu akbar ta' *data* miftuħa u ta' teknoloġiji diġitali innovattivi avvanzati (bħall-IA, il-big data, ir-robotika, ir-realtà virtwali, il-cloud avvanzat u l-computing ta' prestazzjoni għolja).

Id-Danimarka għandha punteġġi ogħla mill-medja tal-UE fl-indikaturi kollha. Il-perċentwal tal-utenti tal-Gvern elettroniku żdied b'mod sinifikanti u, fl-2022, huwa ta' 99 %, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 74 %. Bl-istess mod, is-servizzi pubbliċi diġitali għandhom punteġġ ta' 84 għaċ-ċittadini u ta' 89 għan-negozji, it-tnejn ogħla mill-medja tal-UE. Id-Danimarka żviluppat eID diġitali li tiffunzjona tajjeb, u li hija użata minn parti kbira ħafna tal-popolazzjoni. L-aċċess għad-*data* dwar is-saħħa kiseb punteġġ ta' 96, li huwa qrib li jilħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali ta' 100 qabel l-2030.

**Id-Danimarka għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, għandha tkompli tappoġġa l-kondiviżjoni tad-*data* b'mod sigur u affidabbli, inkluż billi tikkontribwixxi għall-ispazji komuni Ewropej tad-*data* u tappoġġa l-introduzzjoni usa' ta' soluzzjonijiet tal-big data.

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tad-Danimarka** |
|---|
| 25 % tal-fondi relatati mal-RRP Daniż (EUR 380 miljun) huma allokati għat-trasformazzjoni diġitali u l-istess ammont huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-miri tad-Deċennju Diġitali[7]. Id-Danimarka ppreżentat lill-Kummissjoni talba għall-iżborż ta' EUR 301 miljun bħala parti mill-RRF. It-talba kienet ibbażata fuq l-ilħuq mill-pajjiż tat-23 stadju importanti u żewġ miri għall-ewwel pagament parzjali. Il-pjan Daniż jappoġġa firxa ta' miżuri biex tittejjeb ir-reżiljenza tas-settur tas-saħħa, inklużi dawk il-miżuri biex jiġu żgurati ħażniet ta' mediċini kritiċi u provvista suffiċjenti ta' prodotti mediċi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, li ġew implimentati wkoll. Dan jappoġġa wkoll strateġija diġitali wiesgħa mfassla biex tippromwovi trasformazzjoni diġitali tas-setturi kollha tas-soċjetà. L-istadji importanti u l-miri relatati mal-Istrateġija Diġitali huma koperti f'pagamenti parzjali futuri u ma jidhrux fl-ewwel talba għal pagament. |

[7] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: L-Estonja

**L-Estonja hija mistennija tagħmel kontribut pożittiv għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE.** L-Estonja tinsab fuq quddiem nett fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi żgurat li l-infrastruttura diġitali tal-pajjiż tittejjeb, b'mod partikolari l-infrastruttura tal-konnettività, li hija faċilitatur kritiku għall-komponenti kollha tad-Deċennju Diġitali.

L-Estonja qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar: (i) il-proġett "Tewmin Diġitali Lokali f'Network Lejn CitiVerse", bl-użu ta' teknoloġiji ta' tfixkil u immersivi għal proġetti futuri relatati mal-bliet; (ii) il-Ġenoma li tippermetti l-aċċess transfruntier effettiv u sigur għar-repożitorji ta' settijiet tad-*data* ġenomiċi personali; u (iii) l-Infrastruttura tad-Drittijiet tal-Awtur biex jiġi rilaxxat il-potenzjal tas-setturi kreattivi tal-UE.

### *ĦILIET DIĠITALI*

L-Estonja hija ftit ogħla mill-medja tal-UE għall-ħiliet diġitali bażiċi. Fl-2021, 56 % tal-individwi ta' bejn is-16 u l-74 sena kellhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi, meta mqabbla mal-medja ta' 54 % fl-UE.

L-Estonja tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-isforzi kollettivi biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali b'rabta mal-ispeċjalisti tal-ICT. B'6,6 %, l-Estonja tinsab ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 4,6 % f'dawk li huma speċjalisti tal-ICT mill-impjiegi totali. Barra minn hekk, b'24,5 %, is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT huwa fost l-ogħla fl-UE, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 18,9 %. Dan l-għadd jista' jkompli jiżdied matul il-ftit snin li ġejjin minħabba l-perċentwal għoli ta' gradwati fl-ICT fl-Estonja (10,1 % fl-2021). Il-perċentwal ta' intrapriżi li jipprovdu taħriġ fl-ICT għadu taħt il-medja tal-UE. Madankollu, l-Estonja għamlet progress sinifikanti matul dawn l-aħħar 5 snin, u naqqset id-distakk bejn il-perċentwal ta' intrapriżi li jipprovdu taħriġ fl-ICT fl-Estonja u l-medja tal-UE. Dan juri li l-Estonja tinsab fit-triq it-tajba.

***L-Estonja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali**. B'mod partikolari, għandha ssaħħaħ l-azzjoni dwar it-titjib tal-ħiliet diġitali bażiċi, pereżempju billi tħeġġeġ lill-impjegaturi jtejbu u jġeddu l-ħiliet tal-impjegati matul il-ħin tax-xogħol.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Dwar il-konnettività, hemm ħtieġa ċara li l-Estonja tieħu azzjoni sabiex tikkontribwixxi għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tal-konnettività tad-Deċennju Diġitali. Dan huwa prinċipalment dovut għall-kopertura baxxa tal-5G, u għall-adozzjoni baxxa tal-broadband fiss ta' veloċitajiet ta' aktar minn 100 Mbps. Il-kopertura b'network fiss b'kapaċità għolja ħafna (VHCN) u bil-fibra sal-binjiet (FTTP), kompliet tikber b'mod kostanti, u laħqet 79 %, li huwa ferm ogħla mill-medji tal-UE għat-tnejn li huma (73 % għall-VHCN u 56 % għall-FTTP). Il-pajjiż ikompli jinvesti fil-bini ta' networks tal-VHCN f'żoni rurali, bl-appoġġ ta' finanzjament tal-UE.

L-Estonja tikkontribwixxi għall-isforzi kollettivi fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja prinċipalment permezz tal-proġett Estonjan dwar l-Infrastruttura tal-Computing Xjentifiku (ETAIS). Hija wkoll parti mill-inizjattiva tal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni Kwantistika Ewropea biex tinbena infrastruttura kwantistika pan-Ewropea, u sieħeb fit-Tfittxija tal-Infrastruttura Elettronika tal-Computing Kwantistiku Nordiku-Estonjan (NordIQuEst), u tagħti kontribut importanti għall-isforzi tal-UE biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali.

***L-Estonja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tal-infrastruttura diġitali**. B'mod partikolari, għandha tieħu miżuri biex trawwem l-iżvilupp tal-konnettività tal-5G u tinċentiva l-adozzjoni tal-konnettività tal-gigabits u tal-5G. L-attivitajiet li għaddejjin dwar il-computing kwantistiku għandhom*

*jitkomplew b'koordinazzjoni u kollaborazzjoni akbar biex titrawwem komunità kwantistika madwar l-UE kollha*.

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

L-Estonja turi sitwazzjoni mħallta fir-rigward tal-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali mill-intrapriżi. Fl-2021, il-perċentwal ta' intrapriżi li jużaw il-cloud computing b'51 % kien ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE ta' 34 %, filwaqt li l-perċentwal ta' intrapriżi li jużaw l-IA u l-big data kien taħt il-medja tal-UE fl-2021 u fl-2020 rispettivament. Fl-2022, il-perċentwal ta' SMEs b'tal-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali kien, b'67 %, li wkoll huwa ftit taħt il-medja tal-UE.

L-ekosistema tan-negozju Estonjana tinkludi ħafna negozji ġodda innovattivi u li qed jikbru u negozji li qed jespandu li qed imexxu t-tkabbir u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż. Bħalissa hemm żewġ unicorns ibbażati fl-Estonja. Ġew identifikati żewġ unicorns potenzjali b'valwazzjoni tas-suq kurrenti ta' bejn EUR 100 miljun u EUR 1 biljun.

***L-Estonja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. B'mod partikolari, l-Estonja għandha żżid l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati mill-intrapriżi, u tappoġġa lill-SMEs fl-użu ta' teknoloġiji diġitali biex isiru aktar kompetittivi u sostenibbli.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

L-Estonja għamlet kontributi partikolarment sinifikanti għall-isforzi kollettivi tal-UE biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-2030 għad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. L-Estonja hija mexxejja globali f'dan il-qasam u tkompli tinvesti ħafna biex tagħmel is-servizzi pubbliċi diġitali tagħha saħansitra aktar faċli għall-utent u aċċessibbli għaċ-ċittadini u għan-negozji. L-Estonja għandha sitt mezzi tal-eID innotifikati bħala parti mill-iskema tal-eID Estonjana. Il-pajjiż jista' jservi bħala eżempju għal Stati Membri oħrajn u kkondivida l-esperjenza u l-aħjar prattiki tiegħu ma' pajjiżi oħrajn, bħala parti mill-Akkademja Estonjana tal-Governanza Elettronika, fondazzjoni li twettaq programm ta' kooperazzjoni internazzjonali għall-iżvilupp. L-Estonja tibqa' tgħodd l-avvanzi ulterjuri fis-servizzi pubbliċi diġitali mal-prijoritajiet tal-Aġenda Diġitali nazzjonali tagħha għall-2030.

***L-Estonja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, l-Estonja għandha tkompli bl-investimenti tagħha fl-akkwist tal-innovazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali biex tkompli taċċellera l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali innovattivi għas-servizzi pubbliċi kollha. Għandha tindirizza wkoll l-aċċessibbiltà tad-data dwar is-saħħa biex tippermetti l-aċċess għall-persuni kollha (inklużi l-persuni b'diżabilità) u tiżgura l-aċċessibbiltà tal-portali rilevanti kollha minn apparati mobbli.*

### Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Estonja

L-RRP Estonjan jiddedika EUR 208 miljun (24 %) għat-trasformazzjoni diġitali. L-ammont kollu huwa mistenni jintefaq fuq l-isforzi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali[8]. Investimenti diġitali sostanzjali jinkludu EUR 93 miljun biex jiġu aġġornati s-servizzi tal-gvern diġitali li jużaw l-aħħar teknoloġiji, EUR 58 miljun biex jappoġġaw 230 SME fit-tranżizzjoni diġitali tagħhom u EUR 24 miljun biex jiġu skjerati networks b'kapaċità għolja ħafna fiż-żoni rurali. L-RRP emendat tal-Estonja ġie adottat mill-Kunsill f'Ġunju 2023. Fit-30 ta' Ġunju 2023, l-Estonja ppreżentat l-ewwel talba għal pagament ta' EUR 286 miljun f'għotjiet.

[8] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Finlandja

**Il-Finlandja ilha fuq quddiem nett fit-trasformazzjoni diġitali għal ħafna snin**, **u mistennija tagħti kontribut qawwi ħafna għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. Hija introduċiet politiki diġitali komprensivi b'adozzjoni bikrija tal-5G, għandha servizzi tal-Gvern elettroniku żviluppati sew u għandha forza tax-xogħol b'ħiliet għoljin flimkien ma' koordinazzjoni u programmazzjoni tajbin. Huma meħtieġa aktar miżuri biex tintlaħaq il-mira tal-konnettività f'Gigabit. Biex tiggwida t-trasformazzjoni diġitali tagħha matul is-snin li ġejjin, il-Finlandja ppreżentat il-Kumpass Diġitali tagħha stess fl-2022, li huwa allinjat sew mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.

Il-Finlandja qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar: (i) Il-Ġenoma, sabiex ikun permess l-aċċess transfruntier effettiv u sigur għar-repożitorji tas-settijiet tad-*data* ġenomiċi personali; (ii) Infrastruttura tad-Drittijiet tal-Awtur, biex jiġi rilaxxat il-potenzjal tas-setturi kreattivi tal-UE; (iii) id-*Data* dwar il-Mobbiltà u l-Loġistika, sabiex ikunu permessi l-aċċess, il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tad-*data* f'dawn l-oqsma; u (iv) Servizz ta' Trasformazzjoni Interkonness Innovattiv u Massiv tal-Amministrazzjoni Pubblika, biex tiġi żviluppata ġenerazzjoni ġdida ta' servizzi transfruntieri avvanzati.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Il-Finlandja għandha popolazzjoni b'livell għoli ta' ħiliet diġitali, u tagħti kontribut importanti biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali. Fl-2021, is-sehem tal-popolazzjoni ta' bejn is-16 u l-74 sena b'mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi (79 %) kien qrib ħafna tal-mira tad-Deċennju Diġitali tal-UE ta' 80 % u ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE ta' 54 %. Is-sehem ta' speċjalisti tal-ICT mill-impjiegi totali (7,6 % fl-2022) huwa għoli ħafna meta mqabbel kemm mal-mira tad-Deċennju Diġitali tal-UE kif ukoll mal-medja tal-UE fl-2022 (4,6 %). Barra minn hekk, bi 23,8 %, is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 18,9 %. Fl-edukazzjoni, is-sehem tal-gradwati fl-ICT huwa ta' 7,6 % u 40 % tal-kumpaniji jipprovdu taħriġ fl-ICT lill-persunal tagħhom. Matul l-aħħar snin, il-Programm ta' Litteriżmu Ġdid 2020-2023 u ċ-ċentru LUMA (organizzazzjoni li tagħti spinta lill-kooperazzjoni bejn l-iskejjel, l-universitajiet u n-negozji) stimulaw l-iżvilupp ta' kompetenzi fl-ICT, fil-litteriżmu fil-media u fl-ipprogrammar, inkluż fost it-tfal.

***Il-Finlandja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *B'mod partikolari, għandha timplimenta l-politiki mħabbra biex tkompli żżid l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Il-Finlandja żviluppat infrastrutturi diġitali eċċellenti. Il-pajjiż għandu prestazzjoni tajba fil-kopertura ġenerali tal-5G b'95 % taż-żoni popolati koperti, u fil-banda ta' kwalità għolja ta' 3.4-3.8 GHz b'kopertura ta' 84 %. Madankollu, l-adozzjoni tal-broadband fiss huwa ftit anqas mill-medja tal-UE, b'49 % tal-unitajiet domestiċi li għandhom broadband fiss ta' 100 Mbps u 3,1 % biss tal-unitajiet domestiċi li għandhom broadband fiss ta' 1 Gbps (ferm anqas mill-medja tal-UE ta' 13,8 %). Il-kopertura b'network fiss b'kapaċità għolja ħafna tal-Finlandja hija ta' 71 %, kemxejn taħt il-medja tal-UE ta' 73 %. Hemm distakk notevoli madwar il-pajjiż peress li ż-żoni rurali ta' spiss ikollhom żoni bojod, minħabba d-densità baxxa tal-popolazzjoni.

Il-Finlandja hija membru tal-Impriża Konġunta EuroHPC li qed tiżviluppa l-Lumi, wieħed mit-tliet supercomputers fuq skala preeksa. Il-Finlandja tinsab ukoll fuq quddiem nett tal-computing kwantistiku Ewropew u tas-semikondutturi: L-IQM Quantum Computers investiet fil-bini tal-ewwel faċilitajiet ta' produzzjoni tas-semikondutturi ddedikati għall-kwantistika fl-Ewropa f'Espoo, u l-kompjuter kwantistiku HELMI ġie konness mal-Lumi; hija tipparteċipa fil-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni, bi tliet parteċipanti diretti li jiffokaw fuq it-telekomunikazzjoni u fuq is-sottostrati tal-wejfers.

***Il-Finlandja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tal-infrastruttura diġitali****. Għandha tagħti saħansitra aktar attenzjoni lill-kopertura tan-network b'kapaċità għolja ħafna, li twassal il-broadband għaż-żoni rurali, inkluż il-fibra sal-binjiet fil-pajjiż kollu.*

*Il-miżuri meħuda mill-Finlandja fil-qasam tas-semikondutturi u tal-computing kwantistiku għandhom ikomplu sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Diġà fl-2022, is-sehem tal-SMEs fil-Finlandja li laħqu tal-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali kien ta' 89,5 %, kemxejn taħt il-mira tad-Deċennju Diġitali (90 %) u ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 69 %.

It-teknoloġiji avvanzati komplew ikunu fil-qalba tan-negozji Finlandiżi, b'66 % tal-intraprizi li jużaw soluzzjonijiet cloud u 16 % jintegraw it-teknoloġija tal-IA fl-operazzjonijiet tagħhom fl-2021, u 22 % diġà jużaw il-big data fl-2020.

Fl-2022, il-Finlandja kompliet tiffinanzja programmi li jappoġġaw lin-negozji, speċjalment lill-SMEs. Il-pajjiż iffoka b'mod partikolari fuq l-iżvilupp ta' ekosistema ta' negozji ġodda u li qed jespandu. Karatteristika oħra tal-mod kif il-Finlandja integrat it-teknoloġiji diġitali fl-ekonomija kienet il-kooperazzjoni bejn l-universitajiet, l-aġenziji tal-gvern speċjalizzati u n-negozji. Eżempju eċċellenti huwa l-programm 6G Bridge li jiżviluppa l-ġenerazzjoni li jmiss ta' konnettività sabiex l-industrija Finlandiża tibqa' fil-bidu tal-katina tal-valur għall-ħolqien tat-teknoloġiji 6G għall-bliet intelliġenti, l-enerġija intelliġenti, il-portijiet intelliġenti u l-fabbriki intelliġenti b'atturi differenti fl-ekosistema.

***Il-Finlandja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji****. B'mod partikolari, għandha tkompli tagħti spinta lill-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati min-negozji, b'mod partikolari fil-qasam tal-IA u tal-big data, billi tipprovdi inċentivi għall-investiment.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Il-Finlandja teċċella fl-interazzjoni online bejn l-awtoritajiet tal-gvern u l-pubbliku b'97 % tal-utenti tal-internet Finlandiżi jużaw servizzi tal-Gvern elettroniku. Il-pajjiż għandu prestazzjoni tajba ħafna wkoll f'għadd ta' servizzi pprovduti online. Fl-2022, il-pajjiż kien qed jagħmel progress tajjeb fl-implimentazzjoni ta' programmi li bdew fis-snin preċedenti. Il-Finlandja kompliet ittejjeb is-servizzi tal-Gvern elettroniku filwaqt li poġġiethom taħt il-ġestjoni tal-Aġenzija tas-Servizzi tad-*Data* Diġitali u tal-Popolazzjoni. Għaddejjin bidliet fil-leġiżlazzjoni li jippermettu deċiżjonijiet amministrattivi awtomatiċi permezz tal-użu tal-IA. Fis-saħħa elettronika, il-Finlandja għandha punteġġ ta' 90, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 72, u tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali ta' 100. Waħda mir-raġunijiet għal dan hija l-portal My Kanta, fejn in-nies jistgħu jaċċessaw id-dokumenti elettroniċi online tagħhom. Il-pajjiż bħalissa qed jiffinalizza l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida ta' identità diġitali li se sservi wkoll bħala għodda ta' identifikazzjoni ċċertifikata skont it-tifsira tar-Regolament eIDAS. Il-portal nazzjonali tad-*data* miftuħa jkompli jipprovdi *data* f'formati miftuħa għall-kumpaniji u għall-pubbliku. Il-Finlandja żiedet kontinwament it-tħejjija tagħha fl-azzjonijiet ta' tisħiħ taċ-ċibersigurtà b'fond ġdid ta' EUR 230 miljun għall-2022-2026.

***Il-Finlandja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi.*** *B'mod partikolari, iċ-ċibersigurtà għandha tibqa' fuq quddiem nett tal-politiki governattivi.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Finlandja** |
|---|
| Il-kontribuzzjoni għat-trasformazzjoni diġitali fl-RRP tal-Finlandja tammonta għal EUR 525,7 miljun, 28,9 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP[9]. Il-pjan jalloka: (i) EUR 32 miljun f'infrastruttura tal-broadband b'veloċità għolja; (ii) EUR 85 miljun għall-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida ta' protezzjoni awtomatika tal-ferroviji fuq in-network ferrovjarju nazzjonali kollu, flimkien mas-Sistema ta' Komunikazzjoni Mobbli Ferrovjarja Futura bbażata fuq il-4G u l-5G; (iii) EUR 100 miljun għall-innovazzjoni diġitali fis-servizzi tal-assistenza soċjali u tal- |

[9] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

kura tas-saħħa; (iv) EUR 32 miljun biex isir investiment fid-diġitalizzazzjoni tal-apprendiment kontinwu; u (v) EUR 25 miljun biex isir investiment fl-aċċellerazzjoni ta' teknoloġiji ewlenin (mikroelettronika, 6G, IA u computing kwantistiku). Il-Finlandja għadha ma talbitx pagament mill-RRF.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Franza

**Franza għandha potenzjal diġitali mhux sfruttat biex tikkontribwixxi aktar għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE.** Minħabba d-daqs tal-ekonomija Franċiża u l-popolazzjoni tagħha, l-azzjonijiet kurrenti u futuri huma mistennija li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal dawn l-isforzi. Franza għandha diversi strateġiji diġitali, allinjati b'mod wiesa' mal-objettiv tal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali. Franza sejra tajjeb fir-rigward tal-konnettività u n-negozji ġodda u turi tendenzi pożittivi fis-servizzi pubbliċi diġitali u fil-kapital uman. Madankollu, it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija ma hijiex uniformi. B'mod partikolari, filwaqt li l-kumpaniji innovattivi ewlenin jużaw u jwasslu teknoloġiji diġitali avvanzati, ma hemmx użu mifrux ta' teknoloġiji bażiċi minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

Franza qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi stabbilit **Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, biex tiġi żviluppata infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali u mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Ftit aktar minn tlieta minn kull ħames persuni fi Franza għandhom tal-anqas ħiliet diġitali bażiċi. Madankollu, il-litteriżmu xjentifiku, diġitali u fil-media fis-suġġetti kollha fil-livelli kollha tal-edukazzjoni formali jeħtieġ attenzjoni partikolari. Is-sehem ta' speċjalisti tal-ICT mill-impjiegi totali huwa stabbli b'4,3 %, kemxejn taħt il-medja tal-UE (4,6 %). Is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT huwa, b'19 %, qrib ħafna tal-medja tal-UE ta' 18,9 %. Madankollu, minkejja miżuri pożittivi ambizzjużi (*Pix, Ħiliet u Impjiegi tal-Futur*), Franza żdiedet anqas mill-medja tal-UE, u l-prospetti tal-pajjiż huma pperikolati minn rati baxxi ta' reġistrazzjoni f'taħriġ tal-ICT u minn numri baxxi ta' gradwati. Għalhekk, sforzi sinifikanti biex jittejbu l-ħiliet diġitali huma kruċjali biex l-UE tilħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali dwar il-ħiliet diġitali bażiċi u l-ispeċjalisti tal-ICT.

***Franza għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *B'mod partikolari, Franza għandha timplimenta miżuri biex tindirizza l-livelli kollha tal-edukazzjoni, speċjalment il-livell fundamentali fil-matematika. Minbarra li tagħti spinta lill-investiment għall-ispeċjalisti tal-ICT, b'mod partikolari l-gradwati fl-ICT, Franza għandha tkompli ttejjeb u ġġedded il-ħiliet tal-forza tax-xogħol.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Franza għandha prestazzjoni qawwija fl-infrastruttura diġitali. Franza diġà għandha tilħaq l-introduzzjoni sħiħa tal-fibra fl-2025. Fl-2022, kien hemm kopertura ġenerali partikolarment tajba għall-konnessjonijiet fissi tal-fibra, li laħqet 73 % tal-unitajiet domestiċi, u d-distakk rurali/urban qed jonqos. Madankollu, l-isforzi biex titkompla l-introduzzjoni tal-fibra jeħtieġ li jinżammu fir-reġjuni ultraperiferiċi u fiż-żoni rurali ta' Franza. Bis-saħħa tal-pjan tal-"Patt il-Ġdid", il-kopertura mobbli bil-4G tkopri ż-żoni popolati kollha u l-introduzzjoni tal-5G sejra tajjeb għall-applikazzjonijiet tal-vuċi u tal-internet, u tkopri 88 % taż-żoni popolati. Applikazzjonijiet ġodda tal-5G qed jiġu ttestjati fi proġetti pilota. L-aspett ambjentali tas-setturi diġitali kien il-fokus ta' diversi liġijiet.

Iċ-ċibersigurtà qed tiġi indirizzata dejjem aktar iżda għad teħtieġ tiġi intensifikata b'appoġġ għall-SMEs. Strateġija għas-semikondutturi, inkluż il-finanzjament pubbliku, qed tappoġġa s-sovranità industrijali Franċiża u tal-UE: din hija konformi mal-Att tal-UE dwar iċ-Ċipep. Il-pajjiż jipparteċipa fil-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni bi 15-il parteċipant dirett li jiffokaw fuq firxa wiesgħa ta' oqsma inklużi s-sottostrati, l-enerġija, is-sensuri, l-imballaġġ, il-karozzi, il-fotonika, it-telekomunikazzjoni, l-ajruspazju u d-difiża. Franza għandha l-għan li ssir attur ewlieni fil-computing kwantistiku u tippjana li tvara l-infrastruttura tal-komunikazzjoni kwantistika tal-Ewropa. Din tipparteċipa wkoll fil-programm Ewropew għall-computing ta' prestazzjoni għolja (EuroHPC).

***Franza għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha dwar l-infrastrutturi diġitali**. B'mod partikolari Franza għandha tkompli ttejjeb il-prontezza tagħha għall-ispettru 5G filwaqt li tagħmel il-baned ta' prijorità li jifdal disponibbli. Franza hija mħeġġa wkoll tkompli bl-attivitajiet tagħha rigward l-aspett ambjentali tas-setturi diġitali, kif ukoll fl-oqsma tal-kwantistika u tas-semikondutturi sabiex tgħin lill-UE ssir attur qawwi fis-suq f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Id-diġitalizzazzjoni tan-negozji hija qasam fejn Franza jeħtieġ li tikkontribwixxi b'mod aktar sostanzjali. Fl-2022, 64 % tal-SMEs użaw teknoloġiji diġitali, filwaqt li l-medja tal-UE kienet ta' 69 %. L-użu mill-SMEs tat-teknoloġiji diġitali fi Franza għadu 'l bogħod mill-objettiv tad-Deċennju Diġitali ta' 90 % u r-ritmu tal-progressjoni għadu insuffiċjenti biex jitrawwem l-ilħuq tiegħu. Bl-istess mod, in-negozji ta' Franza għandhom potenzjal mhux sfruttat fir-rigward tal-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati, għalkemm għal diversi snin l-inizjattiva France Num kienet qed tipprovdi taħriġ u appoġġ lill-SMEs għall-użu tat-teknoloġiji diġitali. Barra minn hekk, Franza tipparteċipa fl-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss.

Fir-rigward tal-istabbiliment ta' negozji ġodda u ta' negozji li qed jespandu fil-qasam tat-teknoloġija, Franza rnexxielha trawwem ekosistema favorevoli ħafna, meqjusa bħala t-tieni l-aħjar fl-Ewropa. 36 kumpanija huma meqjusa unicorns fi Franza (żieda qawwija minn 22 fis-sena ta' qabel) u 82 kumpanija laħqu valwazzjoni tas-suq ta' bejn EUR 100 miljun u EUR 1 biljun. L-attraenza internazzjonali hija għolja għall-imprendituri u jistgħu jaċċessaw il-finanzjament. Intgħażlu ċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali, u l-biċċa l-kbira huma mistennija li jiġu varati sal-bidu tal-2023.

***Franza għandha żżid l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. B'mod partikolari, għandha tieħu azzjoni speċifika biex ittejjeb ir-rata tad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, inkluż f'teknoloġiji avvanzati.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

L-aċċess għas-servizzi pubbliċi fi Franza huwa kemxejn taħt il-medja tal-UE kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għan-negozji. Madankollu, hemm ħafna proġetti li għaddejjin biex dan jiġi indirizzat. Franza stabbiliet osservatorju dwar il-prattiki diġitali tan-nies u bdiet bi sforzi biex il-cloud jintuża b'mod aktar sistematiku. L-identifikazzjoni elettronika hija fis-seħħ għal diversi servizzi u l-użu tas-soluzzjoni Ewropea huwa meqjus u jeħtieġ li jiġi aċċellerat. Id-Direzzjoni Interministerjali għad-Diġitali (DINUM) tipprovdi pjattaforma għad-*data* miftuħa (data.gouv.fr) u ssegwi azzjonijiet konkreti fi 15-il ministeru. Huma meħtieġa miżuri addizzjonali biex jappoġġaw lill-utenti li għandhom diffikultajiet biex jaċċessaw is-servizzi pubbliċi diġitali, b'mod partikolari r-rekords tas-saħħa.

***Franza għandha taċċellera l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, għandha tikkomplementa l-finanzjament tal-RRP tat-tagħmir tal-hardware fl-isptarijiet b'miżuri li jinvolvu lill-utenti u li jadattaw l-organizzazzjoni għall-flussi l-ġodda tad-data. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jieħdu miżuri biex ikomplu jsaħħu l-allinjament tal-livelli amministrattivi differenti involuti u biex itejbu l-interoperabbiltà, l-effettività u d-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi online, b'mod partikolari fis-settur tal-kura tas-saħħa.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) ta' Franza** |
|---|
| L-RRP Franċiż jammonta għal EUR 40,3 biljun, bi 22 % minnhom (jiġifieri EUR 8,1 biljun) allokati għat-trasformazzjoni diġitali, li minnhom EUR 7,7 biljun se jintefqu fuq sforzi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali[10]. Fid-19 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni żborżat il-prefinanzjament ta' EUR 5,1 biljun. Fil-kuntest tal-ewwel talba għal pagament, Franza laħqet 38 stadju importanti u mira, li wasslu lill-Kummissjoni biex tiżborża 7,4 biljun fil-Q1 2022. Xi stadji importanti kienu relatati ma' miżuri fiż-żona diġitali, bħall- |

[10] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

aċċellerazzjoni ta' sitt teknoloġiji diġitali ewlenin (kwantistika, ċibersigurtà, edukazzjoni, industriji kulturali, 5G u l-cloud) u ż-żieda tar-riżorsi ta' France Compétences. L-RRP Franċiż jinkludi wkoll miżuri biex jiġi indirizzat is-settur tas-saħħa pubblika (EUR 2 biljun), it-taħriġ u l-edukazzjoni (kuntratti ta' apprendistat, taħriġ għall-ħiliet diġitali, kontenut ta' apprendiment diġitali u pjan għall-apprendiment mill-bogħod), is-servizzi pubbliċi diġitali (EUR 500 miljun), il-pjan "France Très Haut Débit" (EUR 240 miljun) u l-apparat diġitali għall-iskejjel.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Ġermanja

**Il-Ġermanja għandha potenzjal diġitali mhux sfruttat biex tikkontribwixxi aktar għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE.** Minħabba d-daqs tal-ekonomija Ġermaniża u l-popolazzjoni tagħha, l-inizjattivi kurrenti u futuri se jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal dawn l-għanijiet. It-trasformazzjoni diġitali tal-Ġermanja qed tavvanza b'mod kostanti**.** Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex jintlaħaq l-għan tal-pajjiż li jkun minn ta' quddiem nett. Filwaqt li l-kopertura tal-konnettività f'Gigabit, b'mod partikolari għall-fibra, għadha ma hijiex sodisfaċenti, kien hemm żviluppi pożittivi fl-adozzjoni ta' konnessjonijiet tal-gigabits u tal-kopertura tal-5G. Għad hemm lakuni sinifikanti fis-servizzi u l-ħiliet pubbliċi diġitali. L-Istrateġija Diġitali tal-Gvern Federali tistabbilixxi l-qafas ġenerali sal-2025 u hija allinjata mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.

Il-Ġermanja qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar: (i) id-*Data* dwar il-Mobbiltà u l-Loġistika, sabiex ikunu permessi l-aċċess, il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tad-*data* f'dawn l-oqsma; u (ii) il-proġett "Tewmin Diġitali Lokali f'Network Lejn CitiVerse", bl-użu ta' teknoloġiji ta' tfixkil u immersivi għal proġetti futuri relatati mal-bliet.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Fir-rigward tal-ħiliet diġitali bażiċi, il-Ġermanja naqqset id-distakk għall-medja tal-UE, iżda b'49 % għadha taħt il-medja tal-UE ta' 54 %. Bidla sinifikanti fil-pass fil-prontezza tal-ħiliet diġitali bażiċi tal-Ġermanja hija kruċjali biex l-UE tilħaq il-mira tal-ħiliet bażiċi tad-Deċennju Diġitali. L-inizjattivi biex jgħinu fl-iżvilupp tal-ħiliet diġitali qed ikomplu jissaħħu taħt il-kappa tal-Istrateġija Diġitali u jinkludu azzjonijiet relatati mal-"Iskola tal-Patt Diġitali", il-Pjan ta' Azzjoni STEM 2.0 u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ħiliet. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni hija waħda mis-sitt oqsma ta' prijorità taħt l-RRP Ġermaniż.

Is-sehem ta' speċjalisti tal-ICT mill-impjiegi totali huwa ogħla mill-medja tal-UE (5,0 % meta mqabbel ma' 4,6 %). B'19 %, is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT huwa qrib ħafna tal-medja tal-UE ta' 18,9 %. Madankollu, il-prospetti ta' tkabbir futuri f'dan ir-rigward huma pperikolati mir-rati għoljin ta' tluq tal-istudenti f'suġġetti tal-ICT. Il-Ġermanja hija mistennija tikkontribwixxi b'mod sostanzjali lejn l-isforzi kollettivi tal-UE biex tintlaħaq il-mira dwar l-ispeċjalisti tal-ICT.

***Il-Ġermanja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *Il-Ġermanja għandha tiżviluppa korsijiet fil-ħiliet diġitali fil-livelli u fid-dixxiplini kollha fl-apprendiment formali u informali għall-popolazzjoni kollha u żżid it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet fil-qasam tal-ħiliet diġitali fis-suq tax-xogħol.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Għad hemm nuqqasijiet serji ħafna fil-kopertura tal-fibra sal-binjiet li, fi 19 % għadha 'l bogħod mill-medja tal-UE ta' 56 % u mill-mira tad-Deċennju Diġitali ta' kopertura universali tan-networks tal-gigabits sal-2030. Il-Gvern Federali jappoġġa l-introduzzjoni tal-fibra b'finanzjament konsiderevoli u impenn inekwivoku għal introduzzjoni nazzjonali, kif stabbilit fl-Istrateġija Diġitali u fl-Istrateġija tal-Gigabits tiegħu.

L-attivitajiet tal-Ġermanja fl-oqsma tal-kwantistika u tas-semikondutturi huma kontribut importanti għall-miri tal-UE. Hija attiva ħafna fl-iżvilupp tal-infrastruttura għat-teknoloġiji avvanzati u tipparteċipa f'diversi proġetti multinazzjonali, eż., l-Impriża Konġunta Ewropea tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, l-Infrastruttura Ewropea tal-Komunikazzjoni Kwantistika u l-Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain. Il-Ġermanja qed tmexxi l-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni b'investimenti sinifikanti (ta' diversi biljuni ta' EUR), bi 32 parteċipant dirett li jkopru firxa wiesgħa ta' suġġetti mill-materjal sal-imballaġġ, inkluż it-tagħmir, il-karozzi, l-enerġija, il-fotonika, is-sensuri. Saru wkoll investimenti sinifikanti fil-qasam tas-semikondutturi.

***Il-Ġermanja għandha taċċellera l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività**, il-konnettività f'Gigabit u b'mod speċjali l-fibra sal-binjiet. Huwa importanti li l-Ġermanja tneħħi l-ostakli u tagħti spinta lill-investiment f'networks b'kapaċità għolja ħafna.*

*Il-miżuri meħuda mill-Ġermanja fil-qasam tas-semikondutturi u tal-computing kwantistiku għandhom jitkomplew sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, fl-2022, 77 % tal-SMEs Ġermaniżi kellhom tal-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali, li huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 69 %. Il-Ġermanja kellha wkoll prestazzjoni aħjar mill-medja tal-UE fl-analiżi tal-big data u fl-adozzjoni tal-IA, għalkemm fl-2021, l-adozzjoni tat-teknoloġija tal-cloud kienet ta' 32 %, kemxejn taħt il-medja tal-UE ta' 34 %. Madankollu, il-Ġermanja hija mistennija tagħti kontribut sostanzjali biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali. Dan bis-saħħa tal-appoġġ kontinwu li qed jingħata lill-SMEs Ġermaniżi permezz tal-inizjattiva "SME Diġitali" (Mittelstand-Digital), li tikkonsisti fin-Network taċ-Ċentri tal-Innovazzjoni ta' Mittelstand-Digital, il-programm ta' għotja ta' investiment Digital Now u l-inizjattiva Ċibersigurtà għall-SMEs. Skont ir-Rapport Ewropew dwar it-Teknoloġija Avvanzata tal-2023, Berlin hija meqjusa bħala l-aqwa ekosistema tal-UE għal negozji ġodda. Barra minn hekk, diversi miżuri jappoġġaw teknoloġiji avvanzati, inklużi l-inizjattiva ta' finanzjament KI4KMU (AI4SME) u l-programm ta' finanzjament AI Service Centres. Il-Ġermanja qed tipparteċipa wkoll fl-IPCEI dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (IPCEI-CIS).

***Il-Ġermanja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. Hija meħtieġa implimentazzjoni rapida tal-miżuri ppjanati biex tkompli tiġi xprunata d-diġitalizzazzjoni tan-negozji. B'mod partikolari, għandha tkompli ssaħħaħ l-ekonomija tad-data, ix-xjenza u r-riċerka f'teknoloġiji ewlenin, inkluż f'azzjonijiet għall-protezzjoni tal-klima.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi diġà kienet sfida għal diversi snin. Għalkemm il-Ġermanja tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri tad-Deċennju Diġitali dwar id-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi diġitali, l-isfidi ewlenin f'dan il-qasam għadhom ma ġewx solvuti. Fir-rigward tas-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini, il-pajjiż kiseb punteġġ ta' 78 (kemxejn ogħla mill-medja tal-UE ta' 77). Għan-negozji kiseb 81 (taħt il-medja tal-UE ta' 84). Filwaqt li saru sforzi sinifikanti, bħal azzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Att dwar l-Aċċess Online (Onlinezugangsgesetz (OZG)), il-pajjiż għadu lura f'din id-dimensjoni. Il-problemi ewlenin jinkludu l-għadd żgħir ta' servizzi pubbliċi li huma diġitalizzati, in-nuqqas ta' disponibbiltà nazzjonali tas-servizzi u l-isfidi marbuta ma' proġett pilota dwar każijiet ta' applikazzjoni tal-eID.

***Il-Ġermanja għandha taċċellera l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, għandha tieħu miżuri biex tkompli ssaħħaħ il-kollaborazzjoni u l-allinjament tal-livelli amministrattivi differenti biex tkompli ttejjeb l-interoperabbiltà, l-effettività u d-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi online. Barra minn hekk, il-Ġermanja għandha timplimenta miżuri ppjanati malajr u tħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-katina kollha tas-servizzi għas-servizzi pubbliċi.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Ġermanja** |
|---|
| L-RRP tal-Ġermanja jiffoka fuq l-investimenti diġitali. Minn baġit totali ta' EUR 26,4 biljun, aktar minn 50 % huwa allokat għad-diġitalizzazzjoni. Minn dan, EUR 11 995 miljun huma mistennija li jikkontribwixxu għall-miri[11] tad-deċennju Diġitali. Il-pjan fih żewġ IPCEIs ewlenin dwar id-diġitalizzazzjoni: Il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni u l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss. L-ewwel talba għal pagament, li tammonta għal EUR 4,5 biljun u li għadha ma ġietx ippreżentata formalment, tinkludi stadji |

[11] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

importanti u miri relatati mal-IPCEI dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni, il-programm ta' investiment għall-apparat tal-għalliema u l-Att dwar l-Aċċess Online. Wara l-ewwel emenda tal-pjan fi Frar 2023 b'rilevanza limitata ħafna għall-parti diġitali, il-Ġermanja bħalissa qed taħdem biex tirrevedi mill-ġdid l-RRP tagħha biex tqis iż-żieda fl-allokazzjoni finanzjarja (żieda ta' EUR 2,4 biljun) u l-integrazzjoni ta' kapitolu tar-REPowerEU biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Greċja

**Il-Greċja għandha ambitu biex ittejjeb il-prestazzjoni tagħha fit-tranżizzjoni diġitali u biex tikkontribwixxi għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE.** Il-Greċja laqgħet it-trasformazzjoni diġitali bħala opportunità strateġika biex jinbnew ekonomija u soċjetà aktar kompetittivi u reżiljenti bil-Bibbja tat-Trasformazzjoni Diġitali tagħha għall-2020-2025, li hija allinjata mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali. Filwaqt li l-Greċja għamlet progress rapidu u tanġibbli fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi matul dawn l-aħħar snin, jeħtieġ li tindirizza lakuni sinifikanti fid-dimensjonijiet l-oħrajn, bħall-kopertura baxxa ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u l-għadd baxx ta' speċjalisti tal-ICT impjegati.

Il-Greċja qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDICs)** dwar: (i) l-istabbiliment tal-Akkademja Ewropea tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà; (ii) l-istabbiliment ta' Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, biex tiġi żviluppata infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali u biex jiġu żviluppati mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi; u (iii) Servizzi ta' Trasformazzjoni Interkonnessi Innovattivi tal-Amministrazzjoni Pubblika Massiva, biex tiġi żviluppata ġenerazzjoni ġdida ta' servizzi pubbliċi transfruntieri avvanzati.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Aktar minn nofs il-popolazzjoni tal-Greċja għandha mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi (52 %), qrib il-medja tal-UE (54 %). Il-perċentwal ta' speċjalisti tal-ICT mill-impjiegi totali fil-Greċja huwa ta' 2,5 %, fost l-aktar baxxi fl-UE. Is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT, madankollu, huwa ta' 20,3 %, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 18,9 %. Il-perspettiva kurrenti tiddgħajjef minn diversi fatturi, bħall-eżodu ta' mħuħ tat-talent diġitali, in-nuqqas ta' speċjalizzazzjoni mfittxija mill-kumpaniji, li għandu jiġi eżaminat regolarment, u l-għadd insuffiċjenti ta' gradwati fl-ICT. F'dan il-kuntest, il-Greċja hija mistennija li tibbenefika min-"Network eżekuttiv tat-trasformazzjoni diġitali" li tnieda dan l-aħħar, li għandu l-għan li jikkoordina b'mod aktar effettiv l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki diġitali. Barra minn hekk, il-Greċja hija impenjata b'mod attiv li tikkontribwixxi għall-miri u l-objettivi tal-ħiliet diġitali tal-UE għall-2030 billi tippresjedi l-grupp ta' ħidma informali li jesplora l-possibbiltà li tiġi ppreżentata proposta għal EDIC dwar l-Akkademja Ewropea tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà.

***Il-Greċja għandha żżid b'mod sinifikanti l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *Il-ħtieġa li tiġi estiża l-ġabra ta' talent diġitali ta' speċjalisti tal-ICT fil-Greċja se tirrikjedi attenzjoni speċjali biex tiġi indirizzata d-diskrepanza kurrenti u biex jiġi żgurat li l-ekonomija tibbenefika minn popolazzjoni b'ħiliet diġitali. Huwa kruċjali wkoll li l-Greċja tkun tista' tipprevedi l-ħiliet meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tantiċipa l-bidliet fil-ħiliet.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Il-Greċja għad ma għandhiex strateġija komprensiva biex tmexxi l-investimenti u l-inizjattivi allinjati mal-mira tad-Deċennju Diġitali tal-2030 tal-konnettività tal-Gigabits għal kulħadd. Il-pajjiż għadu lura meta mqabbel mal-medja tal-UE fir-rigward ta' kopertura tan-networks fissi b'kapaċità għolja ħafna (28 % meta mqabbla ma' 73 %). Il-Pjan Nazzjonali Grieg dwar il-Broadband 2021-2027, adottat fi tmiem l-2022, għandu l-għan li jistabbilixxi infrastruttura ta' 100 Mbps, li tista' tiġi aġġornata faċilment għal 1 Gbps, li ma jilħaqx il-mira tad-Deċennju Diġitali għal veloċitajiet universali tal-Gigabits sal-2030. Il-Greċja għanda prestazzjoni ħafna aħjar fil-konnettività mobbli u, bħala waħda minn ta' quddiem fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-baned pijunieri tal-5G, laħqet kopertura ġenerali tal-5G ta' 86 % fl-2022 (ogħla mill-medja tal-UE ta' 81 %).

Fir-rigward ta' infrastrutturi diġitali oħrajn, il-Greċja tipparteċipa b'mod attiv fl-iżvilupp ta' proġetti multinazzjonali, pereżempju fl-inizjattiva tal-Infrastruttura Ewropea ta' Komunikazzjoni Kwantistika (EuroQCI) ma' HellasQCI. Tipparteċipa wkoll fil-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI)

dwar il-Mikroelettronika u l-Komunikazzjoni b'sitt parteċipanti diretti li jiffokaw fuq id-disinn, l-edge AI, l-ajruspazju/id-difiża, u l-imballaġġ.

***Il-Greċja għandha żżid l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività, b'mod partikolari l-kopertura tal-Gigabits.*** *Il-Greċja għandha tkompli ttejjeb l-effettività u l-koordinazzjoni tal-inizjattivi biex tiżgura l-koerenza fl-ilħuq tal-għanijiet ta' konnettività tagħha. L-isforzi tal-Greċja fil-qasam tas-semikondutturi u l-kwantistika għandhom jiġu sostnuti sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Fl-2022, il-Greċja ħadet diversi miżuri biex toħloq kundizzjonijiet favorevoli għan-negozji biex iħaffu t-trasformazzjoni diġitali tagħhom, iżda l-intensità diġitali tal-SMEs u l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati min-negozji Griegi jeħtieġ li jiżdiedu biex jikkontribwixxu għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali. Il-livell ta' intensità diġitali tal-SMEs fil-Greċja huwa ta' 41 %, li għadu 'l bogħod mill-medja tal-UE ta' 69 %. Fir-rigward tal-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali avvanzati, l-intraprizi fil-Greċja adottawhom aktar bil-mod: fl-2020 13 % kienu qed jużaw il-big data (medja tal-UE: 14 %), filwaqt li 15 % kienu qed jużaw is-servizzi tal-cloud (medja tal-UE: 34 %), u 3 % biss kienu qed jużaw l-IA (medja tal-UE: 8 %). Madankollu, is-settur tat-teknoloġiji diġitali huwa wieħed mill-aktar setturi dinamiċi tal-ekonomija Griega, b'rati ta' tkabbir fost l-ogħla fil-pajjiż (6,1 % bejn l-2017 u l-2021 f'termini tar-rata ta' tkabbir annwali kompost (CAGR)), li jistgħu jagħtu spinta lill-kontribut tal-Greċja għad-Deċennju Diġitali.

***Il-Greċja għandha żżid b'mod sinifikanti l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji****, b'mod partikolari billi timplimenta malajr il-miżuri tal-RRP u l-programmi tal-FEŻR, "Kompetittività" u "Trasformazzjoni diġitali"****.*** *Għandha tingħata attenzjoni lill-appoġġ tal-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, inklużi l-big data, u l-IA, b'mod partikolari fl-SMEs.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Il-Greċja tkompli timplimenta l-istrateġija ambizzjuża tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi, filwaqt li tagħmel progress notevoli biex tilħaq il-miri tad-Deċennju Diġitali. Filwaqt li xorta waħda għandha prestazzjoni taħt il-medja tal-UE, fl-2022 il-punteġġ għas-servizzi pubbliċi diġitali żdied għal 65 għaċ-ċittadini (+13-il punt) u 74 għan-negozji (+26 punt). Barra minn hekk, fl-2022, l-Awtorità Ellenika għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Amministrazzjoni Pubblika (APED) tnediet biex tiżgura l-identifikazzjoni elettronika, issaħħaħ il-fiduċja fis-servizzi u ttejjeb il-proċeduri ta' awtentikazzjoni f'konformità mar-Regolament eIDAS. Il-Greċja kisbet punteġġ ta' 61 għall-aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika, li huwa ferm taħt il-medja tal-UE ta' 72, peress li l-ambitu tad-*data* aċċessibbli huwa limitat u l-awtentikazzjoni ma tiġix trattata b'identifikazzjoni elettronika (eID) li tkun ġiet innotifikata jew li tkun konformi mar-Regolament eIDAS. Madankollu fl-2022, tnedew diversi proġetti tas-saħħa diġitali, bħall-applikazzjoni għall-apparati mobbli Myhealth, li se tikkontribwixxi għall-mira tad-Deċennju Diġitali li 100 % taċ-ċittadini jkollhom aċċess għar-rekords tagħhom tas-saħħa elettronika.

***Il-Greċja għandha żżid l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi****. B'mod partikolari, għandha tinnotifika lill-Kummissjoni skema tal-eID skont ir-Regolament eIDAS. L-introduzzjoni tal-investimenti konsiderevoli allokati fl-RRP għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika għandha tkompli bl-istess pass biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini u n-negozji jibbenefikaw fil-futur immedjat. Fir-rigward tar-rekords tas-saħħa elettronika, l-ambitu tad-data aċċessibbli għandu jitwessa' u għandu jissaħħaħ ukoll l-aċċess ugwali għal gruppi żvantaġġati. L-espansjoni tan-network nazzjonali tat-telemediċina għandu jgħin biex jiġi pprovdut aċċess ugwali għas-servizzi tas-saħħa għar-residenti kollha tal-pajjiż, irrispettivament mill-post fejn jinsabu.*

**Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Greċja**

L-RRP Grieg jiddedika EUR 7,1 biljun (23,3 %) għat-trasformazzjoni diġitali, li minnhom EUR 6,8 biljun huma mistennija jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[12]. L-ewwel pagament żborżat kien relatat ma' 15-il stadju importanti u mira, inkluża għodda tal-IT għall-monitoraġġ tas-suq tax-xogħol u miżuri għall-appoġġ ta' investimenti privati fid-diġitalizzazzjoni. It-tieni pagament kien relatat ma' 28 stadju importanti u mira, inkluż it-tnedija ta' skema ta' appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs. Stadji importanti u miri ulterjuri jinkludu l-immodernizzar tal-istrateġija tal-apprendiment tul il-ħajja, it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-persuni fil-ħiliet diġitali u l-ħolqien u t-titjib tal-infrastruttura taċ-ċentri tar-riċerka madwar il-pajjiż.

[12] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: L-Ungerija

**L-Ungerija għandha potenzjal diġitali mhux sfruttat biex tikkontribwixxi aktar għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE.** L-Ungerija għamlet progress fit-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà tagħha. Fl-2022, l-aktar progress sinifikanti sar f'network fiss b'kapaċità għolja ħafna u fil-kopertura tal-5G. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet u l-opportunitajiet ġodda offruti minn infrastruttura diġitali mtejba jintużaw bis-sħiħ, huwa meħtieġ aktar progress biex jittejbu l-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni. Dan jista' jgħin ukoll fid-diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-setturi pubbliċi u privati. Fit-30 ta' Novembru 2022, il-gvern Ungeriż adotta l-Istrateġija Nazzjonali għad-Diġitalizzazzjoni 2022-2030 il-ġdida, li hija allinjata mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.

L-Ungerija qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li tistabbilixxi **Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, biex tiżviluppa infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali u mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Fir-rigward tal-ħiliet diġitali, l-Ungerija għandha punteġġ taħt il-medja tal-UE. Madwar nofs il-popolazzjoni ta' bejn is-16 u l-74 sena biss għandha mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi, li huwa ferm taħt il-mira tal-UE għall-2030 ta' 80 %. L-RRP Ungeriż jinkludi diversi miżuri mmirati lejn il-ħiliet diġitali, l-aktar fil-forma ta' stabbiliment jew titjib tal-għodod u l-faċilitajiet meħtieġa għall-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali. It-tisħiħ ulterjuri tal-kompetenza diġitali tal-għalliema jista' jikkomplementa dawn il-miżuri.

Il-proporzjon ta' speċjalisti fl-ICT mill-impjiegi totali żdied bi ftit f'dawn l-aħħar snin iżda fl-2022 baqa' relattivament baxx b'4,1 %, li huwa inqas mill-medja tal-UE ta' 4,6 %. Is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT, bi 13,6 %, huwa fost l-aktar baxxi fl-UE, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 18,9 %. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għad-Diġitalizzazzjoni għall-2022-2030 il-ġdida se tkun kruċjali biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali li aktar minn 80 % tal-individwi jkollhom ħiliet diġitali bażiċi u li jkun hemm 20 miljun speċjalista tal-ICT mill-impjiegi totali sal-2030, għalkemm jista' jkun li l-istrateġija nazzjonali ma hijiex ambizzjuża biżżejjed.

***L-Ungerija għandha żżid l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali**. B'mod partikolari, il-kompetenza diġitali tal-għalliema għandha tissaħħaħ, flimkien ma' żieda fil-parteċipazzjoni tal-adulti f'korsijiet ta' taħriġ diġitali, biex jiżdied l-għadd ta' persuni b'ħiliet diġitali bażiċi. Aktar kooperazzjoni, speċjalment mas-settur privat, mal-NGOs u mas-sħab soċjali, fost l-oħrajn, tkun rilevanti sabiex jiġu żviluppati l-ħiliet meħtieġa fl-SMEs.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Il-konnettività tal-broadband hija ogħla mill-medja tal-UE, u fir-rigward tal-5G, l-Ungerija għamlet progress sinifikanti lejn l-ilħuq tal-miri tal-konnettività diġitali għall-2030. Fl-2022, il-kopertura tal-5G fl-Ungerija żdiedet għal 58 %, żieda ta' 40 punt perċentwali meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Madankollu, dan għadu ferm anqas mill-medja tal-UE ta' 81 %. Il-kopertura b'network fiss b'kapaċità għolja ħafna (VHCN) żdiedet minn 72 % fl-2021 għal 80 % fl-2022, u qabżet il-medja tal-UE ta' 72 %. Il-pajjiż għamel progress tajjeb fl-adozzjoni tas-servizzi tal-Gigabits (29,8 %), filwaqt li 70 % tal-unitajiet domestiċi huma abbonati ma' servizzi ogħla minn 100 Mbps.

L-Ungerija għandha pjanijiet ambizzjużi biex tvara modulu tal-computing kwantistiku f'sistema futura tal-computing ta' prestazzjoni għolja (HPC), kif ukoll "Laboratorju Nazzjonali tal-Kwantistika". Diversi timijiet tal-universitajiet u tal-istituzzjonijiet tar-riċerka qed jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw teknoloġiji kwantistiċi.

L-Ungerija tipparteċipa fl-iżvilupp u fl-użu tal-Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain. Filwaqt li l-produzzjoni tas-semikondutturi hija limitata għal attivitajiet back-end, hemm attivitajiet ta' żvilupp fid-disinn ta' ċirkwiti ġodda. L-Ungerija qed tikkontribwixxi għall-ekosistema tal-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni ma' parteċipanti assoċjati (għajnuna taħt il-limitu tal-GBER).

***L-Ungerija għandha żżid l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività**, b'mod partikolari l-introduzzjoni tal-5G. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għad-Diġitalizzazzjoni, li tistabbilixxi l-perkors biex jintlaħqu l-miri, tgħin biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.*

*L-isforzi tal-Ungerija fil-qasam tas-semikondutturi u l-kwantistika għandhom jiġu sostnuti sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Id-diġitalizzazzjoni tan-negozji għadha sfida ewlenija fl-Ungerija. Il-biċċa l-kbira tan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, għadhom ma humiex qed jimmassimizzaw l-opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji diġitali. Dan għandu impatt negattiv fuq il-kompetittività tal-ekonomija. Fl-2022, 52 % tal-SMEs fl-Ungerija biss kellhom mill-anqas intensità diġitali bażika (ferm taħt il-medja tal-UE ta' 69 %). L-użu ta' teknoloġiji diġitali avvanzati, bħall-big data u l-intelliġenza artifiċjali, kien anqas minn nofs il-medja tal-UE fl-2021 (3 % fl-Ungerija meta mqabbel ma' 8 % fl-UE). Fl-2021, l-użu tas-servizzi tal-cloud computing kien ta' 21 %, 13-il punt perċentwali aktar baxx mill-medja tal-UE (34 %). L-Ungerija tipparteċipa fl-IPCEI dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss.

***L-Ungerija għandha żżid b'mod sinifikanti l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. Huma meħtieġa aktar inċentivi għall-investimenti, kif ukoll miżuri biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' qafas ta' appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-SMEs, b'mod partikolari fil-qasam tal-ħiliet, biex titħaffef it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji, biex jiżdied l-użu tat-teknoloġija diġitali mill-SMEs u biex jiġu żviluppati negozji ġodda diġitali.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

L-Ungerija qed tkompli tagħmel progress fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, iżda għad għandha prestazzjoni taħt il-medja tal-UE f'dan ir-rigward. Il-prestazzjoni tal-Ungerija fil-forniment ta' servizzi pubbliċi diġitali kemm għan-negozji (76) kif ukoll għaċ-ċittadini (68) hija taħt il-medja tal-UE u taħt il-mira tal-UE għall-2030 ta' 100. L-Ungerija għadha qed tiffaċċa l-isfida biex taċċellera l-adozzjoni ta' diversi soluzzjonijiet diġitali avvanzati fis-settur pubbliku tagħha, fost l-oħrajn, speċjalment l-akkwist ta' innovazzjoni ta' teknoloġiji diġitali trasformattivi. Għall-identifikazzjoni elettronika (eID), l-identifikazzjoni elettronika transfruntiera hija mistennija li ssir disponibbli fl-2023 permezz tal-iskema eIDAS. L-użu ta' karti nazzjonali tal-eID għadu limitat, peress li l-biċċa l-kbira tal-utenti jippreferu l-"client gate trusted profile". L-RRP Ungeriż jinkludi diversi miżuri li jiffokaw fuq id-diġitalizzazzjoni fil-kura tas-saħħa fejn l-Ungerija għandha punteġġ ta' 80, li huwa ogħla mill-medja tal-UE.

Il-Programm Operazzjonali għat-Tiġdid Diġitali (DROP), appoġġat mill-Politika ta' Koeżjoni, jistabbilixxi għanijiet strateġiċi relatati mad-*data* miftuħa u l-użu tat-teknoloġija tal-cloud fl-amministrazzjoni pubblika.

***L-Ungerija għandha taċċellera l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Ungerija** |
|---|
| Bi 30 % tal-allokazzjoni tiegħu ddedikata għall-miżuri diġitali (EUR 1,7 biljun), li minnhom EUR 1,2 biljun qed jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[13], il-pjan jinkludi pakkett komprensiv għall-promozzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà. Il-biċċa l-kbira tal-komponenti fihom miżuri dwar it- |

[13] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

tranżizzjoni diġitali. Huma ppjanati miżuri sinifikanti biex jittejbu t-tagħmir u l-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni primarja, vokazzjonali u għolja. Il-pjan fih miżuri relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tas-setturi tas-saħħa, tat-trasport u tal-enerġija.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: L-Irlanda

**L-Irlanda hija mistennija tagħmel kontribut pożittiv għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. Il-pajjiż juri impenn kontinwu lejn trasformazzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem u ekoloġika. L-indikaturi juru livell għoli ta' ħiliet diġitali. Il-pajjiż għandu wkoll il-potenzjal li jkompli jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu dwar l-infrastruttura diġitali u d-diġitalizzazzjoni tan-negozji. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija Diġitali Nazzjonali globali, ippubblikata fi Frar 2022 u allinjata bis-sħiħ mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, għandha tgħin biex jintlaħaq dan l-għan.

L-Irlanda qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi stabbilit **Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar l-istabbiliment ta' Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwa, li tiġi żviluppata infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwa naturali u li jiġu żviluppati mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi.

### *ĦILIET DIĠITALI*

L-isforzi kontinwi tal-Irlanda fir-rigward tal-ħiliet diġitali, kemm bażiċi kif ukoll ta' livell għoli, kienu ta' suċċess. 70 % tal-adulti fl-Irlanda għandhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi, li huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE (54 %) u mhux 'il bogħod mill-mira tal-UE għall-2030 (mill-anqas 80 %). L-Irlanda tkompli timplimenta l-Istrateġija ta' 10 snin dwar il-litteriżmu għall-adulti għall-ħajja (Settembru 2021) u l-Istrateġija diġitali għall-iskejjel sal-2027 (April 2022), b'valur ta' EUR 200 miljun ta' finanzjament impenjat fil-pjan nazzjonali għall-iżvilupp. L-Irlanda qed tiżviluppa pjan ta' azzjoni dwar il-ħiliet diġitali, li għandu jiġi ffinalizzat fl-2023, kif ukoll approċċ għal sistema tal-edukazzjoni terzjarja aktar unifikata. Barra minn hekk, l-Irlanda qed tagħmel sforzi biex tiżgura prospettiva xierqa rigward il-ħiliet diġitali, inklużi l-ħiliet tal-ICT ta' livell għoli.

Fl-Irlanda, is-sehem ta' speċjalisti tal-ICT mill-impjiegi totali huwa ta' 6,2 %, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 4,6 %. Il-proporzjon ta' gradwati li jistudjaw fi programmi tal-ICT huwa ta' 8 %, kważi d-doppju tal-medja tal-UE ta' 4,2 %. Madankollu, l-ispeċjalisti tal-ICT nisa, filwaqt li jaqbżu l-medja tal-UE, jirrappreżentaw biss 20 fil-mija tal-ispeċjalisti kollha tal-ICT.

***L-Irlanda għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali**, biex tkompli tagħti spinta lill-iżvilupp ta' ħiliet diġitali bażiċi u ta' livell għoli, filwaqt li tagħti attenzjoni speċifika biex jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Il-kopertura b'network fiss b'kapaċità għolja ħafna (VHCN) fl-Irlanda żdiedet b'mod kostanti matul l-aħħar 3 snin, minn 67 % fl-2020 għal 84 % fl-2022, u għamlet progress tajjeb lejn il-mira tal-UE għall-2030 ta' 100 %. Madankollu, il-pajjiż għadu lura fir-rigward tal-adozzjoni ta' broadband ta' mill-inqas 100 Mbps u ta' mill-inqas 1 Gbps. Fir-rigward tal-kopertura ġenerali tal-5G, b'84 % għandha rata ogħla mill-medja tal-UE ta' 81 % u qed tagħmel progress tajjeb biex tilħaq il-mira tal-UE għall-2030 ta' kopertura ta' 100 %. B'56 %, l-Irlanda għandha prestazzjoni aħjar mill-medja tal-UE fir-rigward tal-kopertura tal-5G fuq il-banda tal-ispettru ta' 3.4-3.8 GHz. F'Diċembru 2022, ġiet ippubblikata Strateġija għall-konnettività diġitali ġdida. L-Irlanda qed tagħmel progress tajjeb bl-implimentazzjoni tal-Pjan nazzjonali għall-broadband (NBP) u l-konnessjoni tal-iskejjel primarji man-networks tal-broadband. Fl-2023, l-Irlanda lestiet parzjalment it-traspożizzjoni tal-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

L-Irlanda tipparteċipa fil-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni b'parteċipant dirett wieħed attiv fil-manifattura. L-Irlanda hija wkoll il-bażi ta' aktar minn 100 kumpanija tas-semikondutturi, li jesportaw prodotti b'valur totali ta' EUR 13,5-il biljun kull sena. Il-pajjiż jappoġġa inizjattivi fil-qasam permezz tal-fond għall-Innovazzjoni tat-Teknoloġiji ta' Tfixkil ta' EUR 500 M . L-Irlanda għandha tixtri 18-il nodu periferiku sa tmiem l-2023 permezz tal-RRF.

***L-Irlanda għandha taċċellera l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività**. B'mod partikolari, l-Irlanda għandha (i) iżżid l-isforzi tagħha biex tippermetti l-konnettività tal-5G, b'mod partikolari l-kopertura tal-5G fil-banda tal-ispettru 3.4-3.8 GHz, (ii) twettaq konsultazzjoni pubblika f'waqtha rigward il-banda ta' frekwenza ta' 26 GHz, u (iii) tippermetti aktar konnettività f'Gigabit, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni ta' broadband ta' mill-inqas 100 Mbps u ta' mill-inqas 1 Gbps.*

*Il-miżuri meħuda mill-Irlanda fil-qasam tas-semikondutturi u tan-nodi periferiċi għandhom jitkomplew sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

L-isforzi tal-Irlanda biex tiddiġitalizza n-negozji diġà wasslu riżultati, billi fl-2002, 85 % tal-SMEs urew li kellhom tal-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali. Din il-prestazzjoni hija ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE ta' 69 % u hija wkoll qrib ħafna tal-mira tal-UE għall-2030 ta' aktar minn 90 %. L-użu tat-teknoloġiji diġitali mill-intrapriżi fl-Irlanda s'issa kien medju u għadu lura b'mod sinifikanti mill-mira tad-Deċennju Diġitali (big data (23 % fl-2020), cloud (47 % fl-2021) u b'mod partikolari l-IA (8 % fl-2021). Madankollu, l-Irlanda qed tieħu azzjoni sostanzjali biex tkompli tavvanza l-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali fl-intrapriżi kollha fil-pajjiż kollu, pereżempju bl-istabbiliment ta' Forum konsultattiv diġitali tal-intrapriżi, il-ħatra tal-ewwel ambaxxatur tal-IA tagħha biex imexxi "konverżazzjoni nazzjonali" dwar ir-rwol tal-IA fil-ħajja tan-nies u t-tnedija ta' Fond għat-tranżizzjoni diġitali ta' EUR 85 miljun biex jappoġġa lill-kumpaniji fit-tranżizzjoni diġitali tagħhom.

***L-Irlanda għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**, b'mod partikolari biex tavvanza l-adozzjoni tal-big data, il-cloud u b'mod partikolari l-IA fil-bażi tan-negozju kollha tal-pajjiż.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Is-servizzi pubbliċi pprovduti lin-negozju u lill-pubbliku ġenerali fl-Irlanda huma ddiġitalizzati ħafna, b'punteġġi rispettivi ta' 100 u 81. Madankollu, l-Irlanda għadha ma tipprovdix liċ-ċittadini aċċess għal rekords elettroniċi tas-saħħa. Dan ifixkel il-progress lejn l-ilħuq tal-mira tad-Deċennju Diġitali tal-UE li 100 % taċ-ċittadini tal-UE jkollhom aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom. L-Irlanda hija impenjata li tkompli tavvanza d-diġitalizzazzjoni fis-servizzi pubbliċi. Bħalissa qed timplimenta l-Gvern ikkollegat 2030: Strateġija ta' servizz pubbliku diġitali u tal-ICT (Marzu 2022), inkluż l-iżvilupp ta' portal online ta' avvenimenti ewlenin tal-ħajja. Fl-2023 se jiġi ppubblikat pjan direzzjonali għall-inklużjoni diġitali u se jistabbilixxi miżuri biex jappoġġaw aħjar lil dawk li jistgħu ma jkunux kapaċi jaċċessaw is-servizzi online. F'termini ta' servizz tal-identità diġitali biex jiġu aċċessati s-servizzi pubbliċi diġitali, hemm aktar minn 1,88 miljun kont tal-MyGovID ivverifikati. Dan jirrappreżenta madwar 49 % tal-popolazzjoni adulta, b'żieda sinifikanti ħafna fl-adozzjoni matul l-aħħar sentejn. L-iżvilupp ta' qafas diġitali ġdid tal-kura tas-saħħa 2023-2027 għadu għaddej.

***L-Irlanda għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, għandha tiżgura li kulħadd ikun jista' jaċċessa r-rekords elettroniċi tas-saħħa.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Irlanda** |
|---|
| Il-Pjan Irlandiż għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiddedika EUR 312-il miljun (32 %) għat-trasformazzjoni diġitali, li kollha huma mistennija li jintefqu biex jgħinu sabiex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali[14]. Fil-kuntest tal-ewwel talba għal pagament, l-Irlanda hija mistennija li, fost affarijiet oħrajn: (i) tiffirma l-kuntratt għall-bini tal-faċilità ta' ċentru ta' *data* tal-gvern kondiviż; (ii) tniedi sejħiet għal proposti bħala parti mill-proġett dwar it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji Irlandiżi; (iii) tinstalla rotot ta' konnessjoni f'mill-anqas 750 skola primarja; (iv) tistabbilixxi l-kriterji għall-finanzjament tal-infrastruttura tal-ICT fl-iskejjel; (v) tagħti l-kuntratti |

[14] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

għall-akkwist ta’ sistema ta’ Spiżerija elettronika; u (vi) tgħammar lill-istudenti żvantaġġati f’istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni ulterjuri u għolja b’apparat tal-ICT (pereżempju tipprovdi mill-anqas 20 000 laptop), eċċ.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: L-Italja

**L-Italja għandha potenzjal diġitali mhux sfruttat biex tikkontribwixxi aktar għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE.** Minħabba d-daqs tal-ekonomija Taljana u l-popolazzjoni tagħha, l-isforzi kurrenti u futuri se jikkontribwixxu b'mod sinifikanti. F'dawn l-aħħar snin, l-Italja għamlet avvanzi sinifikanti f'termini ta' infrastruttura, iżda għandha prestazzjoni taħt il-medja tal-UE fir-rigward tal-ħiliet u ta' xi aspetti tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. L-istrateġiji adottati b'rabta mal-cloud, il-blockchain, l-IA u dan l-aħħar b'rabta maċ-ċibersigurtà, flimkien mar-riformi u l-investimenti skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, joħolqu qafas solidu biex tintlaħaq trasformazzjoni diġitali sostenibbli u inklużiva.

L-Italja qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi stabbilit **Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar l-istabbiliment tal-Akkademja Ewropea tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà. L-Italja hija wieħed mill-Istati Membri li ppreżentaw b'mod konġunt applikazzjoni formali biex jistabbilixxu s-Sħubija Ewropea tal-Blockchain u l-EDIC dwar l-Infrastruttura Ewropea tal-Blockchain, b'appoġġ għas-servizzi pubbliċi transfruntieri madwar l-UE kollha.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Il-progress tal-Italja fil-ħiliet diġitali għadu lajman, u jikkontribwixxi biss ftit lejn il-mira tad-Deċennju Diġitali. 46 % biss tal-popolazzjoni għandhom ħiliet diġitali bażiċi. Dan jipperikola l-kapaċità tagħhom li jibbenefikaw minn opportunitajiet diġitali u li jeżerċitaw iċ-ċittadinanza diġitali tagħhom, u għandu impatt negattiv fuq l-inklużività tal-Italja. L-Italja adottat strateġija nazzjonali speċifika u inkludiet riformi u investimenti fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) li huma maħsuba biex iżidu l-livell tal-ħiliet diġitali. Filwaqt li l-importanza li jiġu żviluppati ħiliet ġodda u li jiġu aġġornati l-profili tax-xogħol hija rikonoxxuta bħala prijorità, l-għadd ta' intrapriżi li fil-fatt joffru taħriġ lill-impjegati tagħhom għadu insuffiċjenti.

L-għadd ta' gradwati fl-ICT fl-Italja għadu ferm anqas mill-ambizzjonijiet għad-Deċennju Diġitali tal-UE, peress li l-pajjiż ma huwiex kapaċi jissodisfa d-domanda tan-negozju għal professjonisti kkwalifikati. Minkejja li l-offerta li jiġi pprovdut taħriġ qed tevolvi u ġiet estiża permezz ta' offerti ta' taħriġ flessibbli ġodda li jiffokaw fuq l-iSTEM, is-sehem tal-gradwati fl-ICT għadu ta' 1,5 %, li ma huwiex biżżejjed u taħt il-medja tal-UE ta' 4,2 % b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT huwa ta' 16 %, li huwa ferm anqas mill-medja tal-UE ta' 18,9 %.

***L-Italja għandha żżid l-isforzi tagħha b'rabta mal-ħiliet diġitali**, b'mod partikolari fit-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħha. Barra minn hekk, għandha tintroduċi prospettivi tal-ħiliet biex tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tagħha u ttejjeb il-kooperazzjoni b'mod partikolari mal-industrija u s-soċjetà ċivili. L-Italja għandha żżid il-kapaċità tas-sistemi edukattivi biex jitħarrġu aktar speċjalisti tal-ICT, filwaqt li jiġi sfruttat il-finanzjament tal-RRF.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

L-Italja għamlet progressi notevoli lejn l-ilħuq tal-miri tad-Deċennju Diġitali dwar l-infrastrutturi diġitali u l-RRP tagħha jirrappreżenta spinta sinifikanti għal investiment importanti. Fir-rigward tal-mira tad-Deċennju Diġitali għal network fiss b'kapaċità għolja ħafna (VHCN), l-Italja għadha taħt il-medja tal-UE (54 % tal-unitajiet domestiċi meta mqabbla ma' 73 % fl-UE), minkejja żieda ta' 10 punti perċentwali bejn l-2021 u l-2022. L-Italja laħqet kopertura tal-5G fil-pajjiż kollu fl-2021 u 93 % tal-ispettru armonizzat ġie assenjat fl-2023. Barra minn hekk, il-kopertura tal-5G ġiet ipprovduta fuq il-banda tal-ispettru ta' 3.4-3.8 GHz lil 80 % tal-unitajiet domestiċi.

L-Italja tkompli ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fis-setturi tat-teknoloġiji tas-semikondutturi u tal-cloud computing. L-investimenti taħt l-RRP jinkludu appoġġ għall-parteċipazzjoni fil-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) "Mikroelettronika u Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni" b'10 parteċipanti diretti attivi f'firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet. L-Italja tinsab minn ta' quddiem nett fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja (HPC) u fil-computing kwantistiku. LEONARDO, sistema tas-

supercomputing ta' klassi dinjija żviluppata u assemblata fl-Ewropa, bħalissa hija r-raba' supercomputer l-aktar b'saħħtu fid-dinja. LEONARDO se jkompli jittejjeb biex isir wieħed mill-ewwel kompjuters kwantistiċi mibnija fl-Ewropa. F'Marzu 2023, l-Italja nediet it-TeRABIT, infrastruttura bbażata fuq ottika tal-fibra ddedikata tal-aħħar ġenerazzjoni, li tippermetti li d-*data* tiġi skambjata b'veloċitajiet terabit (1 000 biljun bit fis-sekonda). Diversi operaturi qed jibdew ivaraaw infrastruttura tal-edge cloud aktar deċentralizzata, b'mod partikolari biex jegħlbu kwistjonijiet potenzjali ta' konġestjoni u jottimizzaw is-servizz tal-vidjow.

***L-Italja għandha żżid l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività**, b'mod partikolari l-kopertura tal-Gigabits**.** Se jkun kruċjali għall-Italja li timmassimizza l-kopertura tal-konnettività fissa li hija disponibbli biex tittejjeb u tikkonsolida l-kisbiet sinifikanti li saru fil-konnettività mobbli, b'mod partikolari għal applikazzjonijiet avvanzati.*

*Il-miżuri meħuda mill-Italja fil-qasam tas-semikondutturi, tan-nodi periferiċi u tal-computing kwantistiku għandhom jitkomplew sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Il-biċċa l-kbira tal-SMEs Taljani għandhom mill-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali f'konformità mal-medja tal-UE (70 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 69 % fl-2022). Il-progress kien partikolarment b'saħħtu fl-użu tal-fatturi elettroniċi, li qabeż il-medja tal-UE b'95 % (fl-2020), kif ukoll il-perċentwal tal-fatturat tal-SMEs mill-kummerċ elettroniku li laħaq 14 % (fl-2022). Madankollu, jista' jsir aktar fir-rigward tal-aġġornament ta' teknoloġiji diġitali avvanzati: filwaqt li, fl-2021, il-cloud intuża minn 52 % tal-intrapriżi, li huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 34 %, l-istampa hija differenti għall-big data u l-IA, fejn, fl-2020, 9 % biss tal-intrapriżi użaw il-big data, u, fl-2021, 6 % użaw l-IA. L-Italja qed tipparteċipa b'mod attiv fin-network taċ-Ċentru Ewropew għall-Innovazzjoni Diġitali (EDIH) bi 13-il EDIH, li ntgħażlu biex jiġu kkofinanzjati mill-Programm Ewropa Diġitali tal-UE u mill-Gvern Taljan. Minkejja dawn il-miżuri, il-possibbiltà li n-negozji ġodda jespandu fl-Italja għadha limitata meta mqabbla ma' Stati Membri oħrajn. Barra minn hekk, l-Italja qed tipparteċipa fl-IPCEI dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss.

***L-Italja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. B'mod partikolari, l-Italja għandha tkompli tappoġġa l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, b'mod partikolari l-IA u l-big data, inkluż il-bini tal-kapaċitajiet u tal-għarfien. L-Italja għandha ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tħeġġeġ l-intraprenditorija fis-setturi diġitali u toħloq ekosistema ta' innovazzjoni, b'mod partikolari għan-negozji ġodda u għall-SMEs, filwaqt li ttejjeb l-opportunitajiet tagħhom li jespandu.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

L-Italja għandha punteġġi taħt il-medja tal-UE fir-rigward tal-forniment ta' servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini (punteġġ ta' 68 imqabbel ma' 77) u għan-negozji (punteġġ ta' 75 imqabbel ma' 84). Minkejja d-dewmien akkumulat matul dawn l-aħħar snin, saru sforzi akbar fir-rigward ta': (i) id-disponibbiltà, l-effiċjenza u s-sigurtà tal-infrastruttura diġitali, (ii) l-interoperabbiltà tad-*data* u tal-informazzjoni fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi, (iii) l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' darba biss, (iv) iż-żieda tal-użu tal-identità diġitali u (v) it-tlestija tas-sistema għar-rekords elettroniċi tas-saħħa. Il-miżuri reċenti meħuda biex jiġu żgurati servizzi pubbliċi aktar iċċentrati fuq l-utent u biex tittejjeb l-aċċessibbiltà tas-servizzi pubbliċi diġitali x'aktarx li jkomplu jħeġġu lill-pubbliku juża servizzi pubbliċi diġitali.

***L-Italja għandha żżid l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, għandha tħaffef l-implimentazzjoni ta' miżuri eżistenti u ppjanati.*

**Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Italja**

Il-Pjan Taljan għall-Irkupru u r-Reżiljenza ddedika EUR 48 biljun (25 %) għat-trasformazzjoni diġitali u li minnhom EUR 42 biljun huma mistennija jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[15]. L-Italja diġà laħqet diversi miżuri diġitali, bħal: (i) ir-riforma "Cloud First and Interoperability"; (ii) ir-riforma tal-akkwist tal-ICT; (iii) is-simplifikazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-akkwist tal-ICT; (iv) sejħiet ta' espressjoni ta' interess biex jintgħażlu proġetti bħala parti mill-"Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni"; (v) l-adozzjoni ta' Pjan Nazzjonali għal Ħiliet Ġodda; u (vi) ħames miżuri ta' konnettività.

[15] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Latvja

**Il-Latvja għandha potenzjal diġitali mhux sfruttat biex tikkontribwixxi aktar għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE.** Filwaqt li għandha prestazzjoni tajba ħafna fil-konnettività fissa u fis-servizzi pubbliċi diġitali, il-Latvja għamlet progress limitat b'rabta mal-5G u l-adozzjoni ta' servizzi tal-gigabits, u ma għandhiex prestazzjoni tajba biżżejjed fid-diġitalizzazzjoni tan-negozju. Għalhekk, sforzi sostnuti huma kruċjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal għall-ekonomija. Il-Latvja għad trid iżżid il-livell tal-ħiliet diġitali fost il-popolazzjoni tagħha. Filwaqt li huwa allinjat mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, u kkoordinat bejn l-awtoritajiet nazzjonali u lokali, l-akkademiċi u l-NGOs, il-Pjan ta' implimentazzjoni tal-2023-2027 aġġorna l-istrateġija diġitali nazzjonali tal-Latvja.

Il-Latvja qed tikkollabora mal-Istati Membri l-oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDICs)** dwar: (i) l-istabbiliment ta' Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, biex jiġu żviluppati infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali u mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi; u (ii) "Infrastruttura tad-Drittijiet tal-Awtur", biex jiġi rilaxxat il-potenzjal tas-setturi kreattivi tal-UE.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Il-Latvja għadha kemxejn taħt il-medja tal-UE mill-anqas fuq il-ħiliet diġitali bażiċi (51 % mqabbla ma' 54 %), u taħt il-mira tad-Deċennju Diġitali ta' 80 % għall-2030 b'mod sinifikanti.

Hija wkoll taħt il-mira tal-ispeċjalisti tal-ICT fejn il-Latvja għandha 4,4 %, li huwa inqas mill-medja tal-UE ta' 4,6 %. Barra minn hekk, 15 % tal-intrapriżi biss qed jipprovdu taħriġ fl-ICT lill-impjegati tagħhom, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 22 %. Madankollu, il-Latvja hija ogħla mill-medja tal-UE fir-rigward tal-gradwati fl-ICT (5 % mqabbla ma' 4,2 %), l-użu tal-Internet (90 % mqabbla ma' 89 %) u l-konverġenza bejn il-ġeneri tal-ispeċjalisti tal-ICT tagħha (22,8 % mqabbla ma' 18,9 %).

***Il-Latvja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *B'mod partikolari l-Latvja hija mħeġġa tkompli timplimenta miżuri biex tindirizza ċ-ċikli kollha tal-edukazzjoni u biex tintegra l-aspett diġitali fis-sistema tal-edukazzjoni, integrat fis-suġġetti kollha. Għandha tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu attirati speċjalisti tal-ICT, u biex dawn jinżammu.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Il-biċċa l-kbira tal-unitajiet domestiċi Latvjani għandhom aċċess għal networks tal-gigabits. Il-Latvja għandha rata ferm ogħla mill-medja tal-UE fir-rigward tal-kopertura b'networks fissi b'kapaċità għolja ħafna (92 % mqabbla ma' 73 %) u fir-rigward tal-Fibra sal-Binjiet (91 % mqabbla ma' 56 %), u tinsab f'pożizzjoni tajba biex tilħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali tal-konnettività f'Gigabit ta' 100 %.

Minn nofs l-2022, il-kopertura tal-5G fil-Latvja laħqet 42 % taż-żoni popolati fil-Latvja, li huwa ferm anqas mill-medja tal-UE ta' 81 %. Il-Latvja qed tirdoppja l-isforzi tagħha biex tnaqqas il-burokrazija u tagħmel disponibbli spettru ddedikat għat-tisħiħ tal-kopertura tal-5G. Il-Latvja qed tieħu EUR 12,5-il miljun mill-RRF u EUR 4,35 miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u kofinanzjament privat biex tagħmel in-networks ottiċi disponibbli fuq l-awtostrada Via Baltica sa tmiem l-2025. Barra minn hekk, il-Latvja qed issir minn ta' quddiem nett fl-iżvilupp ta' applikazzjonijiet industrijali u innovattivi tat-teknoloġiji tal-5G.

Qed tiġi żviluppata infrastruttura sperimentali u avvanzata għall-komunikazzjoni kwantistika (QCI) fil-livell nazzjonali, iffinanzjata mill-Programm Ewropa Diġitali, biex jiġu ttestjati inizjattivi nazzjonali speċifiċi tal-QCI, bl-użu ta' parti mir-riżorsi ddedikati għall-użu ta' każijiet fis-settur tad-difiża, u parti oħra disponibbli għall-pubbliku għall-ittestjar tas-servizzi kummerċjali fil-kura tas-saħħa, fil-finanzi u fil-5G. F'Novembru 2022 ġie ffirmat memorandum ta' qbil bejn 12-il sieħeb biex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet tas-semikondutturi fil-Latvja permezz tal-katina tal-valur kollha. Il-Latvja qed tikkontribwixxi għall-ekosistema tal-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni ma' parteċipanti assoċjati (li jirċievu għajnuna taħt il-limitu tal-GBER).

***Il-Latvja għandha taċċellera l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività.*** *B'mod partikolari, il-Latvja għandha żżid l-isforzi għall-introduzzjoni tal-konnettività tal-5G. L-implimentazzjoni rapida tal-miżuri tal-RRF hija rilevanti ħafna. Barra minn hekk, l-isforzi tal-Latvja fil-qasam tal-kwantistika u tas-semikondutturi għandhom jiġu sostnuti sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Il-Latvja għamlet xi progress fuq diversi indikaturi li jikkonċernaw id-diġitalizzazzjoni tan-negozju, iżda b'mod ġenerali għadha taħt il-medja tal-UE. Bi 52 % tal-SMEs b'mill-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali, il-Latvja hija ferm taħt il-medja tal-UE ta' 69 % fl-2022. Is-sehem tal-Latvja ta' intrapriżi li jużaw is-servizzi tal-cloud (22 % fl-2021) kien baxx meta mqabbel mal-medja tal-UE (34 %). 4 % tal-intrapriżi biss użaw l-IA fl-2021, taħt il-medja tal-UE (8 %). L-iżvilupp ta' ekonomija diġitali sostenibbli huwa wieħed mill-prijoritajiet ewlenin tat-tfassil tal-politika fil-Latvja. L-RRP Latvjan jippromwovi t-trasformazzjoni diġitali tan-negozji b'appoġġ totali stmat għal EUR 138 miljun. Diversi miżuri huma ppjanati bħad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tan-negozju, l-istrumenti finanzjarji għall-promozzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tal-operaturi ekonomiċi u żewġ Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali, b'aktar minn 10 punti ta' kuntatt reġjonali fl-akbar bliet tal-pajjiż tal-Latvja stabbiliti bħala punti ta' kuntatt uniċi. Bħala parti mill-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tagħha, il-Latvja qed taħdem biex tiżviluppa mudell ta' ġestjoni tas-sistema tal-innovazzjoni komplut, inkluż permezz ta' grupp ta' tmexxija ddedikat għall-ICT. Il-Latvja hija sieħeb fl-IPCEI dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss.

***Il-Latvja għandha żżid b'mod sinifikanti l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji.*** *B'mod partikolari, il-Latvja għandha ssaħħaħ l-isforzi ta' disseminazzjoni u sfruttament tat-teknoloġiji diġitali u l-implimentazzjoni ta' strateġiji żviluppati b'mod konġunt kemm mill-atturi pubbliċi kif ukoll minn dawk privati, biex tagħti spinta qawwija lill-użu ta' soluzzjonijiet avvanzati ġodda tal-cloud fost l-ekosistemi tal-SMEs.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Il-Latvja għandha prestazzjoni tajba fid-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi diġitali, b'punteġġ ta' 87 għas-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini (medja tal-UE: 77) u ta' 86 għan-negozji (medja tal-UE: 84). Meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 72, il-Latvja għandha punteġġ ogħla, 79, għall-aċċess online tar-rekords mediċi elettroniċi. Fil-qasam tal-identifikazzjoni elettronika (eID), il-Latvja nnotifikat skema lill-Kummissjoni skont ir-Regolament eIDAS. Hija wieħed mill-Istati Membri pijunieri li żviluppaw soluzzjoni mobbli tal-eID li tintroduċi l-applikazzjoni "eParaksts mobile" li tippermetti lill-utenti jiffirmaw id-dokumenti b'mod elettroniku, jidħlu f'kuntratti u jirċievu servizzi mill-awtoritajiet. Il-Latvja kienet parti minn diversi proġetti kollaborattivi dwar l-eID, inkluż il-"Proġett Nordiku-Baltiku tal-eID" (NOBID) li għandu l-għan li jarmonizza diversi soluzzjonijiet tal-eID fi tmien pajjiżi Nordiċi u Baltiċi biex jiżgura aċċess transfruntier għas-servizzi diġitali fir-reġjun. L-"Istrateġija dwar is-Saħħa Diġitali sal-2029" tal-Latvja qed tiġi ffinalizzata u se tiżgura l-iżvilupp strateġiku u l-ġestjoni tas-saħħa diġitali billi tibni ekosistema tad-*data* dwar is-saħħa miftuħa u interoperabbli. Fost avvanzi oħrajn fl-2022, is-sistema nazzjonali tar-rekords elettroniċi tas-saħħa ppermettiet liċ-ċittadini Latvjani jindikaw fir-rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom il-preferenzi tagħhom fir-rigward tad-donazzjoni tal-organi jew l-awtorizzazzjonijiet lil persuni oħrajn biex jieħdu deċiżjonijiet dwar it-trattament mediku.

***Il-Latvja għandha taċċellera l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi.*** *B'mod partikolari, għandha tkompli tiżgura li r-rekords elettroniċi tas-saħħa jkunu faċilment aċċessibbli u tkompli tagħti spinta lis-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini u għas-servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji.*

## Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Latvja

L-RRP tal-Latvja jiddedika EUR 1,8 biljun (21 %) għat-trasformazzjoni diġitali, kważi kompletament mistennija li jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[16]. L-objettivi ewlenin tal-Pjan huma li jindirizza d-distakk fil-ħiliet diġitali u jagħti spinta lit-trasformazzjoni diġitali u lill-innovazzjoni tan-negozji filwaqt li tinżamm il-pożizzjoni b'saħħitha tal-pajjiż dwar is-servizzi pubbliċi diġitali. Huma previsti wkoll investimenti fil-backhaul tal-5G u fil-konnettività tal-aħħar mil.

[16] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Litwanja

**Il-Litwanja hija mistennija tagħmel kontribut pożittiv għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. Hija tibbenefika mill-kontinwità fl-implimentazzjoni ta' pjanijiet u strateġiji, li huma allinjati mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali. Sar progress sinifikanti fil-ħiliet diġitali, iżda huwa meħtieġ sforz ulterjuri biex il-pajjiż jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-miri tad-Deċennju Diġitali, u l-konnettività, filwaqt li l-prestazzjoni dwar id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi kienet konsistentement tajba.

Il-Litwanja qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDICs)** dwar: (i) l-istabbiliment ta' Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, biex jiġu żviluppati infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali u mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi; u (ii) Servizzi ta' Trasformazzjoni Interkonnessi Innovattivi tal-Amministrazzjoni Pubblika Massiva, biex tiġi żviluppata ġenerazzjoni ġdida ta' servizzi pubbliċi transfruntieri avvanzati.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Aktar minn nofs il-popolazzjoni tal-Litwanja ta' bejn is-16 u l-74 sena ma għandhomx mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi. Sar progress sinifikanti fiż-żieda tas-sehem tal-ispeċjalisti tal-ICT mill-impjiegi totali (4,4 % mqabbla ma' 3,8 % fis-sena ta' qabel, u mal-medja tal-UE ta' 4,6 %). Barra minn hekk, hemm aktar bilanċ bejn il-ġeneri fost il-professjonisti tal-ICT fil-Litwanja mill-medja tal-UE (22,9 % mqabbla ma' 18,9 %). Il-politiki nazzjonali jintegraw il-ħiliet diġitali fil-kurrikuli tal-iskejjel u fil-programmi universitarji. Hemm ukoll għadd żgħir ta' proġetti li jirċievu appoġġ mill-fondi tal-UE li hemm f'dan il-qasam, inkluż il-proġett EdTech, skedat għall-2022-2024 b'baġit ta ' EUR 30 miljun.

***Il-Litwanja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *B'mod partikolari, il-Litwanja għad trid tinvesti fondi sostanzjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali u twettaq sforzi ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet għal persuni li diġà huma attivi fis-suq tax-xogħol.*

### *INFRASTRUTTURI DIĠITALI*

Hemm perspettiva pożittiva kemm rigward il-konnettività fissa kif ukoll rigward dik mobbli. L-introduzzjoni ta' networks fissi b'kapaċità għolja ħafna (VHCN) żdiedet u kopriet 78 % tal-unitajiet domestiċi, li hija ogħla mill-medja tal-UE ta' 73 %. L-introduzzjoni tal-Fibra sal-Binjiet (FTTP) baqgħet tiżdied u hija ferm ogħla mill-medja tal-UE (78 % mqabbla ma' 56 %). Min-naħa l-oħra, l-adozzjoni ta' konnessjonijiet ta' 1 Gbps hija baxxa ħafna (1,7 % tal-unitajiet domestiċi mqabbla ma' medja tal-UE ta' 13,8 %). Fl-2022, kien hemm żieda sinifikanti fiż-żoni popolati b'kopertura tal-5G minn 33 % fl-2021 għal 90 %, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 81 %. L-aktar żvilupp importanti fl-2022 kien jikkonsisti minn żewġ irkantijiet tal-baned tal-ispettru ddedikati tal-5G, li ġew konklużi b'suċċess. L-obbligi ta' kopertura assoċjati huma mistennija li jippermettu aktar progress lejn il-mira tal-UE li tiġi żgurata kopertura tal-5G fiż-żoni popolati kollha. Sabiex dan l-effett jiġi mmassimizzat, ġew stabbiliti aktar miżuri biex jistimulaw l-introduzzjoni kemm tal-VHCN kif ukoll tal-5G biex jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri tal-konnettività tal-2030.

***Il-Litwanja għandha taċċellera l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività.*** *B'mod partikolari l-Litwanja għandha żżid l-isforzi tagħha biex tintroduċi l-konnettività f'Gigabit, speċjalment tal-fibra sal-binjiet fiż-żoni rurali, bl-assistenza tal-fondi tal-UE. Il-Litwanja għandha tieħu miżuri biex tinċentiva l-adozzjoni ta' konnettività b'veloċità għolja.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

**Il-Litwanja għandha prestazzjoni qrib il-medja tal-UE fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji**, b'indikaturi dwar il-bejgħ tal-kummerċ online li jibqgħu ogħla mill-medja tal-UE. Madankollu, il-proporzjon ta' SMEs b'mill-anqas intensità diġitali bażika huwa ta' 64 %, li huwa inqas mill-medja tal-UE ta' 69 %. B'mod partikolari, fl-2021, l-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati bħal soluzzjonijiet tal-cloud kienet ta' 28 %, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 34 %. L-adozzjoni tal-IA kienet ta' 5 %, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 8 %. Il-Litwanja għandha fis-seħħ diversi miżuri ta' appoġġ għall-SMEs, li jipprovdu finanzjament (*E-komercijos* modelis) u jtejbu l-ambjent legali għan-negozji ġodda diġitali.

***Il-Litwanja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji****. Huwa importanti li l-Litwanja tqabbel l-investimenti tagħha ma' riformi strateġiċi u li tibbilanċja l-investimenti magħmula fis-setturi pubbliċi u privati, b'enfasi speċjali fuq l-SMEs.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Il-Litwanja kompliet bit-titjib tas-servizzi pubbliċi diġitali tagħha għaċ-ċittadini (punteġġ ta' 84) u għan-negozji (punteġġ ta' 94), bi prestazzjoni ferm aħjar mill-medji tal-UE. Il-Litwanja diġà għandha fis-seħħ il-karta tal-identità personali kemm għall-identifikazzjoni elettronika kif ukoll għall-iffirmar elettroniku. Il-gvern Litwan juża servizz "e-citizen" biex jagħmilha aktar faċli għan-nies biex jikkuntattjaw lill-aġenziji tal-gvern permezz ta' mezzi elettroniċi, kif ukoll biex jimmonitorja l-progress tal-petizzjonijiet, l-applikazzjonijiet jew il-konsultazzjonijiet pubbliċi. Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni, is-servizz tal-e-Seimas jippermetti lin-nies jirreġistraw inizjattivi leġiżlattivi pubbliċi u jikkummentaw ukoll dwar l-atti leġiżlattivi li qed jiġu pproċessati mill-Parlament. Il-Litwanja għandha prestazzjoni tajba fl-għoti ta' rekords mediċi online, b'punteġġ ta' 92, li huwa ogħla sew mill-medja tal-UE. Is-Sistema ta' Informazzjoni Elettronika tal-Infrastruttura tas-Servizzi tas-Saħħa u l-Kooperazzjoni (ESPBI IS) bħalissa tospita kważi 100 % tal-forniturі tal-kura tas-saħħa Litwani, kif ukoll l-ispiżeriji. Il-korpi nazzjonali kollha tal-kura tas-saħħa fil-Litwanja huma meħtieġa jużaw is-sistema meta jipprovdu servizzi relatati mas-saħħa. Il-Litwanja bħalissa qed tintroduċi l-proġett il-ġdid tal-Gvern elettroniku ffinanzjat mill-RRF "Data Lake, li jgħaqqad ir-reġistri tal-istat u jippermetti aċċess faċli għall-aġenziji tal-istat.

***Il-Litwanja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi****.*

**Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Litwanja**

L-RRP tal-Litwanja ddedika EUR 701 miljun (31,5 %) għal miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali. Minn dan l-ammont, aktar minn EUR 660,5 miljun huma mistennija jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[17]. Aktar minn nofs dawn il-fondi għandhom jintefqu fuq is-servizzi pubbliċi diġitali u l-infrastruttura. Il-pjan jiffoka fuq l-introduzzjoni ta' networks tal-5G, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u l-ħolqien ta' soluzzjonijiet innovattivi għat-trasport.

L-ewwel żborż ta' EUR 649,5 miljun huwa relatat ma' 31 minn 33 stadju importanti, inklużi dawk diġitali kollha ppreżentati. L-istadji importanti relatati mat-tranżizzjoni diġitali jkopru l-irkant tal-ispettru tal-5G, il-miżuri li jippermettu d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi (Ċentru ta' Kompetenza għat-Trasformazzjoni Diġitali u d-*Data* Miftuħa) u l-ħidma preparatorja fuq proġett dwar soluzzjonijiet innovattivi fit-trasport.

[17] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: il-Lussemburgu

**Il-Lussemburgu huwa mistenni jagħti kontribut qawwi ħafna għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. Qed jagħmel progress tajjeb fit-trasformazzjoni diġitali tiegħu b'effetti pożittivi fir-reġjuni tal-madwar, b'mod partikolari f'termini ta' innovazzjoni fiċ-ċentri tad-*data* u fl-amministrazzjoni diġitali kif ukoll ta' forza tax-xogħol b'aktar ħiliet. Fl-2022, il-Lussemburgu żied l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT impjegati u ta' gradwati fl-ICT, u għamel progress fl-adozzjoni tal-broadband fiss, fil-kopertura tan-networks mobbli tal-5G u fl-offerta ta' servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini. Huwa kkomplementa wkoll l-ekosistema tiegħu tal-computing ta' prestazzjoni għolja (HPC) mibnija fuq is-supercomputer Meluxina bi programm ġdid ta' master universitarju. Madankollu, għad hemm lakuni fl-adozzjoni ta' abbonamenti tal-gigabits u l-kopertura ta' network fiss tal-gigabits. Huma meħtieġa aktar sforzi fir-rigward tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti u d-diġitalizzazzjoni tan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs. Filwaqt li l-Lussemburgu għandu ħarsa ġenerali lejn l-istrateġiji diġitali mmexxija minn kull Ministeru, ma għandux dokument strateġiku kkonsolidat għad-diġitalizzazzjoni lejn l-2030.

Il-Lussemburgu qed jikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi stabbilit **Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar il-Ġenoma, biex ikun jista' jkun hemm aċċess transfruntier effettiv u sigur għar-repożitorji ta' settijiet ta' *data* ġenomiċi personali.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Il-Lussemburgu għandu prestazzjoni tajba fid-dawl tal-mira tad-Deċennju Diġitali dwar il-ħiliet diġitali, b'64 % tal-popolazzjoni tiegħu ta' bejn is-16 u l-74 sena li għandhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi. Il-Lussemburgu bħalissa qed jimplimenta diversi miżuri maħsuba biex iżidu l-livell ta' ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati.

Il-pajjiż għandu wkoll rata ferm ogħla mill-medja tal-UE fl-għadd ta' speċjalisti tal-ICT irrappreżentati fl-impjiegi totali (7,7 % meta mqabbla ma' 4,6 %). Is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT ta' 20,7 %, huwa wkoll ogħla mill-medja tal-UE ta' 18,9 %. Barra minn hekk, il-Ministeru tal-Edukazzjoni Nazzjonali, it-Tfal u ż-Żgħażagħ ħoloq iċ-Ċentru tal-Apprendiment Diġitali (DLH) li għandu l-għan li jnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet diġitali. Id-DLH joffri korsijiet ta' taħriġ għal żmien qasir f'oqsma differenti tal-ICT u huwa mmirat lejn esperti tal-IT, prinċipjanti, persuni li qed ifittxu impjieg u żgħażagħ fir-rigward tat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet. Fost inizjattivi oħrajn, inħolqu kurrikuli universitarji biex jedukaw speċjalisti tal-IT filwaqt li l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol huma mmonitorjati bir-reqqa.

***Il-Lussemburgu għandu jkompli jimplimenta l-politiki tiegħu fil-qasam tal-ħiliet diġitali**. B'mod partikolari, il-Lussemburgu għandu jħeġġeġ lill-impjegaturi jsaħħu l-ħiliet diġitali tal-impjegati (pubbliċi u privati) u l-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol fit-taħriġ diġitali.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Il-Lussemburgu huwa wieħed mill-aqwa atturi tal-UE fl-infrastruttura diġitali. Fir-rigward tal-konnettività, l-istrateġija għall-broadband b'veloċità għolja ħafna ġiet ippubblikata fl-2021 u tkopri l-perjodu sal-2025, u bħalissa qed tiġi implimentata. Kien hemm żieda kostanti fil-kopertura tan-network b'kapaċità għolja ħafna, minn 91,7 % fl-2020 għal 93,3 % fl-2022. L-introduzzjoni ulterjuri tal-fibra se jkollha rwol importanti biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali, peress li n-networks tal-kejbil segwew l-aġġornament tagħhom għall-istandard DOCSIS 3.1. Miżuri ulterjuri biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni ta' dawn in-networks ikunu ta' benefiċċju kbir. B'mod ġenerali l-kopertura tal-5G żdiedet għal 93 %, li hija ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 81 %. Il-Lussemburgu għandu ekosistema tal-computing ta' prestazzjoni għolja b'saħħitha.

***Il-Lussemburgu għandu jkompli jimplimenta l-politiki tiegħu dwar l-infrastruttura diġitali.** B'mod partikolari, jista' jieħu miżuri addizzjonali biex jinċentiva l-adozzjoni tal-konnettività f'Gigabit u tal-5G*

*u jkompli bl-isforzi marbuta mal-introduzzjoni tal-konnettività f'Gigabit, b'mod partikolari billi jissimplifika l-proċeduri tal-permessi u jiffaċilita l-aċċess għall-proprjetà pubblika biex jestendi n-networks mobbli fissi. Il-Lussemburgu għandu jiżviluppa wkoll aktar azzjonijiet fil-qasam tan-nodi periferiċi u tal-kwantistika sabiex jgħin lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

B'66 % tal-SMEs li għandhom mill-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali, il-Lussemburgu għandu prestazzjoni kemxejn taħt il-medja tal-UE ta' 69 %. B'mod partikolari, il-proporzjon ta' negozji li jużaw is-servizzi tal-cloud kien taħt il-medja tal-UE fl-2021. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-appoġġ għall-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji avvanzati oħrajn, bħall-IA u l-big data. Il-miżuri ta' politika kurrenti huma ffokati fuq it-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol u fuq l-għajnuna lil negozji ġodda innovattivi biex jikbru. Fir-rigward tal-cloud computing, il-Lussemburgu jieħu sehem fil-*Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss* (IPCEI-CIS) li għandu l-għan li jgħammar lill-UE bil-ġenerazzjoni li jmiss ta' kapaċitajiet minn cloud sa edge avvanzati, iddistribwiti, siguri, sostenibbli u innovattivi.

***Il-Lussemburgu għandu jżid l-isforzi tiegħu fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-appoġġ tal-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, inklużi l-IA, il-big data u speċjalment il-cloud computing fost l-intrapriżi, b'mod partikolari fl-SMEs, inkluż permezz ta' inċentivi għall-investiment, kif ukoll il-bini tal-kapaċitajiet u tal-għarfien. Il-Lussemburgu għandu jsaħħaħ ukoll l-isforzi ta' disseminazzjoni u sfruttament u l-implimentazzjoni ta' strateġiji żviluppati b'mod konġunt kemm minn atturi pubbliċi kif ukoll minn dawk privati biex tingħata spinta qawwija lill-użu ta' soluzzjonijiet avvanzati ġodda tal-cloud fost l-ekosistemi tal-SMEs.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Il-pajjiż għandu prestazzjoni partikolarment tajba fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tas-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini (punteġġ ta' 95) u għan-negozji (punteġġ ta' 97), qrib ħafna tal-punteġġ tal-mira tad-Deċennju Diġitali ta' 100. Ir-rwol ċentrali ta' koordinazzjoni tal-Ministeru għad-Diġitalizzazzjoni wassal għal aktar titjib fl-amministrazzjoni pubblika diġitali. Qed jiżdiedu karatteristiċi konvenjenti bħall-vidjokonferenzi mal-amministrazzjoni, il-possibbiltà li jintużaw applikazzjonijiet tal-mowbajl u l-portafolli elettroniċi. Il-Lussemburgu għandu skema nazzjonali tal-eID fis-seħħ f'konformità mar-Regolament eIDAS u qed jiżviluppa portafoll elettroniku nazzjonali. Madankollu, il-Lussemburgu għandu prestazzjoni partikolarment baxxa fl-aċċess online għar-rekords elettroniċi tas-saħħa għaċ-ċittadini, b'punteġġ ta' 67 minn 100 punt ta' indiċi.

***Il-Lussemburgu għandu jkompli jimplimenta l-politiki tiegħu biex jiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tal-Lussemburgu għandhom ikomplu bl-inizjattivi diġitali tal-amministrazzjoni pubblika tagħhom u jżommu l-livell għoli ta' ambizzjoni tagħhom. L-aċċess għad-data miftuħa għandu jittejjeb. Il-Lussemburgu għandu jtejjeb l-aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa, filwaqt li jiżgura sett minimu aġġornat f'waqtu ta' data relatata mas-saħħa maħżuna f'sistemi elettroniċi tar-rekords tas-saħħa pubbliċi u privati.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Lussemburgu** |
|---|
| **L-RRP tal-Lussemburgu jammonta għal EUR 82,7 miljun u 30 % minnhom (jiġifieri EUR 24,5 miljun) huma ddedikati għat-trasformazzjoni diġitali.**[18] Ir-riformi u l-investimenti diġitali li kienu maħsuba li jiġu implimentati fl-2022 kienu: (i) it-tnedija tar-reġistru diġitali uniku tal-professjonijiet tas-saħħa, b'mill-anqas 5 000 professjonist rreġistrat; (ii) it-tnedija fuq il-pjattaforma nazzjonali tas-saħħa elettronika tas-soluzzjoni tat-telemonitoraġġ "IdeoPHM" li tissostitwixxi s-soluzzjoni preċedenti "Maela", li tippermetti segwitu mediku mill-bogħod bejn it-tobba, id-dentisti jew il-qwiebel u l-pazjenti; (iii) il-konnessjoni b'suċċess ta' mill- |

[18] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

anqas żewġ siti li jifformaw parti mil-Laboratorju tal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni Kwantistika tal-Lussemburgu (LuxQCI) permezz tal-istabbiliment ta' network terrestri; (iv) il-konnessjoni b'suċċess tas-segmenti spazjali u terrestri tal-QCI permezz ta' sistema ta' ġestjoni ewlenija; (v) konnessjoni transfruntiera stabbilita biex turi sistema "Quantum Key Distribution" ibbażata fuq l-art; (vi) l-integrazzjoni ta' funzjonalità fir-rigward ta' appuntamenti permezz ta' vidjokonferenza fil-portal tal-Gvern elettroniku MyGuichet.lu u l-implimentazzjoni; u (vii) id-disponibbiltà ta' 12-il servizz ġdid għaċ-ċittadini u għan-negozji, aċċessibbli permezz ta' MyGuichet.lu.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Malta

**Malta hija mistennija tagħti kontribut qawwi ħafna għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. Malta għamlet progress sinifikanti, speċjalment fil-konnettività u s-servizzi pubbliċi diġitali, iżda huma meħtieġa aktar sforzi fil-ħiliet diġitali u d-diġitalizzazzjoni tan-negozji. Li n-nies jiġu mħeġġa jagħtu spinta lill-ħiliet diġitali tagħhom huwa kruċjali biex jiġi żgurat li n-nies u n-negozji f'Malta jkunu jistgħu jimmassimizzaw l-użu tagħhom tal-internet tal-gigabits u tas-servizzi pubbliċi diġitali disponibbli. L-istrateġija diġitali l-ġdida, *Malta Diġitali* 2022-2027, hija allinjata mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.

Bħalissa Malta hija involuta biss bħala osservatur fil-ħidma mmirata lejn l-istabbiliment ta' **Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDIC)** dwar is-Servizzi ta' Trasformazzjoni Interkonnessi Innovattivi tal-Amministrazzjoni Pubblika Massiva, biex tiġi żviluppata ġenerazzjoni ġdida ta' servizzi transfruntieri avvanzati.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Aktar minn terz tal-popolazzjoni ta' Malta ma għandhiex mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi. Il-perċentwal tal-popolazzjoni ta' bejn is-16 u l-74 sena b'mill-anqas livell bażiku ta' ħiliet diġitali f'Malta huwa ta' 61 %, li huwa ogħla mill-medja tal-UE (54 %). Madankollu, il-lakuni li fadal speċjalment fost persuni anqas edukati u anzjani jfixklu kontribut saħansitra akbar biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali (80 %) kif ukoll l-objettivi biex jitnaqqsu d-distakki diġitali. Il-perċentwal ta' speċjalisti tal-ICT fil-forza tax-xogħol Maltija huwa ta' 4,8 %, li huwa ftit ogħla mill-medja tal-UE (4,6 %) iżda mhux biżżejjed biex jiġu ssodisfati d-domandi tas-suq tax-xogħol. Is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT huwa, min-naħa l-oħra, kemxejn taħt il-medja tal-UE (18,2 % meta mqabbla ma' 18,9 %). L-Istrateġija tal-Ħiliet Elettroniċi ta' Malta għall-2022-2025 tipprovdi qafas għall-koordinazzjoni u l-espansjoni tal-inizjattivi dwar il-ħiliet diġitali biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u n-nuqqasijiet persistenti fil-ħiliet.

***Malta għandha tkompli bl-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *Biex tkompli tnaqqas id-distakk diġitali, Malta għandha tħeġġeġ lin-nies jieħdu sehem fit-taħriġ tal-ħiliet diġitali billi toħloq sensibilizzazzjoni u tiffaċilita l-aċċess, b'enfasi speċjali fuq gruppi vulnerabbli. Barra minn hekk, Malta għandha tkompli bil-prospettivi tal-ħiliet u ttejjeb il-kooperazzjoni mal-industrija u s-soċjetà ċivili biex tevalwa u taġġusta regolarment l-offerti tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tħeġġeġ lin-nisa jsiru speċjalisti tal-ICT.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Malta laħqet il-miri tad-Deċennju Diġitali għall-konnettività; madankollu, hemm lok għal titjib tal-kopertura fuq baned ta' spettru essenzjali għal applikazzjonijiet avvanzati li jirrikjedu wisa' tal-banda ta' spettru kbira. B'20 %, il-kopertura tal-5G fuq il-banda pijuniera ta' 3.4-3.8 GHz hija ferm anqas mill-medja tal-UE ta' 41 %. L-ispettru fil-baned ta' 700 MHz u 26 GHz għadu mhux assenjat. Malta għamlet progress sostanzjali fil-fibra, li issa tkopri aktar minn nofs il-pajjiż (56 %), iżda l-adozzjoni ta' veloċitajiet fissi għoljin ħafna kompliet titjieb bil-mod fl-2022.

Fir-rigward ta' infrastrutturi diġitali oħrajn, Malta tipparteċipa fil-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni b'parteċipant dirett wieħed attiv fl-imballaġġ avvanzat, u hija attiva wkoll f'network Ewropew ta' organizzazzjonijiet pubbliċi li jiffinanzjaw proġetti ta' riċerka u innovazzjoni relatati mal-kwantistika. Barra minn hekk, Malta pparteċipat fin-network ta' Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali fl-2022. Hija mistennija li jkollha kompjuter ta' prestazzjoni għolja għall-użu bħala test mill-SMEs u min-negozji ġodda Maltin.

Malta tista' tikkapitalizza l-punti b'saħħithom tagħha fl-infrastruttura u fit-teknoloġiji diġitali biex tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika tagħha.

***Malta għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha dwar l-infrastruttura diġitali.*** *Malta għandha tivvaluta regolarment id-domanda emerġenti tas-suq fil-baned ta' 700 MHz u 26 GHz. B'mod parallel,*

*Malta għandha żżid l-isforzi biex tinċentiva l-adozzjoni tal-konnettività tal-gigabits u tal-5G, inkluż billi taċċellera l-iżvilupp tal-ekosistemi tal-5G fil-pajjiż kollu. Malta għandha tikkoopera ma' Stati Membri oħrajn, pereżempju, dwar l-użu ta' teknoloġiji diġitali biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali, tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tat-traffiku u tal-enerġija kif ukoll l-ippjanar sostenibbli fit-tul tal-bliet. L-attivitajiet ta' Malta fl-iżvilupp tal-infrastruttura għal teknoloġiji avvanzati bħas-semikondutturi u l-computing kwantistiku għandhom jiġu sostnuti sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

In-negozji Maltin għandhom livell għoli ta' diġitalizzazzjoni u, b'appoġġ immirat u aċċess aħjar għal ħaddiema tas-sengħa, jistgħu jkomplu jimmassimizzaw it-teknoloġiji diġitali biex isiru aktar effiċjenti fir-riżorsi u innovattivi. Maġġoranza kbira (78 % fl-2022) ta' SMEs Maltin għandhom mill-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali u l-intrapriżi Maltin b'mod ġenerali komplew għaddejjin bi prestazzjoni ogħla mill-medja tal-UE fl-użu ta' soluzzjonijiet tal-cloud (48 % meta mqabbla ma' 34 % fl-2021), u, ftit inqas, fl-użu tal-IA (10 % meta mqabbla ma' 8 % fl-2021). Madankollu, id-diffikultajiet fl-attrazzjoni u ż-żamma ta' ħaddiema tas-sengħa jimpedixxu lin-negozji milli jinvestu aktar fit-teknoloġiji diġitali u jikkontribwixxu aktar għall-ilħuq tal-miri tad-Deċennju Diġitali. Malta hija l-bażi ta' tliet unicorns, u l-gvern ħabbar appoġġ addizzjonali għan-negozji ġodda b'enfasi fuq il-massimizzazzjoni tal-punti b'saħħithom eżistenti fis-settur marittimu u fl-iGaming. Il-pajjiż jinsab fil-proċess li jissieħeb mal-Alleanza tan-Nazzjonijiet għan-Negozji l-Ġodda tal-Ewropa biex ikompli jtejjeb il-kundizzjonijiet għan-negozji ġodda. Wara t-tnedija tal-Istrateġija Ċibernetika Nazzjonali għall-2023-2026, Malta introduċiet il-Proġett Mind the Gap fil-bidu tal-2023 biex jgħin lin-negozji lokali jivvalutaw u jtejbu l-livelli taċ-ċibersigurtà tagħhom.

***Malta għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. B'mod partikolari, Malta għandha tkompli tiffaċilita l-aċċess għal teknoloġiji u soluzzjonijiet diġitali avvanzati siguri u sovrani filwaqt li tħeġġeġ l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni diġitali. Dan għandu joħloq sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tat-teknoloġiji diġitali u jżid il-parteċipazzjoni fi skemi ta' finanzjament eżistenti, speċjalment fost il-ħafna negozji mikro, żgħar u ta' daqs medju mmexxija minn familji, li jifformaw l-ekonomija ta' Malta.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

B'punteġġi ta' 100 (għaċ-ċittadini) u ta' 97 (għan-negozji), Malta qed toqrob lejn il-mira tad-Deċennju Diġitali. Bis-saħħa tal-fatt li huma soġġetti għal fokus bikri u investiment kontinwu, appoġġati minn fondi tal-RRF, is-servizzi pubbliċi ewlenin għaċ-ċittadini u n-negozji huma fil-biċċa l-kbira disponibbli online permezz tal-portal servizz.gov. L-iskema ta' identifikazzjoni elettronika (eID) ta' Malta, innotifikata lill-Kummissjoni skont ir-Regolament eIDAS, tista' tintuża biex dak li jkun jilloggja f'91 % tas-servizzi pubbliċi online. Malta qed taħdem ukoll fuq l-espansjoni tal-aċċess taċ-ċittadini għar-rekords elettroniċi tas-saħħa u qed tfittex li ttejjeb il-punteġġ kurrenti tagħha ta' 78 minn 100 (meta mqabbel ma' 72 għall-UE b'mod ġenerali) billi tagħmel disponibbli aktar *data* elettronika dwar is-saħħa inkluż minn istituzzjonijiet privati tal-kura tas-saħħa. B'kuntrast ma' dan, Malta għandha punteġġ baxx ħafna fl-iffaċilitar tal-aċċess għal u l-użu ta' *data* miftuħa, qasam fejn tista' tikkontribwixxi aktar biex jintlaħqu objettivi u prinċipji ewlenin tad-Deċennju Diġitali fir-rigward tal-bini fuq l-użu ta' informazzjoni tal-gvern biex jiġu promossi l-innovazzjoni u r-responsabbiltà. L-Istrateġija dwar id-*Data* tal-Amministrazzjoni Pubblika għall-2023-2027 il-ġdida ta' Malta hija mistennija li tipprovdi qafas għat-trawwim ta' politiki u prattiki ta' *data* miftuħa fil-pajjiż.

***Malta għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, Malta għandha timmonitorja l-użu effettiv tas-servizzi pubbliċi diġitali kif ukoll id-distakki possibbli. Fir-rigward tas-saħħa elettronika, Malta għandha tkompli bl-isforzi biex tgħaqqad tipi addizzjonali ta' fornituri tal-kura tas-saħħa mar-rekords tas-saħħa elettronika. Barra minn hekk, għandha tippromwovi l-iżvilupp tal-ħiliet diġitali fost l-uffiċjali pubbliċi, b'mod partikolari fis-sistema tas-saħħa u tal-ġustizzja. Hemm bżonn ta' miżuri sinifikanti biex issir disponibbli aktar data tas-settur*

*pubbliku u ta' kwalità ogħla, kemm billi jiġu żviluppati politiki ta' data miftuħa kif ukoll billi jiġi estiż il-portal nazzjonali tad-data.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) ta' Malta** |
| --- |
| L-RRP emendat ta' Malta jiddedika EUR 67,6 miljun (26 %) għat-trasformazzjoni diġitali, li parti kbira minnhom hija mistennija tikkontribwixxi għall-miri tad-Deċennju Diġitali[19]. L-ewwel pagament relatat ma', fost l-oħrajn: (1) l-adozzjoni ta' Strateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti fl-2021, li tidentifika t-teknoloġiji diġitali bħala qasam ta' investiment prijoritarju; (2) emendi leġiżlattivi li jippermettu aktar użu tat-teknoloġiji diġitali fi proċedimenti tal-qorti. |

[19] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: In-Netherlands

**Storikament, in-Netherlands kienu minn ta' quddiem fit-trasformazzjoni diġitali fl-Ewropa, u mistennija jagħtu kontribut qawwi ħafna għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. L-aġendi ta' ħidma nazzjonali tagħhom dwar it-trasformazzjoni diġitali kienu jew jinsabu fil-proċess li jiġu żviluppati b'referenzi għall-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali. Madankollu, huma meħtieġa miżuri oħrajn fir-rigward tal-użu tal-IA min-negozji, u d-disponibbiltà ta' speċjalisti u gradwati fl-ICT fis-suq tax-xogħol Netherlandiż.

In-Netherlands qed jikkollaboraw ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDICs)** dwar: (i) l-istabbiliment ta' Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, biex tiġi żviluppata infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali u biex jiġu żviluppati mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi; u (ii) id-*Data* dwar il-Mobbiltà u l-Loġistika, sabiex ikunu permessi l-aċċess, il-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tad-*data* f'dawn l-oqsma.

### *ĦILIET DIĠITALI*

In-Netherlands għandhom popolazzjoni b'livell għoli ta' ħiliet diġitali, li mistennija tagħti kontribut importanti biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali. 79 % tal-individwi li għandhom bejn is-16 u l-74 sena fin-Netherlands għandhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi, numru li huwa qrib il-mira ta' 80 % tad-Deċennju Diġitali għall-ħiliet diġitali bażiċi u ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 54 %.

7,2 % tal-individwi fl-impjieg fin-Netherlands huma speċjalisti tal-ICT, meta mqabbla ma' 4,6 % fl-UE. Madankollu, il-perċentwal ta' gradwati fl-ICT fin-Netherlands huwa anqas mill-medja tal-UE b'3,7 % meta mqabbla ma' 4,2 %. Ġie introdott pjan ta' azzjoni ġdid biex isolvi n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol, li huwa essenzjali għal tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika ta' suċċess fin-Netherlands. Barra minn hekk, qed tittieħed azzjoni biex jittejbu l-ħiliet diġitali kemm fil-livell tal-edukazzjoni bażika kif ukoll biex tiġi avvanzata d-diġitalizzazzjoni fl-edukazzjoni għolja. Fl-aħħar, bi proporzjon ta' speċjalisti nisa tal-ICT ta' 19,4 % (li huwa ftit ogħla mill-medja tal-UE), għad fadal ħafna biex jintlaħaq bilanċ bejn il-ġeneri fl-ispeċjalisti tal-ICT.

***In-Netherlands għandhom ikomplu jimplimentaw il-politiki tagħhom fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *B'mod partikolari, hija mħeġġa azzjoni biex jiżdiedu t-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet fil-qasam tal-ħiliet diġitali fis-suq tax-xogħol kif ukoll biex ikun hemm forza tax-xogħol ta' speċjalisti tal-ICT b'bilanċ aħjar bejn il-ġeneri.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Tradizzjonalment, in-Netherlands urew prestazzjoni qawwija fil-qasam tal-infrastruttura diġitali, għalkemm l-iżviluppi reċenti juru sinjali ta' staġnar. Irrispettivament minn dan, il-kopertura tan-networks fissi b'kapaċità għolja ħafna tal-pajjiż hija ta' 98 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 73 %. Madankollu, l-adozzjoni tal-konnettività f'Gigabit ma teżistix. In-Netherlands għandhom kopertura tal-5G ta' 100 % iżda ma assenjawx il-banda ta' 3.6 GHz fil-ħin.

Il-miżuri meħuda min-Netherlands fil-qasam tas-semikondutturi u tal-computing kwantistiku huma kontribut importanti għall-isforzi tal-UE. L-industrija Netherlandiża tat-tagħmir tas-semikondutturi għandha pożizzjoni ewlenija globalment. Din il-pożizzjoni tissaħħaħ ulterjorment permezz ta' kważi EUR 1 biljun f'finanzjament pubbliku lil NXTGEN HIGHTECH u PhotonDelta kif ukoll permezz tal-parteċipazzjoni fl-IPCEI tal-Mikroelettronika u tat-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni b'ħames parteċipanti diretti attivi fit-tagħmir, fl-apparat, fil-karozzi, fit-telekomunikazzjoni u fil-fotonika. Sar koinvestiment mill-gvern Netherlandiż f'nodi periferiċi permezz tal-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (IPCEI-CIS). Fl-aħħar, Quantum Delta NL ingħatat EUR 615-il miljun biex timplimenta l-aġenda kwantistika Netherlandiża. Dan minbarra r-

rwol sinifikanti li għandhom in-Netherlands fil-qasam tal-kwantistika permezz ta' diversi proġetti kwantistiċi Ewropej.

***In-Netherlands għandhom jaċċelleraw l-isforzi tagħhom fl-infrastruttura tal-konnettività**, b'mod partikolari l-kopertura tal-Gigabits. In-Netherlands għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jassenjaw il-banda ta' 3.6 GHz għall-komunikazzjonijiet mobbli mingħajr aktar dewmien, f'konformità mal-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-UE. Barra minn hekk, għandhom jikkunsidraw li jieħdu miżuri biex jinċentivaw l-adozzjoni tal-konnettività f'Gigabit.*

*Il-miżuri meħuda min-Netherlands fil-qasam tas-semikondutturi, tan-nodi periferiċi u tal-computing kwantistiku għandhom jitkomplew sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Ħafna negozji Netherlandiżi diġà qed jieħdu vantaġġ mill-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni. L-SMEs fin-Netherlands imorru aħjar mill-medja tal-UE f'termini ta' mill-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali, b'punteġġ ta' 80 %. Fir-rigward tat-teknoloġiji diġitali avvanzati, l-indikaturi għall-big data (2020), il-cloud u l-IA (2021) kienu ogħla mill-medja tal-UE ta' 27 %, 60 % u 13 % rispettivament, iżda n-Netherlands għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu aktar biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali fil-livell tal-UE. Ġew stabbiliti sitt Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali (EDIH), li bdew il-ħidma tagħhom fil-bidu tal-2023. L-għadd għoli ta' unicorns li joriġinaw min-Netherlands (24), kif ukoll 39 negozju ieħor li jistgħu jitqiesu bħala unicorns potenzjali futuri, juri l-eżistenza ta' ekosistema ta' negozji ġodda b'saħħitha. In-Netherlands huma wkoll firmatarji tal-Istandard tan-Nazzjonijiet għan-Negozji Ġodda tal-Ewropa. Skont ir-Rapport Ewropew dwar it-Teknoloġija Avvanzata tal-2023, Amsterdam-Delta hija meqjusa bħala waħda mill-aqwa ekosistemi tal-UE għan-negozji ġodda.

***In-Netherlands għandhom ikomplu jimplimentaw il-politiki tagħhom fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. B'mod partikolari, in-Netherlands għandhom ikomplu jgħinu lill-SMEs jaċċessaw teknoloġiji avvanzati, speċjalment il-big data, il-cloud u l-IA, permezz ta' miżuri sostnuti biex jippromwovu l-iżvilupp u l-adozzjoni tagħhom.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Dwar id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, in-Netherlands għandhom punteġġ għoli b'mod ġenerali. B'punteġġ ta' 85 (meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 77) u 89 (meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 84) rispettivament, ħafna servizzi pubbliċi diġitali huma disponibbli għaċ-ċittadini għal avvenimenti tal-ħajja u għan-negozji għal operazzjonijiet kummerċjali regolari. Iċ-ċittadini u n-negozji kollha fin-Netherlands għandhom il-possibbiltà li jagħmlu użu minn eID nazzjonali. Il-livell ta' aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika huwa ġeneralment konformi mal-medja tal-UE, b'punteġġ ta' 69 meta mqabbel ma' 72. Madankollu, l-aċċess għal dawn ir-rekords għadu limitat u frammentat. Qed jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp iddeċentralizzat mis-settur privat ta' għodod biex jingħabru flimkien rekords tas-saħħa elettronika f'portali ċċentralizzati. Fl-aħħar, il-liġijiet qafas il-ġodda li jistabbilixxu regoli dwar l-interazzjonijiet diġitali mal-awtoritajiet pubbliċi u l-iskambju diġitali u d-disponibbiltà ta' rekords mediċi huma pass tajjeb lejn id-diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-servizzi pubbliċi fin-Netherlands. Madankollu, is-suċċess u l-valur miżjud tagħhom liċ-ċittadini se jiddependu mir-regoli ddettaljati li għandhom isegwu u l-implimentazzjoni xierqa u f'waqtha tagħhom mill-partijiet ikkonċernati involuti, kemm pubbliċi kif ukoll privati.

***In-Netherlands għandhom ikomplu jimplimentaw il-politiki tagħhom biex jiddiġitalizzaw is-servizzi pubbliċi.***

## Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tan-Netherlands

L-RRP Netherlandiż jiddedika EUR 1,2 biljun (25,6 %) għat-trasformazzjoni diġitali, li minnhom EUR 834,4 miljun huma mistennija li jintefqu fuq miżuri li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri tad-Deċennju Diġitali[20]..

Il-komponent iddedikat għall-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali huwa maqsum fi tliet kategoriji: investimenti għall-promozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi u ħiliet diġitali; validità għall-futur tas-settur tal-mobbiltà; u validità għall-futur tal-infrastruttura tal-IT tal-gvern. F'din l-ewwel kategorija, hemm miżuri dwar l-IA u l-kwantistika, li huma spjegati aktar fid-dettall fir-rapport tal-pajjiż. Barra minn hekk, investiment biex tingħata spinta lid-diġitalizzazzjoni fl-edukazzjoni huwa parti mill-pjan.

[20] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Polonja

**Il-Polonja għandha ambitu biex ittejjeb il-prestazzjoni tagħha fit-tranżizzjoni diġitali u biex tikkontribwixxi għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE.** Kien hemm progress fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, b'titjib notevoli fl-applikazzjoni ewlenija tal-Gvern elettroniku u fis-saħħa elettronika. Il-Polonja għamlet ukoll progress fil-ħiliet, iżda għandha tistinka aktar biex tilħaq il-miri tad-Deċennju Diġitali. Jeħtieġ ukoll li jiżdiedu l-isforzi fl-infrastrutturi diġitali, peress li l-baned ewlenin tal-ispettru tal-5G għadhom ma humiex disponibbli, u l-qafas regolatorju tal-UE ma huwiex fis-seħħ. Fl-istess ħin, l-operaturi komplew jinvestu f'konnettività fissa. Il-koordinazzjoni tal-politiki diġitali tressqet għall-Ministeru tal-Affarijiet Diġitali li għadu kif inħoloq mill-ġdid fl-1 ta' Mejju 2023.

Il-Polonja qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDICs)** dwar: (i) l-istabbiliment ta' Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, biex tiġi żviluppata infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali u biex jiġu żviluppati mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi; u (ii) Servizzi ta' Trasformazzjoni Interkonnessi Innovattivi tal-Amministrazzjoni Pubblika Massiva, biex tiġi żviluppata ġenerazzjoni ġdida ta' servizzi transfruntieri avvanzati. Il-Polonja hija wieħed mill-Istati Membri li ppreżentaw b'mod konġunt applikazzjoni formali biex jistabbilixxu s-Sħubija Ewropea tal-Blockchain u l-EDIC dwar l-Infrastruttura Ewropea tal-Blockchain, b'appoġġ għas-servizzi pubbliċi transfruntieri fl-UE kollha.

### *ĦILIET DIĠITALI*

L-aktar ċifri reċenti dwar il-ħiliet bażiċi diġitali jpoġġu lill-Polonja taħt il-medja tal-UE u juru diskrepanza konsiderevoli mal-mira tal-UE tad-Deċennju Diġitali ta' 80 %. Fl-2021, 43 % tal-persuni ta' bejn is-16 u l-74 sena kellhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi (UE 54 %) u 21 % kellhom ħiliet diġitali ogħla minn bażiċi (UE: 26 %). Madankollu, is-sistema edukattiva kompliet tintegra l-ICT fil-kurrikuli u tipprovdi finanzjament għall-iskejjel u għal entitajiet oħrajn. L-attivitajiet tal-NGOs kienu forza ewlenija fl-għoti ta' appoġġ barra mis-sistema formali, inklużi attivitajiet iffinanzjati minn fondi pubbliċi, b'inizjattivi bħal *Zdalna Szkoła+* (Skola mill-Bogħod), *Lekcja:Enter*, jew Digital Festival li jipprovdu appoġġ għall-edukazzjoni mill-bogħod u attivitajiet diġitali oħrajn. L-adozzjoni reċenti tal-Programm għall-Iżvilupp tal-Kompetenza Diġitali x'aktarx li ttejjeb il-koordinazzjoni tal-politiki governattivi f'dan il-qasam, filwaqt li l-azzjonijiet iffokati fuq id-diġitalizzazzjoni għall-iskejjel jistgħu jissaħħu. Fil-Polonja, is-sehem ta' speċjalisti tal-ICT mill-impjiegi totali huwa ta' 3,6 %, li huwa inqas mill-medja tal-UE ta' 4,6 %. Barra minn hekk, is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT ta' 16,7 %, huwa wkoll ferm anqas mill-medja tal-UE ta' 18,9 %.

***Il-Polonja għandha żżid l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *B'mod partikolari, il-Polonja għandha ssaħħaħ il-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni primarja, sekondarja u vokazzjonali u fit-taħriġ u żżid it-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali lit-teknoloġiji avvanzati u emerġenti.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Kien hemm żieda kostanti fil-perċentwal ta' unitajiet domestiċi koperti b'networks fissi b'kapaċità għolja ħafna: 71 % fl-2022 meta mqabbel ma' 65 % fl-2020 u qrib il-medja tal-UE ta' 73 % filwaqt li xorta għadu taħt il-mira tal-UE ta' konnettività f'Gigabit kullimkien. Is-sitwazzjoni hija anqas pożittiva fil-konnettività mobbli bi 63 % tal-unitajiet domestiċi koperti mill-5G fl-2022, li hija taħt il-medja tal-UE ta' 81 %. Il-5G ġie pprovdut abbażi ta' baned ta' frekwenza għajr dawk ta' prijorità tal-5G li jippermettu servizzi mtejba, minħabba li l-irkantijiet ġew imdewma b'dik tat-3.6 GHz imnedija biss f'Ġunju 2023. Mil-lat regolatorju, il-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjoni Elettronika li kien mistenni li jiġi adottat f'Diċembru 2020, ma ġiex traspost fil-liġi nazzjonali. Fir-rigward tal-computing kwantistiku, il-Polonja tieħu sehem fil-LUMI-Q, konsorzju multinazzjonali li jaħdem biex jipprovdi ambjent tal-computing

kwantistiku fl-Ewropa kollha u tnieda Ċentru tal-Kwantistika biex jiġu żviluppati u implimentati teknoloġiji tal-computing kwantistiku. Il-Polonja hija membru tal-Impriża Konġunta EuroHPC dwar il-computing ta' prestazzjoni għolja u tas-Sħubija Ewropea tal-Blockchain. Nediet in-nodu tal-Infrastruttura tas-Servizzi tal-Blockchain Ewropea fl-2022 u żviluppat diversi partijiet tas-sistema minn dak iż-żmien. Il-Polonja qed tipparteċipa fil-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni b'parteċipant dirett wieħed attiv fil-fotonika, u ġew imħabbra investimenti privati f'impjant kbir tal-manifattura ta' back-end taċ-ċipep.

***Il-Polonja għandha żżid l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività.*** *Sabiex jiġi inċentivat l-iżvilupp ta' konnettività robusta, il-qafas regolatorju kurrenti tal-UE jeħtieġ li jiġi traspost fir-regolamenti nazzjonali. L-assenjazzjoni tal-ispettru tar-radju meħtieġ għall-konnettività tal-5G b'mod trasparenti, miftuħ u mhux diskriminatorju hija meħtieġa wkoll biex jintlaħqu l-miri tal-5G tad-Deċennju Diġitali. Il-miżuri meħuda mill-Polonja fil-qasam tas-semikondutturi u tal-computing kwantistiku għandhom jitkomplew sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Il-prestazzjoni tal-Polonja għadha taħt il-medja tal-UE filwaqt li għadu meħtieġ progress sinifikanti f'termini tal-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati. Fil-qasam tat-teknoloġiji avvanzati, fl-2021, 19 % tal-kumpaniji kienu qed jużaw soluzzjonijiet tal-cloud, iżda 3 % biss kienu jużaw l-IA u fl-2020 9 % kienu jużaw l-analiżi tal-big data. 61 % tal-SMEs Pollakki għandhom mill-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali, li huwa taħt il-medja tal-UE ta' 69 %. Madankollu, fl-2022, l-integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali fl-attivitajiet tan-negozji għamlet progress kostanti. Diversi korpi governattivi appoġġaw dan l-ixprunar bl-użu ta' finanzjament pubbliku, b'mod partikolari mill-fondi tal-UE.

***Il-Polonja għandha żżid b'mod sinifikanti l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji****. B'mod partikolari, il-Polonja għandha tiffaċilita l-aċċess għal teknoloġiji avvanzati inklużi l-IA, il-big data u l-cloud permezz ta' miżuri sostnuti inklużi aċċess imtejjeb għat-taħriġ, inċentivi u trasferiment tal-għarfien. Għandha tkompli tappoġġa wkoll lill-SMEs fl-isforzi tagħhom biex iżidu l-adozzjoni tagħhom ta' teknoloġiji avvanzati u billi tinkoraġġixxi ekosistemi ta' negozji ġodda.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Il-Polonja għad għandha prestazzjoni baxxa fid-disponibbiltà online tas-servizzi diġitali, b'punteġġ ta' 60 fis-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini (medja tal-UE: 77) u 73 għan-negozji (medja tal-UE: 84). Fis-servizzi tal-Gvern elettroniku, 63 % tal-utenti tal-internet kienu jiddependu fuq is-servizzi tal-Gvern elettroniku, li kien qrib il-medja tal-UE ta' 74 % fl-2022. L-applikazzjoni mObywatel qed tittejjeb aktar (din tkopri karta tal-identità nazzjonali, liċenzja tas-sewwieq jew karta tal-pensjonanti) u kisbet popolarità ma' 9,1 miljun utent f'Diċembru 2022. Fir-rigward tal-aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika, il-Polonja għandha punteġġ ta' 86, li huwa ferm aħjar mill-medja tal-UE (72 fl-2022). Il-Portal tal-Pazjent jipprovdi servizzi mtejba li jikkapitalizzaw fuq l-introduzzjoni b'suċċess ta' preskrizzjonijiet elettroniċi. Il-verżjoni mobbli tal-portal qed tiġi aġġornata b'mod kostanti. Għodda tal-IT hija disponibbli għall-amministrazzjoni pubblika għat-tiftix, għat-tqabbil u għax-xiri ta' servizzi tal-cloud, u ġiet ikkomplementata minn servizzi tal-cloud tal-gvern.

***Il-Polonja għandha żżid l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi****.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Polonja** |
|---|
| Il-miżuri li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jammontaw għal 21,3 % (aktar minn EUR 7,5 biljun) tal-allokazzjoni totali tal-pjan, li minnhom EUR 6,8 biljun huma mistennija jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[21]. Dawn jikkonsistu fl-introduzzjoni tal-konnettività, kemm tal-broadband fiss kif ukoll tal-5G, biex jittejbu l-forniment tas-servizzi pubbliċi lin-negozji u liċ-ċittadini u d-diġitalizzazzjoni tal- |

[21] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

amministrazzjoni pubblika, filwaqt li jiġu msaħħa r-reżiljenza u ċ-ċibersigurtà tagħhom. Il-Polonja għad trid tippreżenta talba għal pagament għall-ewwel segment tal-flus tal-RRF.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Il-Portugall

**Il-Portugall huwa mistenni jagħti kontribut pożittiv għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. Sar progress fit-titjib tal-infrastruttura tal-konnettività għal networks fissi u mobbli, għalkemm għad fadal sfidi kbar. Ħafna nies ma għandhomx ħiliet diġitali essenzjali u l-livell ta' reġistrazzjoni fil-programmi tal-edukazzjoni fl-ICT huwa baxx. Sabiex itejjeb il-kapaċitajiet ta' diġitalizzazzjoni tiegħu u l-adozzjoni tat-teknoloġija, il-Portugall jeħtieġ li jadotta politiki komprensivi u jimplimentahom malajr.

Il-Portugall qed jikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDICs)** dwar: (i) l-istabbiliment tal-Akkademja Ewropea tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà; u (ii) l-istabbiliment ta' Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, biex tiġi żviluppata infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali u biex jiġu żviluppati mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi. Il-Portugall huwa wieħed mill-Istati Membri li ppreżentaw b'mod konġunt applikazzjoni formali biex jistabbilixxu s-Sħubija Ewropea tal-Blockchain u l-EDIC dwar l-Infrastruttura Ewropea tal-Blockchain, b'appoġġ għas-servizzi pubbliċi transfruntieri fl-UE kollha.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Il-Portugall qed jagħmel progress fil-ħiliet diġitali bażiċi, iżda huwa meħtieġ pass aktar mgħaġġel biex jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-mira tad-Deċennju Diġitali. Bħalissa, 55 % tal-popolazzjoni tiegħu ta' bejn is-16 u l-74 sena għandhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi, filwaqt li 29 % biss għandhom livell ogħla mil-livell bażiku ta' ħiliet diġitali.

Il-Portugall jeħtieġ ukoll li jespandi l-isforzi tiegħu biex iżid l-għadd ta' reġistrazzjonijiet tal-ICT (l-ispeċjalisti tal-ICT jammontaw għal 4,5 % tal-impjiegi totali u 2,5 % tal-gradwati huma fl-ICT, eżatt taħt il-medja tal-UE). Madankollu, is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT huwa ta' 20,4 %, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 18,9 %.

***Il-Portugall għandu jaċċellera l-isforzi tiegħu fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *B'mod partikolari, il-Portugall għandu jaċċellera l-implimentazzjoni tal-programmi tiegħu ta' ħiliet diġitali u jilħaq massa kritika ta' persuni fid-demografija kollha. Il-Portugall għandu jħeġġeġ l-investiment tas-settur privat fit-taħriġ tal-ħiliet diġitali u kultura ta' apprendiment tul il-ħajja biex jadatta għat-teknoloġiji u l-ħtiġijiet tal-industrija li qed jevolvu. Il-Portugall għandu jżid ir-reġistrazzjonijiet fl-istudji tal-ICT permezz ta' azzjonijiet immirati li jiżguraw il-kapaċità, it-traċċabbiltà u l-evalwazzjoni, u jipprovdi finanzjament, borża ta' studju u inċentivi għall-ispeċjalisti tal-ICT.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Il-Portugall għandu prestazzjoni partikolarment tajba fin-networks fissi b'kapaċità għolja ħafna (VHCN) u fil-kopertura tal-fibra sal-binjiet (93 % u 91 % rispettivament meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 73 % u 56 %) u fl-adozzjoni ta' broadband fiss ta' mill-anqas 100 Mbps (77 %). Madankollu, l-adozzjoni ta' mill-anqas 1 Gbps (4,5 %) u l-adozzjoni tal-broadband mobbli (82 %) huma taħt il-medja tal-UE. B'mod ġenerali, il-kopertura tal-5G (70 %) tinsab taħt il-medja tal-UE (81 %). Il-Portugall qed jimplimenta miżuri biex jgħin fiż-żieda tal-introduzzjoni tan-network tal-5G, li għadu lura, prinċipalment minħabba dewmien fl-irkant tal-baned ta' 700 MHz u 3.6 GHz, u minħabba inċertezza dwar l-għażla taż-żmien tal-irkant tal-banda ta' 26 GHz.

Il-Portugall qed jipparteċipa fl-ekosistema tal-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni ma' parteċipanti assoċjati (li jirċievu għajnuna taħt il-limitu tal-GBER).

***Il-Portugall għandu jkompli bl-isforzi tiegħu fl-infrastruttura tal-konnettività****, filwaqt li jaċċellera dawk li jappoġġaw il-kopertura tal-5G. B'mod partikolari, il-Portugall għandu jimplimenta miżuri biex*

*jagħti aċċess għall-infrastruttura tan-network, jissimplifika aktar il-proċessi u jarmonizza r-regolamenti lokali biex titħaffef l-introduzzjoni tal-konnettività f'Gigabit.*

*L-isforzi tal-Portugall fil-qasam tas-semikondutturi għandhom jiġu sostnuti sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Fl-2022, 70 % tal-SMEs fil-Portugall kellhom mill-anqas il-livell bażiku ta' intensità diġitali, li huwa ftit aħjar mill-medja tal-UE (69 %) fl-2022. Il-proporzjon ta' intrapriżi li jużaw il-cloud (29 % fl-2021) u l-big data (11 % fl-2021) kienu anqas mill-medja tal-UE ta' 34 % u 14 %. Madankollu, 17 % tan-negozji Portugiżi kienu qed jużaw l-IA fl-2021, aktar mid-doppju tal-medja tal-UE. Il-Portugall qed jimplimenta miżuri biex jagħti spinta lill-adozzjoni mill-intrapriżi tat-teknoloġiji diġitali: inkluża l-banek tat-test, iċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali, katalgu tas-servizzi ta' tranżizzjoni diġitali u għodda u ċertifikazzjoni ta' valutazzjoni tal-maturità diġitali. L-RRP jalloka l-fondi lill-kumpaniji biex jistabbilixxu l-pjattaformi tat-test taħt l-inizjattiva tan-network nazzjonali tal-pjattaformi tat-test dwar il-5G, l-IA, il-big data u l-blockchain. Bħala bażi għal unicorn wieħed biss, il-Portugall jista' jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament għal negozji innovattivi li qed jespandu biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali li jirdoppja l-għadd ta' unicorns. Il-programmi u l-finanzjament pubbliċi kkontribwew għad-diġitalizzazzjoni tal-Portugall, iżda l-pajsaġġ tar-riżorsi jista' jkun kumpless u n-negozji xi drabi qed jiffaċċjaw sfidi biex jiksbu aċċess għalihom għad-diġitalizzazzjoni tagħhom.

***Il-Portugall għandu jaċċellera l-isforzi tiegħu fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. B'mod partikolari, il-Portugall għandu jissimplifika l-proċessi ta' applikazzjoni tiegħu għall-finanzjament pubbliku billi juża kriterji ta' eliġibbiltà konsistenti. Il-Portugall għandu jappoġġa l-użu tal-cloud computing filwaqt li jiżgura l-privatezza tad-data u l-protezzjoni tas-sigurtà. Il-Portugall għandu jħeġġeġ l-iżvilupp tad-DIHs b'mod partikolari billi jintegrahom fil-qafas nazzjonali għad-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, u billi jħeġġeġ il-kollaborazzjoni bejn id-DIHs, in-negozji u partijiet ikkonċernati oħrajn.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Il-Portugall għamel id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi fiċ-ċentru tal-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni tiegħu billi naqqas il-piż amministrattiv u uża l-ICT biex iwassal servizzi pubbliċi aħjar. Is-servizzi online għaċ-ċittadini għandhom punteġġ ta' 78, filwaqt li dak għan-negozji huwa ta' 82, qrib il-medja tal-UE. Il-Portugall qed jimxi lejn il-mira tad-Deċennju Diġitali ta' 100 % taċ-ċittadini tal-UE li jkollhom aċċess għal mezz ta' identifikazzjoni elettronika sigura (eID) rikonoxxut fl-UE kollha. Fil-fatt, li l-eID saret prijorità wassal għal eżiti pożittivi bħall-introduzzjoni tal-mekkaniżmi ta' identifikazzjoni diġitali Portugiżi u l-adozzjoni tagħhom mill-pubbliku, min-negozji u mill-amministrazzjoni pubblika. Filwaqt li l-karta taċ-Ċittadin tal-eID hija obbligatorja, tista' tkun ta' sfida li tintuża għal xi wħud, b'mod partikolari l-anzjani, il-persuni b'diżabilità jew il-persuni li jgħixu f'żoni remoti. Il-Portugall għandu punteġġ ta' 63, li huwa taħt il-medja tal-UE, dwar l-aċċess għad-*data* tas-saħħa elettronika u t-titjib huwa meħtieġa biex jingħata aċċess għar-riżultati, għar-rapporti u għad-*data* mediċi elettroniċi minn fornituri oħrajn tal-kura tas-saħħa fis-setturi pubbliċi u privati.

***Il-Portugall għandu jaċċellera l-isforzi tiegħu biex jiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, jkompli s-sensibilizzazzjoni biex jinforma lill-pubbliku dwar il-vantaġġi tal-eID, ittejjeb il-proċess tal-applikazzjoni tal-eID u jiżviluppa interfaċċi faċli għall-utent.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Portugall** |
|---|
| L-RRP tal-Portugall alloka EUR 3,6 biljun (22 %) għat-trasformazzjoni diġitali. Dik l-allokazzjoni hija mistennija wkoll li tikkontribwixxi għall-miri tad-Deċennju Diġitali[22]. Fi Frar 2023, il-Portugall irċieva t-tieni żborż tiegħu |

[22] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

ta’ EUR 1,8 biljun għal miżuri diġitali, inkluża s-Sistema Sigura ta’ Komunikazzjonijiet Mobbli l-ġdida li tipprovdi komunikazzjoni sigura bil-vuċi, bil-messaġġi u bil-vidjow għall-impjegati tal-gvern. L-Akkademja Diġitali tal-Portugall u *Employment+Digital* jippermettu lill-pubbliku u lin-negozji jivvalutaw il-ħiliet diġitali tagħhom, jiksbu pjanijiet ta’ taħriġ u jagħtu spinta lill-ħiliet diġitali tagħhom. Riżoluzzjoni se tippermetti t-tnedija ta’ offerti pubbliċi għall-installazzjoni, il-ġestjoni u l-operat ta’ networks b’kapaċità għolja f’“żoni bojod”. Barra minn hekk, 17-il Ċentru ta’ Innovazzjoni Diġitali jappoġġaw lill-kumpaniji fl-adozzjoni ta’ teknoloġiji ta’ awtomatizzazzjoni. Il-qafas legali għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika daħal fis-seħħ, inklużi dispożizzjonijiet għas-sigurtà tal-informazzjoni u ċ-ċibersigurtà.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Ir-Rumanija

**Ir-Rumanija għandha ambitu biex ittejjeb il-prestazzjoni tagħha fit-tranżizzjoni diġitali u biex tikkontribwixxi għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. Ir-Rumanija għandha prestazzjoni tajba fil-konnettività fissa, speċjalment il-fibra sal-binjiet (FTTP), fejn għadha qed tagħmel progress b'pass mgħaġġel, u fil-gradwati fl-ICT, bi proporzjon għoli ta' speċjalisti nisa tal-ICT, li mistennija jagħtu kontribut importanti għall-ilħuq tal-miri tad-Deċennju Diġitali. Hemm ukoll xi progress fis-servizzi pubbliċi diġitali, fejn miżuri ppjanati importanti għadhom se jagħtu r-riżultati. Hemm progress limitat f'ċerti indikaturi tad-diġitalizzazzjoni tan-negozju. Għandhom isiru sforzi sinifikanti fil-ħiliet diġitali bażiċi u fil-kopertura tal-5G.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Ir-Rumanija hija ferm taħt il-medja tal-UE kemm fil-ħiliet diġitali bażiċi kif ukoll fl-ispeċjalisti tal-ICT, b'distakk partikolarment wiesa' fil-mira ta' mill-anqas il-ħiliet diġitali bażiċi (28 % meta mqabbla ma' 54 % tal-medja tal-UE) fejn il-mira tal-UE hija ta' 80 % tal-popolazzjoni ta' bejn is-16 u l-74 sena li jkollhom dawn il-ħiliet. Il-proporzjon ta' speċjalisti tal-ICT fl-mpjiegi totali huwa ta' 2,8 %, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 4,6 %. Madankollu, il-proporzjon ta' gradwati fl-ICT fost il-gradwati kollha huwa ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE (6,9 % meta mqabbel ma' 4,2 %). Ir-Rumanija għandha wkoll waħda mill-ogħla proporzjonijiet ta' speċjalisti nisa tal-ICT fl-UE, 25,2 %. Sforzi sostnuti u komprensivi fl-oqsma tal-ħiliet diġitali bażiċi u tal-ispeċjalisti tal-ICT huma ta' importanza kbira għat-trasformazzjoni diġitali tar-Rumanija. Ir-Rumanija bdiet timplimenta diversi miżuri importanti skont l-RRP tagħha, inkluż l-istabbiliment ta' qafas leġiżlattiv ġdid għad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-tnedija ta' diversi skemi ta' għotjiet.

***Ir-Rumanija għandha żżid b'mod sinifikanti l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *B'mod partikolari, ir-Rumanija għandha tkompli tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati privati fl-iżvilupp u t-twettiq ta' politiki għall-ħiliet diġitali. Ir-Rumanija għandha tagħti attenzjoni speċjali wkoll lit-tisħiħ tal-isforzi għat-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet, kif ukoll lill-attrazzjoni u ż-żamma ta' speċjalisti tal-ICT.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Il-konnettività hija l-qasam li fih ir-Rumanija għandha l-aħjar riżultati, u tissodisfa waħda mill-prekundizzjonijiet għal trasformazzjoni diġitali b'suċċess. 96 % tal-unitajiet domestiċi Rumeni diġà għandhom aċċess għan-networks tal-Gigabits/FTTP, li huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE (73 % għall-kopertura tal-VHCN u 56 % għall-kopertura tal-FTTP). Madankollu, il-kopertura tal-5G hija ta' 27 %, li huwa ferm anqas mill-medja tal-UE ta' 80 %. Diversi miżuri implimentati fl-2022 skont l-RRP Rumen huma mistennija li jwasslu għal progress f'dan il-qasam, b'mod partikolari l-liġi l-ġdida dwar is-sigurtà tan-network tal-5G, l-implimentazzjoni ta' diversi rakkomandazzjonijiet stabbiliti fis-sett ta' għodod għall-konnettività tal-UE u irkant għal-liċenzji tal-5G b'obbligi ta' kopertura importanti li f'xi każijiet jibqgħu għaddejjin sal-2033.

Fir-rigward tal-mira tas-semikondutturi, ir-Rumanija qed tagħti kontribut sinifikanti, permezz tal-RRP, lill-IPCEI dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni bi tliet parteċipanti diretti attivi f'apparati u sensuri għal applikazzjonijiet tal-karozzi, tal-ajruspazju/tad-difiża u tal-bijomediċina. Ir-Rumanija hija involuta wkoll fl-inizjattiva EuroQCI biex tinbena infrastruttura pan-Ewropea ta' komunikazzjoni kwantistika u qed tiżviluppa aktar kompetenzi fil-kwantistika.

***Ir-Rumanija għandha taċċellera l-isforzi tagħha fl-infrastruttura tal-konnettività****, b'mod partikolari fir-rigward tal-introduzzjoni tal-konnettività tal-5G, filwaqt li tesplora s-sorsi kollha disponibbli ta' finanzjament biex tieħu ħsieb l-investimenti privati fl-oqsma li ma humiex kummerċjalment vijabbli.*

*L-isforzi tar-Rumanija fil-qasam tas-semikondutturi u l-kwantistika għandhom jiġu sostnuti sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Id-diġitalizzazzjoni tan-negozji għadha sfida ewlenija fir-Rumanija. L-adozzjoni ta' teknoloġiji avvanzati bħas-servizzi tal-cloud computing, l-intelliġenza artifiċjali u l-big data kienu ferm taħt il-medja tal-UE. Id-distakk mal-medja tal-UE huwa kemxejn iżgħar għall-SMEs b'mill-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali, ta' 53 %, meta mqabbel ma' medja tal-UE ta' 69 % fl-2022. Diversi miżuri li għaddejjin huma mistennija li jwasslu għal progress f'dan il-qasam, inkluża skema ta' appoġġ skont l-RRP, immirata kemm għall-iżvilupp kif ukoll għall-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali mill-SMEs, kif ukoll għal miżura kontinwa tal-FEŻR immirata lejn l-iżvilupp ta' raggruppamenti ta' innovazzjoni, u b'hekk settur tal-ICT xprunat aktar mill-innovazzjoni.

***Ir-Rumanija għandha żżid b'mod sinifikanti l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji****. B'mod partikolari, ir-Rumanija għandha żżid il-miżuri biex tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tan-negozji u tgħin biex jinħoloq ambjent tan-negozju b'enfasi akbar fuq l-innovazzjoni.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Ir-Rumanija għandha prestazzjoni ferm anqas mill-medja tal-UE fid-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini (punteġġ ta' 48 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 77) u għan-negozji (punteġġ ta' 45 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 84). 24 % tal-utenti online Rumeni biss jużaw b'mod attiv is-servizzi tal-Gvern elettroniku, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 74 %. Madankollu, għadhom għaddejjin sforzi sinifikanti biex is-servizzi pubbliċi jiġu trasformati b'mod diġitali, b'ħafna proġetti, iffinanzjati skont l-RRP, li mistennija jġibu aktar servizzi online, inaqqsu l-frammentazzjoni, itejbu l-interoperabbiltà u jneħħu l-ostakli amministrattivi. Fl-2022, daħal fis-seħħ il-qafas leġiżlattiv meħtieġ għall-ħolqien ta' cloud tal-gvern, inkluża l-Ordinanza ta' Emerġenza li tistabbilixxi l-cloud tal-Gvern nru 89/2022 u l-Liġi dwar l-Interoperabbiltà nru 242/2022. Bħalissa, ir-Rumanija ma nnotifikat l-ebda skema ta' identifikazzjoni elettronika (e-ID). Madankollu, għadha għaddejja prenotifika u l-RRP jinkludi miżuri biex jitwasslu karti tal-ID elettroniċi lil tmien miljun ċittadin sal-2026. Fir-rigward tal-aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika, jeżisti servizz ċentralizzat ta' aċċess għaċ-ċittadini, iżda huma meħtieġa sforzi biex is-servizzi ta' aċċess jiġu introdotti aktar fil-popolazzjoni kollha kif ukoll għal tipi differenti ta' fornituri tal-kura tas-saħħa. L-RRP Rumen jipprevedi investimenti sinifikanti għall-introduzzjoni ta' infrastruttura diġitali tas-saħħa elettronika u servizzi tat-telemediċina għall-pazjenti u għal dawk li jagħtu l-kura.

***Ir-Rumanija għandha żżid l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi****. B'mod partikolari, għandha tkompli timplimenta l-miżuri ppjanati malajr u b'mod effettiv, inkluż permezz tal-RRP, peress li dawn jirrappreżentaw opportunità ewlenija għat-trasformazzjoni diġitali tal-gvern, b'benefiċċji sinifikanti għaċ-ċittadini u għan-negozji.*

**Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tar-Rumanija**

Il-Pjan Rumen għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiddedika EUR 5,97 biljun (20,5 %) għat-trasformazzjoni diġitali, li minnhom EUR 4,98 biljun huma mistennija jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[23]. Dan jinkludi miżuri bħat-trasformazzjoni diġitali tas-settur pubbliku (b'mod partikolari, cloud governattiv), id-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni, l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tan-negozji u għar-riċerka u l-iżvilupp diġitali, iċ-ċibersigurtà u l-konnettività. L-ewwel pagament ta' EUR 2,6 biljun ġie żborżat lir-Rumanija f'Ottubru 2022, li jkopri, fost affarijiet oħrajn, l-istabbiliment tat-task force għad-diġitalizzazzjoni u, l-adozzjoni tal-liġi dwar is-sigurtà tal-5G u tal-istrateġija taċ-ċibersigurtà. It-tieni talba għal pagament, li għaliha l-Kummissjoni ħarġet valutazzjoni pożittiva parzjali f'Ġunju 2023, tkopri aktar riżultati tanġibbli ewlenin għat-trasformazzjoni diġitali tar-Rumanija, inkluż l-irkant tal-5G, aktar riformi għall-cloud tal-gvern u miżuri għad-diġitalizzazzjoni tal-edukazzjoni.

[23] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Is-Slovakkja

**Is-Slovakkja għandha ambitu li titjieb fit-tranżizzjoni diġitali u li tikkontribwixxi għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**, b'mod partikolari fil-qasam tal-ħiliet diġitali u tas-servizzi pubbliċi diġitali fejn il-progress huwa evidenti. Madankollu, minkejja l-avvanzi reċenti, is-Slovakkja għandha żżid l-isforzi fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji u l-konnettività, b'mod partikolari fl-introduzzjoni tal-5G. Is-Slovakkja qed tipparteċipa fil-proġett multinazzjonali mmirat lejn l-introduzzjoni ta' kurituri 5G fl-Ewropa kollha. F'Diċembru 2022, il-gvern Slovakk adotta l-pjan ta' Azzjoni għat-trasformazzjoni diġitali tas-Slovakkja għall-2023-2026 u l-Istrateġija nazzjonali għall-ħiliet diġitali tar-Repubblika Slovakka u l-pjan ta' azzjoni għas-snin 2023-2026. Flimkien mad-dokument ta' strateġija "Il-Kunċett Nazzjonali ta' Informazzjoni tal-Amministrazzjoni Pubblika għas-Snin 2021-2026" adottat fl-aħħar tal-2021, dawn id-dokumenti huma allinjati mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Kważi nofs il-popolazzjoni tas-Slovakkja ma għandhomx ħiliet diġitali bażiċi. Is-Slovakkja għandha prestazzjoni ftit aħjar mill-medja tal-UE fil-ħiliet diġitali bażiċi iżda, b'55 %, hija ferm anqas mill-mira tal-UE ta' 80 %. Aktar titjib fil-ħiliet diġitali huwa essenzjali.

Il-proporzjon ta' speċjalisti tal-ICT bħala parti mill-impjiegi totali fis-Slovakkja huwa ta' 4,3 %, li huwa ftit anqas mill-medja tal-UE ta' 4,6 %. Il-proporzjon ta' speċjalisti tal-ICT żdied b'mod kostanti mill-2017. Minn dawn l-ispeċjalisti tal-ICT, 14,9 % biss huma nisa, li huwa wieħed mill-aktar ishma baxxi fl-UE. Il-gradwati fl-ICT huma ogħla mill-medja tal-UE: 4,4 % tal-gradwati fis-Slovakkja għandhom lawrja fl-ICT. L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni nazzjonali tal-2023-2026 dwar il-ħiliet diġitali jirrikonoxxu l-ħtieġa li jissaħħu l-kompetenzi diġitali fis-Slovakkja biex tkun tista' tikkontribwixxi għall-isforzi kollettivi biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali tal-ħiliet diġitali "mill-anqas bażiċi" u tal-ispeċjalisti tal-ICT.

***Is-Slovakkja għandha taċċellera l-isforzi fil-qasam tal-ħiliet diġitali**. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jitnaqqas id-distakk diġitali, u biex tiġi żgurata l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli fit-taħriġ diġitali kollu, biex tinżamm tendenza pożittiva għall-għadd ta' gradwati fl-ICT kif ukoll għall-attrazzjoni u ż-żamma ta' speċjalisti tal-ICT.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Is-Slovakkja għamlet aktar progress fir-rigward tal-unitajiet domestiċi koperti minn networks b'kapaċità għolja ħafna (71 % meta mqabbla ma' 67 % fil-perjodu ta' rapportar preċedenti). Minkejja l-prezzijiet relattivament baxxi, l-adozzjoni ta' servizzi tal-broadband b'veloċità għolja ħafna għadha konsiderevolment aktar baxxa mill-medja tal-UE. Bil-pjan nazzjonali tagħha dwar il-broadband (NBP), is-Slovakkja tfittex li tipprovdi lill-unitajiet domestiċi kollha aċċess għal konnessjoni tal-internet ta' mill-anqas 100 Mbps. L-NBP jinkludi possibbiltà ulterjuri ta' titjib għal veloċità tal-gigabits. Madankollu, il-pjan għadu ma huwiex allinjat bis-sħiħ mal-miri tal-konnettività f'Gigabit tad-Deċennju Diġitali tal-2030. Il-finanzjament ta' EUR 112-il miljun huwa disponibbli biex jappoġġa l-konnettività f'Gigabit taħt il-programm ikkofinanzjat tal-FEŻR, li ġie approvat f'Novembru 2022. Is-Slovakkja għamlet ukoll progress sinifikanti fil-kopertura tal-5G. Meta mqabbla mas-sena ta' qabel, din żdiedet b'41 punt perċentwali u fl-2022, 55 % taż-żoni popolati kienu koperti mill-5G. Minkejja dan il-progress, is-Slovakkja għadha ferm taħt il-medja tal-UE ta' 81 %. F'termini ta' kopertura tal-5G fuq il-banda tal-ispettru ta' 3.4-3.8 GHz, rilevanti għal applikazzjonijiet avvanzati li jirrikjedu wisa' tal-banda għolja, b'39 %, is-Slovakkja hija qrib il-medja tal-UE ta' 41 %.

Is-Slovakkja qed tipparteċipa fl-IPCEI dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni b'ħames parteċipanti diretti attivi fid-disinn u l-issensjar taċ-ċipep, l-aktar għal IA (edge) u applikazzjonijiet bijomediċi.

***Is-Slovakkja għandha żżid l-isforzi tagħha fir-rigward tal-infrastruttura tal-konnettività**, biex taċċellera kemm l-introduzzjoni tal-konnettività tal-gigabits kif ukoll tal-5G, speċjalment il-fibra sal-binjiet fiż-żoni rurali. L-implimentazzjoni rapida tal-miżuri tal-FEŻR hija rilevanti ħafna.*

*L-isforzi tas-Slovakkja fil-qasam tas-semikondutturi għandhom jiġu sostnuti sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Minkejja progress konsiderevoli, is-Slovakkja għad fadlilha lakuni kbar fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji, b'mod partikolari fir-rigward tas-sehem tal-SMEs b'mill-anqas livell bażiku ta' intensità (li, b'60 %, huwa taħt il-medja tal-UE ta' 69 %) u fl-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tal-cloud. L-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-2023-2026 għat-trasformazzjoni diġitali tas-Slovakkja ssaħħaħ l-impenn tal-pajjiż biex itejjeb il-prestazzjoni tiegħu f'dan il-qasam u biex jintlaħaq l-għan komuni li tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali ta' mill-anqas 75 % tan-negozji li jużaw il-cloud, l-IA jew il-big data.

***Is-Slovakkja għandha żżid l-isforzi tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji.** B'mod partikolari, is-Slovakkja għandha tiffaċilita l-aċċess għat-taħriġ, għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u tal-għarfien u għal azzjonijiet ta' appoġġ oħrajn, inkluż permezz ta' Ċentri Ewropej għall-Innovazzjoni Diġitali, biex tagħmel aktar progress fid-diġitalizzazzjoni tan-negozji.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

B'mod ġenerali, is-Slovakkja għamlet sforzi biex ittejjeb il-punteġġi u l-klassifikazzjoni tagħha fis-servizzi pubbliċi diġitali, filwaqt li qorbot bil-mod lejn il-medja tal-UE. Madankollu, iċ-ċittadini u n-negozji għadhom jiffaċċaw diffikultajiet meta jużaw is-servizzi pubbliċi diġitali li huma rrapportati li ma jistgħux jintużaw kif xieraq u li għandhom trasparenza limitata. B'mod partikolari, fl-2022, is-Slovakkja għamlet xi progress fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, u laħqet punteġġi ta' 67 għaċ-ċittadini u 77 għan-negozji, iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex tkun tista' tintlaħaq il-mira tal-UE ta' 100. Il-pajjiż innotifika skema tal-eID, aċċessibbli għal 72 % tal-popolazzjoni tiegħu. Is-Slovakkja hija involuta wkoll (permezz ta' entitajiet pubbliċi u privati) fi proġett pilota wieħed fuq skala kbira li jittestja l-Portafoll Ewropew tal-Identità Diġitali f'diversi sitwazzjonijiet ta' kuljum, iffinanzjat taħt il-programm Ewropa Diġitali. Dwar l-aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika, hemm lok sinifikanti għal titjib (il-punteġġ kurrenti huwa 45).

***Is-Slovakkja għandha żżid l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, għandha timmonitorja l-użu effettiv tas-servizzi pubbliċi diġitali kif ukoll l-isfidi possibbli għal gruppi partikolari ta' ċittadini.*

#### Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tas-Slovakkja

Il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tas-Slovakkja jiddedika EUR 1,3 biljun (21 %) għat-trasformazzjoni diġitali, li minnhom EUR 1,2 biljun huma mistennija jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[24]. Is-Slovakkja rċeviet żewġ żborżi ta' pagament, li kienu jinkludu għadd limitat ta' stadji importanti u miri, li jiffokaw fuq iċ-ċibersigurtà fl-amministrazzjoni pubblika u fil-ħiliet diġitali. Il-pajjiż adotta kunċett nazzjonali għall-informatizzazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika, immirat lejn l-aġġornament tar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà u lejn iż-żieda fl-istandardizzazzjoni tas-soluzzjonijiet għall-entitajiet kollha tal-amministrazzjoni pubblika. Barra minn hekk, is-Slovakkja lestiet il-fażi pilota tal-proġett "tablets għall-anzjani" li ddistribwixxa tablets lil 1 000 anzjan u persuna żvantaġġata u ħarriġhom dwar kif jużaw l-apparat.

Is-Slovakkja qed tippjana li timplimenta ftit miżuri marbuta mal-aspett diġitali, inkluż il-bini ta' network ta' erba' Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali u żewġ ċentri addizzjonali tad-diġitalizzazzjoni, pjan ta' azzjoni għat-trasformazzjoni diġitali tas-Slovakkja 2023–2026, u l-istrateġija nazzjonali għall-ħiliet diġitali. F'April 2023, is-Slovakkja ppreżentat RRP immodifikat biex tqis it-tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja (l-allokazzjoni tal-

[24] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

għotja titnaqqas b’EUR 321 miljun) u l-integrazzjoni ta’ kapitolu tar-REPowerEU biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Is-Slovenja

**Is-Slovenja hija mistennija tagħmel kontribut pożittiv għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jintlaħaq il-livell ta' ambizzjoni tiegħu u biex tkompli tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-miri u l-objettivi tad-Deċennju Diġitali, speċjalment fir-rigward tal-ispeċjalisti tal-ICT u l-konnettività fiż-żoni rurali, u għandu jinżamm l-involviment attiv tagħha fi proġetti multinazzjonali dwar teknoloġiji avvanzati. Is-Slovenja qed tħejji b'mod attiv qafas għat-trasformazzjoni diġitali tagħha: hija stabbiliet Ministeru tat-Trasformazzjoni Diġitali u adottat strateġija komprensiva ta' diġitalizzazzjoni, Slovenja Diġitali 2030, li hija allinjata mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali.

Is-Slovenja qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu stabbiliti **Konsorzji għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDICs)** dwar: (i) l-istabbiliment ta' Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, biex tiġi żviluppata infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali u biex jiġu żviluppati mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi; u (ii) il-proġett Tewmin Diġitali Lokali f'Network Lejn CitiVerse, bl-użu ta' teknoloġiji ta' tfixkil u immersivi għal proġetti futuri relatati mal-bliet. Is-Slovenja hija wieħed mill-Istati Membri li ppreżentaw b'mod konġunt applikazzjoni formali biex jistabbilixxu s-Sħubija Ewropea tal-Blockchain u l-EDIC dwar l-Infrastruttura Ewropea tal-Blockchain, li tappoġġa s-servizzi pubbliċi transfruntieri fl-UE kollha.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Mill-anqas il-ħiliet diġitali bażiċi huma ftit anqas mifruxa fil-popolazzjoni Slovena ta' bejn is-16 u l-74 sena milli fl-UE bħala medja (50 % meta mqabbla 54 %). Is-sehem ta' speċjalisti tal-ICT mill-impjiegi totali huwa, b'kuntrast mas-snin preċedenti, inqas mill-medja tal-UE (4,5 % meta mqabbel ma' 4,6 %) u għadu inqas mill-ħtiġijiet kurrenti tas-suq tax-xogħol. Is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT, f'livell ta' 17,6 %, huwa wkoll taħt il-medja tal-UE ta' 18,9 %. 78 % tal-intrapriżi Sloveni rrapportaw diffikultajiet biex isibu speċjalisti tal-ICT b'ħiliet suffiċjenti, li huwa l-ogħla sehem fl-UE. Is-Slovenja bħalissa qed timplimenta diversi miżuri biex iżżid il-livell ta' ħiliet diġitali bażiċi (pereżempju l-Promozzjoni tal-Att dwar l-Inklużjoni Diġitali) u s-sehem ta' speċjalisti tal-ICT (pereżempju l-Pjattaforma għat-Tbassir tal-Kompetenzi u miżuri biex jattiraw speċjalisti barranin tal-ICT), iżda dawn jitqiesu insuffiċjenti fid-dawl tal-ħtiġijiet irrapportati.

***Is-Slovenja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *B'mod partikolari, is-Slovenja għandha żżid il-livell ta' ħiliet diġitali bażiċi u, b'mod partikolari, dawk avvanzati biex tippermetti lill-popolazzjoni u lill-ekonomija tagħha jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tat-trasformazzjoni diġitali. Din għandha ssaħħaħ l-identifikazzjoni bikrija tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tkompli tikkomplementahom b'reazzjonijiet addizzjonali u aktar rapidi, speċjalment fit-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet diġitali u fl-adattament tal--kurrikuli tal-edukazzjoni (għolja) għall-aħħar ħtiġijiet diġitali. Kollaborazzjoni aktar imsaħħa bejn l-industriji, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni (għolja), l-amministrazzjoni pubblika u l-partijiet ikkonċernati rilevanti tista' żżid l-effettività ta' dawk l-azzjonijiet.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Is-Slovenja għandha prestazzjoni tajba fil-kopertura tal-kapaċità għolja ħafna (VHCN) fissa u tal-fibra, iżda l-konnettività rurali u l-kopertura ġenerali tal-5G għadhom sfida. Il-kopertura tal-VHCN fissa hija ftit ogħla mill-medja tal-UE (76 % meta mqabbla ma' 73 %). Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi, speċjalment fiż-żoni rurali, fejn huma koperti biss 51 % tal-unitajiet domestiċi, u fejn it-topografija tal-pajjiż hija sfida. B'mod ġenerali, il-kopertura tal-5G żdiedet b'mod konsiderevoli (minn 37 % għal 64 %) iżda għadha taħt il-medja tal-UE ta' 81 %. Żvilupp ewlieni fil-qasam tal-konnettività kien it-traspożizzjoni tal-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi fil-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, is-Slovenja hija attiva ħafna fl-iżvilupp tal-infrastruttura għat-teknoloġiji avvanzati u qed tipparteċipa f'diversi proġetti multinazzjonali, pereżempju dwar l-Impriża Konġunta Ewropea tal-Computing ta'

Prestazzjoni Għolja, l-Infrastruttura Ewropea tal-Komunikazzjoni Kwantistika u l-Infrastruttura Ewropea tal-Blockchain. Is-Slovenja qed tikkontribwixxi għall-ekosistema tal-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni b'parteċipanti assoċjati (li jirċievu għajnuna taħt il-limitu tal-GBER).

***Is-Slovenja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fl-infrastruttura tal-konnettività.*** *Hi għandha tkompli u tikkomplementa l-isforzi biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-konnettività, speċjalment fiż-żoni rurali. Barra minn hekk, l-attivitajiet tas-Slovenja, inkluż fi proġetti multinazzjonali, fl-iżvilupp tal-infrastruttura għal teknoloġiji avvanzati bħas-semikondutturi, il-computing kwantistiku u l-blockchain għandhom jiġu sostnuti sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Is-Slovenja għandha prestazzjoni tajba f'xi oqsma relatati mad-diġitalizzazzjoni tan-negozji, iżda hemm lok għal titjib, speċjalment minħabba l-mira ambizzjuża tagħha li tkun fost l-ewwel tliet pajjiżi fl-UE f'dan il-qasam sal-2030. Għat-teknoloġiji avvanzati, is-Slovenja kellha prestazzjoni tajba fl-użu tas-servizzi tal-IA u tal-cloud iżda kienet ferm lura fl-analiżi tal-big data (7 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 14 % fl-2020). Il-pajjiż għandu prestazzjoni kemxejn taħt il-medja tal-UE għall-SMEs b'mill-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali (67 % meta mqabbel ma' 69 % fl-2022). Bħalissa ma hemm l-ebda unicorn u l-ebda unicorn futur potenzjali. Fuq l-ekosistema tan-negozji ġodda, hemm lok għal titjib fil-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp fis-settur tal-ICT u fl-aċċess għall-finanzjament, b'mod partikolari l-ekwità, għan-negozji ġodda/negozji li qed jespandu. Is-Slovenja qed tieħu azzjonijiet li huma mistennija li jindirizzaw xi whud minn dawk l-isfidi, pereżempju permezz tal-Att dwar il-Forom ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi.

***Is-Slovenja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji****, b'mod partikolari billi timplimenta u tikkomplementa malajr l-isforzi biex tipprovdi kundizzjonijiet ta' qafas ta' appoġġ, inkluża forza tax-xogħol b'ħiliet għoljin, speċjalment għall-SMEs u għan-negozji ġodda.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Is-Slovenja għandha prestazzjoni pjuttost tajba fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi. Hija għandha prestazzjoni taħt il-medja tal-UE għas-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini (il-punteġġ tagħha ta' 71 huwa taħt il-medja tal-UE ta' 77), iżda hija qrib ħafna tal-medja tal-UE għan-negozji (punteġġ ta' 83 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 84). Il-pajjiż għandu prestazzjoni ogħla mill-medja tal-UE fl-aċċess għar-rekords elettroniċi tas-saħħa għaċ-ċittadini tiegħu (punteġġ ta' 80 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 72). F'Marzu 2022 tnediet karta tal-identità elettronika u ġiet innotifikata skont ir-regolament eIDAS f'Mejju 2023. Is-Slovenja adottat diversi strateġiji biex timmodernizza s-servizzi pubbliċi tagħha, inkluża l-Istrateġija dwar is-Servizzi Pubbliċi Diġitali 2021-2030 u l-Istrateġija dwar is-Saħħa elettronika 2022-2027.

***Is-Slovenja għandha taċċellera l-isforzi tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi.*** *B'mod partikolari, għandha tittraduċi malajr l-orjentazzjonijiet strateġiċi, b'mod parteċipattiv (pereżempju l-inklużjoni tal-feedback tal-utent), f'miżuri ambizzjużi u konkreti biex jiġu pprovduti servizzi diġitali online effiċjenti u faċli għall-utent.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tas-Slovenja** |
|---|
| L-RRP Sloven jammonta għal EUR 2,5 biljun u EUR 0,5 biljun (21 %) huma ddedikati għat-trasformazzjoni diġitali, li minnhom EUR 471 miljun mistennija li jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[25]. Bl-ewwel talba għal pagament tagħha, li jammonta għal EUR 49,6 miljun u żborżat f'April 2023, is-Slovenja laħqet erba' stadji importanti u miri relatati mal-aspett diġitali li jiffokaw fuq żewġ oqsma. L-ewwel nett, id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, inkluża l-identifikazzjoni ta' parteċipanti potenzjali għall-proġetti |

[25] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

multinazzjonali dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi Komuni Ewropej tad-*Data* u dwar il-Proċessuri b'Enerġija Baxxa u ċ-Ċipep Semikondutturi. It-tieni, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, pereżempju l-istabbiliment ta' Kunsill għall-Iżvilupp tal-Informatika tal-Amministrazzjoni tal-Istat. Is-Slovenja bħalissa qed taħdem fuq reviżjoni tal-RRP tagħha biex tqis it-tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja (l-allokazzjoni tal-għotjiet titnaqqas b'EUR 286 miljun) u l-integrazzjoni ta' kapitolu tar-REPowerEU biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika. F'Marzu 2023 infetaħ abbozz għal konsultazzjoni pubblika u ġie ppreżentat lill-Kummissjoni tal-UE fl-14 ta' Lulju 2023.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: Spanja

**Spanja hija mistennija tagħti kontribut pożittiv għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. L-awtoritajiet Spanjoli għamlu sforzi sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, u b'hekk qiegħdu l-pedament għal trasformazzjoni diġitali ambizzjuża tal-ekonomija Spanjola. Spanja għamlet progress sinifikanti fl-erba' dimensjonijiet kollha tad-Deċennju Diġitali. L-istrateġija "Spanja Diġitali 2026", li hija allinjata mal-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali, ġiet ippreżentata fl-2022 biex tkompli tippromwovi t-trasformazzjoni diġitali permezz ta' sett ta' riformi u investimenti pubbliċi u privati sinifikanti.

Spanja qed tikkollabora ma' Stati Membri oħrajn fl-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi stabbilit **Konsorzju għall-Infrastruttura Diġitali Ewropea (EDICs)** dwar: (i) l-Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi, biex tiġi żviluppata infrastruttura komuni fil-qasam tal-ipproċessar tal-lingwi naturali u biex jiġu żviluppati mudelli lingwistiċi kbar b'diversi lingwi; (ii) Ġenoma, biex ikun jista' jkun hemm aċċess transfruntier effettiv u sigur għar-repożitorji tas-settijiet tad-*data* ġenomiċi personali; (iii) u l-proġett Tewmin Diġitali Lokali f'Network Lejn CitiVerse, bl-użu ta' teknoloġiji ta' tfixkil u immersivi għal proġetti futuri relatati mal-bliet.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Aktar minn terz tal-popolazzjoni ta' Spanja ma għandhiex ħiliet diġitali bażiċi. Madankollu, Spanja għandha prestazzjoni tajba f'mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi u ħiliet diġitali ogħla minn bażiċi, b'64 % u 38 % tal-popolazzjoni li jibbenefikaw minn dawn il-ħiliet rispettivament, li huwa ogħla mill-medja tal-UE. Il-pajjiż ikompli jagħmel progress fiż-żieda tal-perċentwal ta' speċjalisti tal-ICT fil-forza tax-xogħol, fejn qiegħed ftit taħt il-medja tal-UE (4,3 % meta mqabbla ma' 4,6 %), u l-perċentwal ta' gradwati fl-ICT, fejn jaqbeż il-medja tal-UE (4,8 % meta mqabbla ma' 4,2 %). Is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT huwa ta' 18 %, eżatt taħt il-medja tal-UE. Dan jikkontribwixxi biex jitnaqqas id-distakk għad-domanda li qed tikber kontinwament. Spanja qed timplimenta diversi miżuri biex iżżid l-għadd ta' speċjalisti tal-ICT, b'mod partikolari liġi ġdida biex timmodernizza s-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), approvata f'Marzu 2022, u kors ġdid ta' speċjalizzazzjoni tal-VET dwar l-IA u l-big data.

***Spanja għandha taċċellera l-isforzi tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali**, b'mod partikolari fit-titjib u t-tiġdid tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari, f'teknoloġiji avvanzati u emerġenti, biex tindirizza n-nuqqas ta' speċjalisti tal-ICT. Barra minn hekk, Spanja għandha tkompli tħeġġeġ aktar studenti biex jispeċjalizzaw fl-ICT u tippromwovi d-diversità u adozzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri ta' dan is-suġġett, filwaqt li tnaqqas kwalunkwe sterjotipi possibbli fit-tagħlim u l-apprendiment tal-informatika.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

Spanja hija waħda mill-aqwa atturi tal-UE fl-infrastruttura diġitali, b'mod partikolari fil-konnettività. Fir-rigward ta' networks fissi b'kapaċità għolja ħafna, qiegħda ferm ogħla mill-medja tal-UE (93 % meta mqabbla ma' 73 %), u fil-kopertura tal-fibra sal-binjiet taqbeż il-medja tal-UE b'marġni wiesa' (91 % meta mqabbla ma' 56 %). Il-pajjiż huwa biss ftit ogħla mill-medja tal-UE fil-kopertura ġenerali tal-5G (82 % meta mqabbla ma' 81 %) minħabba dewmien inizjali fl-irkant. Madankollu, Spanja issa assenjat 98 % tal-baned pijunieri kollha tal-5G u, skont l-RRP tagħha, qed timplimenta miżuri xierqa biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali. Spanja adottat il-Liġi dwar it-Telekomunikazzjoni l-ġdida tagħha fl-2022 u qed tippromwovi kemm l-introduzzjoni tal-5G kif ukoll tal-broadband. Fir-rigward tas-semikondutturi u t-teknoloġiji l-aktar avvanzati, f'Mejju 2022, Spanja approvat il-Proġett Strateġiku għall-Irkupru u t-Trasformazzjoni Ekonomiċi dwar il-mikroelettronika u s-semikondutturi (PERTE Chip) biex issaħħaħ il-kapaċità tad-disinn u tal-produzzjoni tal-industrija fi Spanja sabiex trawwem sovranità strateġika nazzjonali u tal-UE. Il-pajjiż jipparteċipa fl-IPCEI dwar il-Mikroelettronika u t-Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni bi 11-il parteċipant dirett attivi f'diversi oqsma (materjal, disinn ta' sors miftuħ,

tagħmir, imballaġġ, konnettività, fotonika). Spanja bħalissa qed timplimenta diversi miżuri li jistgħu jgħinu biex jinkiseb l-ewwel kompjuter tal-Ewropa b'aċċellerazzjoni kwantistika sal-2025.

***Spanja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha dwar l-infrastruttura diġitali**, b'mod partikolari billi taċċellera l-kopertura tal-5G. Hi għandha taċċellera l-istabbiliment ta' ekosistemi tal-5G fl-ibliet, fil-fabbriki u fiż-żoni rurali rilevanti, u, f'dan il-kuntest, tħeġġeġ sħubijiet bejn kumpaniji innovattivi u kumpaniji fuq skala kbira li jipprovdu l-infrastruttura li għandha tiġi skjerata. Il-miżuri meħuda minn Spanja fil-qasam tas-semikondutturi u tal-computing kwantistiku għandhom jitkomplew sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

Il-perċentwal ta' SMEs b'livell bażiku ta' intensità diġitali huwa kemxejn taħt il-medja tal-UE (68 % meta mqabbel 69 %), għalkemm l-awtoritajiet Spanjoli qed jagħmlu sforzi biex itejbu d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi. Fir-rigward tal-integrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, id-*data* tal-2022 turi progress sostanzjali peress li 12,3 % tal-intrapriżi jużaw l-IA u 14,3 % jużaw il-big data għall-analiżi interna. Minħabba l-għadd kbir ta' SMEs u s-sehem importanti tagħhom fl-ekonomija Spanjola, ir-riformi u l-investimenti mmirati lejn it-titjib tal-iskalabbiltà u d-diġitalizzazzjoni tal-SMEs se jkollhom impatt multiplikatur indirett. Spanja nediet l-inizjattiva tal-Kitt Diġitali biex tippromwovi mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni skalabbli, b'impatt għoli u pubbliċi-privati biex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-SMEs, u l-programm tal-Aġenti tal-Bidla biex l-SMEs jingħataw għotjiet biex jimpjegaw esperti tat-trasformazzjoni diġitali. Skont l-Istrateġija Nazzjonali tal-IA ta' Spanja, il-pajjiż ħa miżuri importanti dwar l-IA li għandhom jappoġġaw aktar żvilupp ta' dawn it-teknoloġiji u jżidu l-adozzjoni mill-intrapriżi. Il-pajjiż jipparteċipa wkoll fl-IPCEI dwar l-Infrastruttura u s-Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss. Barra minn hekk, tnedew diversi miżuri biex jiġi mħeġġeġ ambjent favorevoli għall-kumpaniji u għall-unicons emerġenti, b'mod partikolari l-Liġi dwar in-Negozji Ġodda.

***Spanja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji.** B'mod partikolari, għandha tkompli tappoġġa l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, b'mod partikolari, fl-SMEs, u tipprovdi kundizzjonijiet qafas ta' appoġġ għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

Spanja tinsab fuq quddiem nett tal-Gvern elettroniku u tas-servizzi pubbliċi diġitali fl-UE u tkompli taġġorna s-servizzi u l-infrastruttura tagħha biex tagħmilhom konformi mal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi u mal-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tan-negozji. Spanja għandha prestazzjoni ferm ogħla mill-medja tal-UE fl-indikaturi li jkejlu l-għadd ta' utenti tal-internet li jużaw servizzi tal-Gvern elettroniku (84 % meta mqabbla ma' 74 %), fis-servizzi pubbliċi diġitali għaċ-ċittadini (86) u għan-negozji (91), u fl-aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika (83). Spanja għandha mezz wieħed tal-eID, il-karta tal-identità Spanjola (DNIe) innotifikata skont ir-regolament eIDAS. Spanja għamlet progress fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-servizzi pubbliċi diġitali fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.

***Spanja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi**. B'mod partikolari, għandha tkompli żżid l-isforzi tagħha biex tgħaqqad tipi addizzjonali ta' forniturі tal-kura tas-saħħa mar-rekords elettroniċi tas-saħħa sakemm tintlaħaq kopertura sħiħa. Spanja għandha tkompli tieħu wkoll miżuri biex tiżgura li kwalità komparabbli tas-servizz u kompletezza tad-data elettronika dwar is-saħħa tiġi pprovduta fil-livell reġjonali.*

| **Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) ta' Spanja** |
|---|
| Il-Pjan Spanjol għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiddedika EUR 19,6-il biljun(28,2 %) għat-trasformazzjoni diġitali, li minnhom EUR 18,8-il biljun huma mistennija jikkontribwixxu għall-miri tad-Deċennju Diġitali[26]. Spanja ssottomettiet b'suċċess tliet talbiet għal pagament, li jkopru ħafna stadji importanti u miri għall-miżuri diġitali |

[26] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

inklużi: (i) l-istrateġija għall-promozzjoni tat-teknoloġija tal-5G; (ii) il-Pjan ta' Diġitalizzazzjoni għall-SMEs għall-2021-2025; (iii) l-istrateġija nazzjonali għall-IA; l-assenjazzjoni tal-banda ta' 700 MHz u l-att legali dwar it-tnaqqis tat-taxxi fuq l-ispettru tal-5G; (v) id-dħul fis-seħħ tal-Liġi 11/2022 tat-28 ta' Ġunju tat-Telekomunikazzjoni Ġenerali ta' Spanja; (vi) il-programm Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Industrija taċ-Ċibersigurtà; u (vii) il-Liġi Organika 3/2022 tal-31 ta' Marzu 2022 dwar l-organizzazzjoni u l-integrazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali. F'Ġunju 2023, Spanja ppreżentat l-addendum tagħha għall-RRP, filwaqt li saħħet id-dimensjoni diġitali tagħha, li qed jiġi rrieżaminat mill-Kummissjoni.

# Ir-Rapport dwar il-Pajjiżi tad-Deċennju Diġitali 2023: l-Iżvezja

**L-Iżvezja hija mistennija tagħti kontribut qawwi ħafna għall-isforzi kollettivi biex jintlaħqu l-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE**. L-Iżvezja saret iddiġitalizzata fi stadju bikri u għandha storja twila ta' konnettività għolja u tagħmel użu minn għodod diġitali. Bħala pajjiż diġitalment matur, l-Iżvezja tkompli taħdem tajjeb fid-dimensjonijiet kollha tad-Deċennju Diġitali. Madankollu, il-progress naqas fil-konnettività u l-Iżvezja għadha lura b'mod sinifikanti fir-rigward tal-kopertura tal-5G. Il-popolazzjoni għandha livell għoli ta' kompetenzi u ħiliet diġitali, iżda hija sfida biex tissodisfa d-domanda għolja tal-industrija għall-ispeċjalisti tal-ICT. L-istrateġija tad-diġitalizzazzjoni tal-2017 tissottolinja l-importanza ta' forza tax-xogħol diġitalment kompetenti; madankollu, l-istrateġija ma tispeċifika l-ebda mira.

### *ĦILIET DIĠITALI*

Il-popolazzjoni tal-Iżvezja għandha livell għoli ta' ħiliet diġitali u hija mistennija tagħti kontribut importanti biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali. Fl-2023, 67 % tal-persuni ta' bejn is-16 u l-74 sena fl-Iżvezja kellhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 54 %. Diversi inizjattivi li għaddejjin bħalissa ifittxu li jkomplu jtejbu l-livell tal-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni Żvediża.

Bi 8,6 %, is-sehem ta' speċjalisti tal-ICT mill-impjiegi totali huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE (4,6 %). Is-sehem ta' nisa fost l-ispeċjalisti tal-ICT, bi 22,9 %, huwa wkoll ogħla mill-medja tal-UE (18,9 %). Madankollu, l-industrija tissottolinja li d-domanda għall-ispeċjalisti tal-ICT għadha ma hijiex qed tiġi ssodisfata. Huwa importanti li l-Iżvezja żżid l-isforzi tagħha biex tindirizza din il-kwistjoni, anke bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-mira tad-Deċennju Diġitali tal-ispeċjalisti tal-ICT.

***L-Iżvezja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tal-ħiliet diġitali.*** *Sabiex tissodisfa d-domanda dejjem akbar għall-ispeċjalisti tal-ICT, l-Iżvezja għandha timmonitorja mill-qrib il-pjanijiet biex tħeġġeġ aktar studenti jispeċjalizzaw fl-ICT billi timplimenta azzjonijiet speċifiċi, marbuta maż-żmien u li jistgħu jitkejlu li jtejbu t-traċċabbiltà, l-evalwazzjoni u s-segwitu tal-programmi u l-impatt tagħhom fuq il-popolazzjoni.*

### *INFRASTRUTTURA DIĠITALI*

L-Iżvezja qed tkompli tagħmel progress fil-konnettività fissa. Madankollu, dan beda jaqa' lura mill-medja ġenerali tal-UE. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-unitajiet domestiċi għandhom aċċess għal networks b'kapaċità għolja ħafna (85 % meta mqabbla ma' 73 % fl-UE b'mod ġenerali), l-introduzzjoni tal-fibra naqset wara li laħqet il-quċċata fl-2016 u għad hemm lakuni fl-aċċess għall-gigabits, speċjalment f'żoni rurali (76 % tal-unitajiet domestiċi koperti), li għad iridu jiġu indirizzati. L-adozzjoni tal-konnettività f'Gigabit hija biss ta' 6,1 %, li huwa inqas mill-medja tal-UE ta' 13,8 %. Dwar il-konnettività mobbli, l-introduzzjoni tan-network tal-5G żdiedet wara dewmien fl-irkant tal-ispettru rilevanti, iżda l-Iżvezja għadha lura ħafna mill-UE fir-rigward tal-kopertura (20 % meta mqabbla ma' 81 %) u tal-adozzjoni. Jeħtieġ li jsir aktar biex titlesta l-assenjazzjoni li suppost saret tal-ispettru tar-radju f'xi whud mill-baned pijunieri tal-5G.

Fir-rigward ta' infrastrutturi diġitali oħrajn, l-Iżvezja tipparteċipa fi proġetti multinazzjonali dwar l-akkwist ta' supercomputers u kompjuters kwantistiċi. Hemm ukoll inizjattivi fis-seħħ biex jappoġġaw il-produzzjoni tas-semikondutturi u l-introduzzjoni ta' nodi periferiċi, f'konformità mal-miri tad-Deċennju Diġitali.

***L-Iżvezja għandha taċċellera l-isforzi tagħha b'rabta mal-infrastruttura tal-konnettività.*** *B'mod partikolari, l-Iżvezja għandha taċċellera l-introduzzjoni tal-5G f'konformità mad-domanda emerġenti tas-suq u billi tassenja l-ispettru li jifdal fil-baned pijunieri tal-5G. B'mod speċifiku, l-Iżvezja għandha tivvaluta b'mod regolari d-domanda emerġenti tas-suq għall-ispettru mhux assenjat li jifdal fil-banda ta' 26 GHz (biex tinċentiva u tiffaċilita l-introduzzjoni ta' servizzi tal-5G għal applikazzjonijiet avvanzati) u tassenjah meta toħroġ id-domanda. Barra minn hekk, l-Iżvezja għandha tassenja l-ispettru li jifdal fil-baned ta' 2.1 u 2.6 GHz u fil-banda ta' 900 MHz mingħajr aktar dewmien.*

*Il-miżuri meħuda mill-Iżvezja fil-qasam tas-semikondutturi, l-edge u l-computing kwantistiku għandhom jitkomplew sabiex jgħinu lill-UE ssir attur tas-suq b'saħħtu f'dawn l-oqsma.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI*

L-Iżvezja hija minn ta' quddiem nett fl-UE fir-rigward tal-unicorns (37), u hija mistennija tagħmel kontribut sinifikanti għall-miri kollha tad-Deċennju Diġitali fid-dimensjoni dwar id-diġitalizzazzjoni tan-negozji. Fl-2022, 87 % tal-SMEs fl-Iżvezja kienu laħqu mill-anqas livell bażiku ta' intensità diġitali (meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 69 % fl-2022), li kienet qed toqrob lejn il-mira tal-2030 ta' 90 %. Bejn l-2021 u l-2024, l-Aġenzija Żvediża għat-Tkabbir Ekonomiku u Reġjonali qed timplimenta miżuri biex issaħħaħ in-negozji mikro u żgħar fiż-żoni rurali permezz tal-possibbiltajiet ta' diġitalizzazzjoni.

Minkejja li l-perċentwal ta' intraprizi Żvediżi li adottaw teknoloġiji diġitali avvanzati huwa ogħla milli fl-UE b'mod ġenerali, huma meħtieġa aktar sforzi biex tintlaħaq il-mira tad-Deċennju Diġitali, b'mod partikolari fl-adozzjoni tal-IA (10 % fl-2021) u tal-big data (19 % fl-2020).

***L-Iżvezja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tan-negozji**. B'mod partikolari, l-Iżvezja għandha tkompli tappoġġa l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji avvanzati, inklużi l-IA, il-big data, il-cloud computing, b'mod partikolari billi tipparteċipa fi proġetti rilevanti multinazzjonali.*

### *DIĠITALIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI PUBBLIĊI*

L-Iżvezja għandha punteġġ ogħla mill-medja f'termini tal-forniment online ta' servizzi pubbliċi ewlenin għaċ-ċittadini u għan-negozji (88/100 għat-tnejn li huma). Il-biċċa l-kbira tal-amministrazzjonijiet pubbliċi qed joffru interazzjonijiet online. L-Iżvezja nnotifikat tliet mezzi ta' eID taħt l-iskema tal-eID Żvediża (Svensk elegitimation). F'Ġunju 2022, il-Gvern ta mandat lill-Aġenzija għall-Gvern Diġitali (Digg) biex tanalizza u tissottometti proposti għall-produzzjoni u l-operat ta' eID tal-gvern. Id-Digg sussegwentement iddeskriviet proposta għal soluzzjoni teknika għal eID ġdida. B'punteġġ kompost ta' 70 minn 100, l-Iżvezja għandha prestazzjoni żewġ punti taħt il-medja tal-UE (72) fl-aċċess online taċ-ċittadini għar-rekords elettroniċi tas-saħħa tagħhom. L-Iżvezja qed tiġbor *data* miftuħa mill-atturi pubbliċi biex tagħmel din id-*data* disponibbli kemm għall-atturi pubbliċi kif ukoll għal dawk privati.

***L-Iżvezja għandha tkompli timplimenta l-politiki tagħha biex tiddiġitalizza s-servizzi pubbliċi.** B'mod partikolari, għandha jiżgura li l-individwi kollha jkollhom aċċess għal skema tal-eID. L-Iżvezja għandha żżid ukoll l-investimenti tagħha biex tappoġġa teknoloġiji diġitali avvanzati fis-servizzi pubbliċi tagħha.*

**Id-Dimensjoni Diġitali fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRP) tal-Iżvezja**

L-RRP Żvediż jammonta għal EUR 3,3 biljun, li minnhom EUR 650 miljun iddedikati għall-ilħuq tal-miri tad-Deċennju Diġitali[27]. B'mod partikolari, l-RRP se jippromwovi l-espansjoni tal-broadband billi jgħaqqad aktar unitajiet domestiċi fl-2023-2025, b'investiment ta' EUR 464 miljun. Barra minn hekk, il-pjan jinkludi investimenti fl-edukazzjoni vokazzjonali u għolja (EUR 165 miljun), b'enfasi partikolari fuq il-ħiliet diġitali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri tas-suq tax-xogħol. L-RRP jalloka wkoll EUR 21 miljun għat-titjib tas-servizzi diġitali fl-amministrazzjoni pubblika, inkluża infrastruttura diġitali konġunta. L-Iżvezja għadha ma ppreżentatx l-ewwel talba għal pagament tagħha skont l-RRP. Il-Kummissjoni bħalissa qed tirrieżamina l-addendum għall-RRP li l-Iżvezja ppreżentat fl-24 ta' Awwissu 2023.

[27] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.